ATT TA' L-1998 DWAR IL-KUMMERĊ TA' L-ASSIGURAZZJONI

Arranġament ta' l-Artikoli

TAQSIMA I – PRELIMINARI

1. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ
2. Tifsir

TAQSIMA II – SORVELJANZA TAL-KUMMERĊ TA' L-ASSIGURAZZJONI

3. Setgħat u dmirijiet tal-Ministru
4. Setgħat u dmirijiet ta' l-Awtorità Kompetenti

TAQSIMA III – AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TMEXXIJA TA' KUMMERĊ TA' L-ASSIGURAZZJONI

5. Klassifika ta' kummerċ ta' l-assigurazzjoni
6. Restrizzjoni fuq it-tmexxija ta' kummerċ ta' l-assigurazzjoni
7. Awtorizzazzjoni mill-Awtorità Kompetenti għat-tmexxija ta' kummerċ ta' l-assigurazzjoni
8. Ħtiġiet dwar awtorizzazzjoni
9. Kombinazzjoni ta' kummerċ fit-tul u kummerċ ġenerali
10. Applikanti bl-uffiċċju prinċipali f'Malta
11. Applikanti bl-uffiċċju prinċipali barra minn Malta
12. Rappreżentanti ġenerali
13. Aġenti u *managers* ta' l-assigurazzjoni

TAQSIMA IV – KONDIZZJONIJIET GĦAT-TMEXXIJA TA' KUMMERĊ TA' L-ASSIGURAZZJONI

14. Marġini ta' solvibbiltà
15. Nuqqas li jinżamm l-inqas marġini ta' solvibbiltà
16. Fond ta' garanzija li għandu jinżamm minn kumpanniji awtorizzati

17. Proviżjonijiet tekniċi. Kummerċ ġenerali: riżerva ta' ekwalizzazzjoni
18. Kustodja ta' l-attiv li hu meħtieġ li jinżamm f'Malta

TAQSIMA V – KONTIJIET, INVESTIGAZZJONIJIET MINN ATTWARJI U DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI

19. Sena finanzjarja ta' kumpanniji awtorizzati
20. Għemil u pubblikazzjoni ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati
21. Ħatra, dmirijiet u terminazzjoni ta' ħatra ta' udituri
22. Ħatra ta' attwarju minn kumpannija li tmexxi kummerċ fit-tul
23. Kumpannija li tmexxi kummerċ fit-tul ikollha investigazzjonijiet perjodiċi mill-attwarju
24. Obbligazzjonijiet ta' udituri u attwarji lejn l-Awtorità Kompetenti

TAQSIMA VI – SETGĦAT TA' INTERVENZJONI

25. Revoka awtomatika ta' awtorizzazzjoni
26. Setgħa ta' l-Awtorità Kompetenti li tissospendi jew tirrevoka awtorizzazzjoni
27. Avviż ta' sospensjoni jew revoka ta' awtorizzazzjoni
28. Setgħa ta' l-Awtorità Kompetenti li tħares l-interess pubbliku

TAQSIMA VII – SUPERVIŻJONI TA' KUMPANNIJI AWTORIZZATI

29. Setgħa ta' l-Awtorità Kompetenti li teħtieġ tagħrif
30. Setgħa ta' l-Awtorità Kompetenti li teżamina l-affarijiet ta' kumpanniji awtorizzati
31. Setgħa għal dħul biex jinkisbu tagħrif u dokumenti
32. Dikjarazzjonijiet kummerċjali

TAQSIMA VIII – TRASFERIMENT TA' KUMMERĊ TA' L-ASSIGURAZZJONI

33. Trasferiment ta' kummerċ ġenerali
34. Effett ta' approvazzjoni taħt l-artikolu 33
35. Trasferiment ta' kummerċ fit-tul
36. Dispożizzjonijiet supplementari għall-artikolu 35
37. Eżenzjoni taħt din it-Taqsima

TAQSIMA IX – AKWIST U DISPONIMENT TA' AZZJONIJIET, IRTIRAR, XOLJIMENT U STRALĊ

38. Parteċipazzjoni f'kumpannija awtorizzata
39. Kumpanniji li ma jibqgħux imexxu kummerċ
40. Kumpanniji li jagħmlu *servicing* jew *run-off* ta' kummerċ ta' l-assigurazzjoni
41. Xoljiment u stralċ ta' kumpanniji awtorizzati
42. Xoljiment u stralċ ta' kumpanniji awtorizzati f'kummerċ fit-tul

TAQSIMA X – TMEXXIJA TAL-KUMMERĊ TA' L-ASSIGURAZZJONI

43. Tibdil fid-dokumentazzjoni
44. Avviż statutorju minn kumpanniji awtorizzati dwar kummerċ fit-tul
45. Poloz *linked long term*
46. Kuntratti ta' assigurazzjoni ma jistgħux jiġu invalidati minn assiguratur minkejja ksur ta' dan l-Att jew ta' l-Att ta' l-1998 dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji oħra
47. Il-kuntratti jkunu espressi f'lingwa speċifikata
48. Reklami dwar l-assigurazzjoni

TAQSIMA XI – FOND GĦALL-PROTEZZJONI U KUMPENS

49. Twaqqif ta' Fond għall-Protezzjoni u Kumpens
50. Kontribuzzjonijiet għall-Fond
51. Amministrazzjoni tal-Fond
52. Preskrizzjoni dwar talbiet għall-ħlas ta' kumpens mill-Fond
53. Eżenzjoni mit-taxxa fuq l-*income*
54. Eżenzjoni taħt din it-Taqsima

TAQSIMA XII – DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

55. Ko-operazzjoni fid-dmirijiet ta' sorveljanza u skambju ta' informazzjoni
56. Komunikazzjoni mill-udituri, eċċ ma' l-Awtorità Kompetenti
57. It-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji
58. Appelli
59. Konfidenzjalità
60. Komunikazzjoni ta' informazzjoni konfidenzjali
61. Notifika ta' avviżi, eċċ
62. Tkomplija ta' kumpanniji li jmexxu kummerċ ta' assigurazzjoni affiljata
63. Regolamenti dwar valutazzjoni
64. Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti
65. Applikazzjoni ta' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju, Kap. 233, u eżenzjoni taħt l-Att ta' l-1993 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, Att XVII ta' l-1993
66. Esklużjoni ta' responsabbiltà

67. Reati u pieni
68. Proċedimenti għal reat kontra dan l-Att
69. Tħassir u riżervi
70. Emendi ta' liġijiet speċifikati fil-Ħames Skeda

LISTA TA' SKEDI

L-Ewwel Skeda	Dispożizzjonijiet dwar Lloyd's
It-Tieni Skeda	Klassijiet ta' kummerċ fit-tul
It-Tielet Skeda	Klassijiet u gruppi ta' klassijiet ta' kummerċ ġenerali
Ir-Raba' Skeda	Dispożizzjonijiet dwar aġenti u *managers* ta' l-assigurazjoni
Il-Ħames Skeda	Emendi

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

10 ta' Lulju, 1998

ATT Nru. XVII ta' l-1998

ATT biex jirregola l-kummerċ ta' l-assigurazzjoni.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess ħareġ b'liġi dan li ġej:

TAQSIMA I – PRELIMINARI

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni.

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta; u dati differenti jistgħu jkunu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. (1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra –

"aġent fl-assigurazzjoni", dwar kumpannija, tfisser persuna hekk awtorizzata taħt l-artikolu 13 ta' dan l-Att maħtura mill-kumpannija biex tkun l-aġent tagħha dwar il-kummerċ ta' l-assigurazzjoni bl-awtorità li tagħmel kuntratti ta' assigurazzjoni f'isem il-kumpannija skond il-kondizzjonijiet tal-ħatra;

"l-assigurat" tfisser il-parti li lilha, jew li dwarha, jew li lil benefiċjarji tagħha, għandha titħallas somma ta' flus jew ħlas ieħor taħt kuntratt ta' assigurazzjoni ma' ġrajja speċifikata;

"l-assiguratur" tfisser il-parti f'kuntratt ta' assigurazzjoni li tiftiehem li thallas somma ta' flus jew ħlas ieħor ma' ġrajja speċifikata;

"assigurazzjoni affiljata" tfisser il-kummerċ ta' kumpannija ta' l-assigurazzjoni reġistrata f'Malta u li l-kummerċ ta' assigurazzjoni tagħha hu ristrett għal riskji li joriġinaw minn kumpanniji li jkunu membri ta' grupp ta' kumpanniji, li tiegħu hi stess tkun membru, u li jkollha *parent company* jew *holding company* waħda jew ma' kumpanniji li jkunu l-azzjonisti waħdenin tal-kumpannija ta' l-assigurazzjoni li tmexxi dak il-kummerċ u s-sussidjarji tagħhom;

"attwarju approvat" u "attwarju" għandhom it-tifsir mogħti lilhom bis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 22 ta' dan l-Att;

"Awtorità Kompetenti" tfisser il-korp stabbilit taħt is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att;

"awtorità regolatorja barranija" tfisser awtorità li f'pajjiż barra minn Malta tkun twettaq xi funzjoni li tikkorrispondi għal-

(a) funzjoni tal-Ministru taħt dan l-Att; jew

(b) funzjoni ta' l-Awtorità Kompetenti taħt l-istess Att;

"awtorizzazzjoni", dwar il-kummerċ ta' l-assigurazzjoni, jew dwar xi ħaġa li għandha x'taqsam miegħu jew anċillari għalih, tfisser awtorizzazzjoni jew awtorizzazzjoni mitqiesa bħala hekk taħt dan l-Att, u "awtorizzat" għandha tiftiehem skond hekk;

"detentur ta' polza" tfisser il-persuna li għal dak iż-żmien tkun id-detentur legali tal-polza li tassigura l-kuntratt ma' l-assiguratur;

"Direttiva dwar l-Assigurazzjoni" tfisser Direttiva dwar il-kummerċ ta' l-assigurazzjoni maħruġa mill-Awtorità Kompetenti bis-saħħa tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att;

"direttur", dwar kumpannija, tinkludi individwu li jkun jokkupa l-pożizzjoni ta' direttur tal-kumpannija, imsejjaħ b'isem ikun li jkun, li jkollu s-setgħa li jmexxi sostanzjalment l-istess

funzjonijiet relattivi għad-direzzjoni tal-kumpannija bħal dawk magħmula minn direttur u, relattivament għal kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun qiegħed f'pajjiż barra minn Malta, tinkludi membru ta' bord lokali, aġent u l-persuna msemmija bħala r-rappreżentant ta' dik il-kumpannija għall-fini tas-sub-paragrafu (i) tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 ta' dan l-Att;

"fergħa" —

(a) dwar kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta, tfisser il-fond tal-kumpannija, barra mill-uffiċċju prinċipali tagħha, minn fejn jitmexxa l-kummerċ ta' l-assigurazzjoni; u

(b) dwar kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'pajjiz barra minn Malta, tfisser fond f'Malta tal-kumpannija minn fejn jitmexxa l-kummerċ ta' l-assigurazzjoni minn persuna li tissodisfa l-ħtiġiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 11 ta' dan l-Att u li jkollha awtorità li taġixxi għall-kumpannija;

"fond ta' garanzija" għandha tiftiehem skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 16 ta' dan l-Att;

"fondi tal-kumpannija stess" għandha tiftiehem skond Direttiva dwar l-Assigurazzjoni magħmula mill-Awtorità Kompetenti għall-finijiet ta' dan l-Att sabiex tistabbilixxi l-ammonti u l-elementi li jikkostitwixxu l-fondi tal-kumpannija stess;

"funzjonijiet" tinkludi responsabbiltajiet, setgħat u dmirijiet;

"*holding company*" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lill-kliem "*parent company*" fl-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji; Att XXV ta' l-1995.

"*holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet" tfisser *holding* ta' azzjonijiet ta' ekwità dirett jew indirett f'kumpannija li jirrappreżenta għaxra fil-mija jew iżjed tal-kapital azzjonarju maħruġ minn dik il-kumpannija jew tal-jeddijiet ta' votazzjoni marbuta ma' dak il-kapital azzjonarju jew li jagħmilha possibbli li tkun eżerċitata influwenza sinifikattiva fit-tmexxija tal-kumpannija, u "azzjonista kwalifikattiv" għandha tiftiehem skond hekk;

"kondizzjonijiet" tinkludi obbligazzjonijiet u restrizzjonijiet;

"kontroll", dwar korp ġuridiku, huwa s-setgħa biex jiġu stabbiliti l-*policies* finanzjarji u operattivi ta' korp ġuridiku;

"kontrollur", dwar korp ġuridiku, huwa persuna li, waħedha jew flimkien ma' oħrajn, teżerċita kontroll tal-korp ġuridiku;

"Korp ta' l-Assigurazzjoni Rikonoxxut" tfisser kull soċjetà, korporazzjoni jew korp (ikun kostitwit kif ikun) stabbilit u rikonoxxut taħt il-liġi ta' pajjiż barra minn Malta li l-membri tiegħu, bis-saħħa ta' dik is-shubija, ikollhom jedd imexxu l-kummerċ ta' l-assigurazzjoni f'dak il-pajjiż bla ħsara għal kull regola u regolamenti u limitazzjoni minn żmien għal żmien stabbiliti jew imposti minn dik is-soċjetà, korporazzjoni jew korp u li tkun jew ikun rikonoxxut għall-finijiet ta' dan l-Att b'Ordni magħmul mill-Awtorità Kompetenti;

"korp ġuridiku" tfisser kull entità li għandha l-personalità legali distinta minn dik tal-membri tagħha;

"kummerċ fit-tul" għandha t-tifsir mogħti lilha bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att;

"kummerċ ġenerali" għandha t-tifsir mogħti lilha bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att;

"kummerċ ta' l-assigurazzjoni" tfisser l-għemil u t-twettiq ta' kuntratti ta' l-assigurazzjoni ta' dik il-klassi jew dawk il-klassijiet ta' kummerċ fit-tul jew klassi jew klassijiet jew parti minn klassijiet ta' kummerċ ġenerali kif rispettivament speċifikati fit-Tieni Skeda u fit-Taqsima I tat-Tielet Skeda li jinsabu ma' dan l-Att, u, bla ħsara għal kull ħaġa li tinsab f'xi liġi oħra, tinkludi —

(a) l-għemil u t-twettiq, minn persuna li ma tkunx qed tmexxi kummerċ bankarju, ta':

(i) kuntratti għal *fidelity bonds*, *performance bonds*, *administration bonds*, *bail bonds* jew *bonds* taddwana jew kuntratti ta' garanzija bħal dawn, li jkunu kuntratti li jsiru bħala kummerċ (u mhux sempliċiment inċidentali għal xi kummerċ ieħor li jitmexxa mill-persuna li twettaqhom) bil-ħlas ta' *premium* wieħed jew iktar;

(ii) kuntratti għal fidi ta' kapital;

(iii) kuntratti għall-amministrazzjoni ta' l-investimenti tal-fondi ta' pensjoni:

u, dwar kuntratti għall-amministrazzjoni ta' l-investimenti tal-fondi ta' pensjoni, l-espressjoni "persuna li ma tkunx qed tmexxi kummerċ bankarju" tinkludi "persuna li ma tkunx qed tmexxi servizzi ta' investiment";

(b) kull kummerċ li jitmexxa dwar, jew anċillari għal, kummerċ ta' l-assigurazzjoni;

(ċ) sakemm ma jkunx speċifikat xort'oħra, kummerċ ta' rijassigurazzjoni;

"kumpannija" tinkludi kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta jew f'pajjiż barra minn Malta;

"kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta" tfisser kumpannija ta' responsabbiltà limitata anonima ffurmata u reġistrata f'Malta skond l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji;

"kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'pajjiż barra minn Malta" tfisser kumpannija reġistrata, inkorporata jew kostitwita barra minn Malta skond il-liġijiet ta' kwalunkwe pajjiż kemm-il darba dik il-kumpannija tkun ħarset id-dispożizzjonijiet ta' kull liġi li tista' minn żmien għal żmien tkun issehħ f'Malta relattivament għaliha, u tinkludi, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li hemm fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att, lil Lloyd's u lil kull Korp ta' l-Assigurazzjoni Rikonoxxut ieħor li jkun rikonoxxut mill-Awtorità Kompetenti għall-finijiet ta' dan l-Att u lil kull membru ta' Lloyd's u ta' kull Korp ta' l-Assigurazzjoni Rikonoxxut ieħor;

"kuntratt ta' assigurazzjoni" u "kuntratt", dwar kummerċ ta' l-assigurazzjoni, ifissru ftehim fejn assiguratur jiftiehem, b'korrispettiv, li jħallas lill-assigurat jew akkont tiegħu somma ta' flus jew ħlas ieħor sew jekk bħala indenizz kontra telf, ħsara, danni, xi responsabilità jew xort' oħra, meta tiġri ġrajja speċifikata li dwarha jkun hemm element ta' inċertezza dwar meta ser tiġri jew jekk tiġrix;

"liċenza għal servizzi ta' investiment" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investiment; Att XIV ta' l-1994.

"Lloyd's" għandha l-istess tifsira mogħti lilha fl-Ewwel Skeda li tinstab ma' dan l-Att;

"*manager* fl-assigurazzjoni" tfisser persuna hekk awtorizzata taħt l-artikolu 13 ta' dan l-Att, li l-attivitajiet tagħha jikkonsistu fl-aċċettazzjoni ta' ħatra minn kumpannija, biex tamministra xi parti mill-kummerċ tagħha, jew biex teżerċita funzjonijiet amministrattivi fiha jew biex tkun responsabbli biex iżżomm il-kontijiet jew *records* oħra ta' dik il-kumpannija; u, f'dan il-kuntest, "amministrazzjoni" tinkludi awtorità li tagħmel kuntratti ta' assigurazzjoni f'isem il-kumpannija skond il-kondizzjonijiet tal-ħatra;

"marġini ta' solvibbiltà" u "marġini ta' solvibbiltà ta' Malta" għandhom jiftiehmu skond l-artikolu 14 ta' dan l-Att;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi;

"*money laundering*" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-Att ta' 1-1994 kontra *Money Laundering;*

Att XIX ta' 1-1994.

"pajjiż barra minn Malta" tfisser u tinkludi kull pajjiż, territorju jew post barra minn Malta;

"il-pajjiż tar-rabta" tfisser kull pajjiż fejn id-detentur tal-polza jkollu r-residenza abitwali tiegħu jew, jekk id-detentur tal-polza jkun persuna ġuridika, il-pajjiż fejn ikun qiegħed l-istabbiliment ta' dan ta' l-aħħar, li għalih jirreferi l-kuntratt;

"polza", dwar kummerċ ta' l-assigurazzjoni, tfisser u tinkludi polza jew dokument bħalha, ikun x'ikun l-isem li bih jissejjaħ, li jipprova li jkun hemm kuntratt ta' assigurazzjoni;

"*premium*" tfisser il-kumpens imħallas jew li għandu jitħallas minn assigurat taħt kuntratt ta' assigurazzjoni;

"preskritt" tfisser preskritt b'regoli jew b'regolamenti taħt dan l-Att;

"*Protection and Indemnity Club*" għandha tiftiehem skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 6 ta' dan l-Att;

"proviżjonijiet tekniċi", dwar kummerċ ta' l-assigurazzjoni, għandha tiftiehem skond is-subartikoli (1) sa (6) ta' l-artikolu 17 ta' dan l-Att;

"rabta" tfisser rabta rappreżentata minn xi waħda jew iżjed mix-xorta ta' klassijiet ta' kummerċ fit-tul muri fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att;

"regolamenti dwar valutazzjoni" tfisser ir-regolamenti magħmula taħt l-artikolu 63 ta' dan l-Att;

"reklam", dwar il-kummerċ ta' l-assigurazzjoni, tfisser kull xorta ta' riklamar, sew bil-fomm jew bil-miktub, u bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, tinkludi reklamar f'pubblikazzjoni, il-wiri ta' avviżi, tabelli, tikketti jew kartelluni, bil-mezz ta' ittri, ċirkolarijiet, prospetti, katalgi, listi ta' prezzijiet jew dokumenti oħra, bil-wiri ta' stampi jew filmati fotografiċi jew ċinematografi, bil-mezz ta' xandir bis-smigħ jew bit-televiżjoni, bit-tqassim ta' reġistrazzjonijiet jew b'xi mod ieħor, u riferenzi għall-ħruġ ta' reklam għandhom jiftiehmu f'dan is-sens;

"rikostruzzjoni" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji;

"riskju sitwat barra minn Malta" tfisser riskju li ma jkunx sitwat f'Malta;

"riskju sitwat f'Malta" tfisser u tinkludi —

(a) fil-każ li l-assigurazzjoni tirreferi jew għal bini jew għal bini u l-kontenut tiegħu, safejn il-kontenut ikun kopert bl-istess polza ta' assigurazzjoni, kull riskju relatat ma' proprjetà sitwata f'Malta;

(b) fil-każ li l-assigurazzjoni tirreferi għal vetturi ta' xi xorta, kull riskju relatat ma' kull vettura reġistrata f'Malta;

(ċ) fil-każ li l-assigurazzjoni tirreferi għal vjaġġar jew riskji ta' btajjel, tkun xi tkun il-klassi, kull riskju relatat mal-vjaġġ jew mal-btala jekk il-polza li tkopri r-riskju tkun għal żmien ta' erba' xhur jew inqas u l-polza toħroġ f'Malta;

(d) fil-każ li l-assigurazzjoni tirreferi għal xi riskju ta' xi xorta, barra minn riskju speċifikat fil-paragrafu (a), (b) jew (ċ) ta' hawn fuq, kull riskju ta' kull xorta jekk id-detentur tal-polza jkollu r-residenza abitwali f'Malta, jew meta d-detentur tal-polza jkun persuna ġuridika, jekk l-istabbiliment li għalih jirreferi l-kuntratt ikun sitwat f'Malta;

"sena finanzjarja" għandha tiftiehem skond is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 19 ta' dan l-Att;

"spettur" tfisser persuna hekk maħtura mill-Awtorità Kompetenti taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 30 ta' dan l-Att;

"stabbiliment" —

(a) dwar riskju sitwat f'Malta, tfisser l-uffiċċju prinċipali, aġenzija jew fergħa ta' xi impriża u tinkludi kull preżenza permanenti f'Malta ta' impriża, ukoll jekk dik il-preżenza ma tieħux is-sura ta' fergħa jew aġenzija iżda tikkonsisti minn uffiċċju mmexxi mill-impjegati ta' l-impriża stess jew minn persuna indipendenti li jkollha l-awtorità imfissra jew mifhuma biex taġixxi għal dik l-impriża ;

(b) dwar il-pajjiż tar-rabta, tifsser l-uffiċċju prinċipali, aġenzija jew fergħa ta' impriża u tinkludi kull preżenza permanenti fil-pajjiż ta' impriża, ukoll jekk dik il-preżenza ma tieħux is-sura ta' fergħa jew aġenzija iżda tikkonsisti minn uffiċċju mmexxi mill-impjegati ta' l-impriża stess jew minn persuna indipendenti li jkollha l-awtorità mfissra jew mifhuma biex taġixxi għal dik l-impriża;

"sussidjarju" għandha l-istess tifsira mogħtija lill-kliem "azjenda sussidjarja" fl-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji,

"uditur approvat" u "uditur" għandhom it-tifsir mogħti lilhom bis-subartikolu (10) ta' l-artikolu 21 ta' dan l-Att;

"uffiċjal", dwar kumpannija, tinkludi direttur, soċju, *manager* jew segretarju ta' kumpannija jew xi persuna li effettivament taġixxi f'xi kariga bħal dik sew jekk maħtura formalment jew le;

"vettura" għandha l-istess tifsira kif mogħti lil vettura bil-mutur bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni.

Kap. 104.

(2) (a) L-Awtorità Kompetenti tista' b'Ordni tirrikonoxxi lil Lloyd's bħala Korp ta' l-Assigurazzjoni Rikonoxxut għall-finijiet ta' dan l-Att u, malli jsir dan ir-rikonoxximent, kull membru ta' Lloyd's għandu jitqies bħala awtorizzat, bla ħsara għal dawk ir-restrizzjonijiet li jistgħu jiġu stipulati fl-Ordni, sabiex imexxi f'Malta jew minn Malta, sew permezz ta' aġent fl-assigurazzjoni

awtorizzat li jaġixxi f'isem dak il-membru, jew ma' *broker* fl-assigurazzjoni (li jaġixxi f'isem persuna assigurata jew persuna li se tiġi assigurata) hekk awtorizzat taħt l-Att ta' l-1998 dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji oħra, dak il-kummerċ ta' l-assigurazzjoni hekk kif skond ir-regoli u r-regolamenti ta' Lloyd's u ta' kull liġi applikabbli għalihom dak il-membru jkollu permess li jmexxi.

(b) Id-dispożizzjonijiet ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandhom japplikaw għal Lloyd's u għal kull membru tagħha u dan l-Att għandu, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-istess Skeda, japplika għal Lloyd's u għal kull membru tagħha bl-istess mod u sa l-istess limitu li japplika għal kumpannija awtorizzata.

(ċ) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ikun biżżejjed f'att ġudizzjarju (li ma jkunx rikors għall-ħruġ ta' xi mandat kawtelatorju jew eżekuttiv) ippreżentat minn jew kontra membri ta' Lloyd's in konnessjoni ma' polza maħruġa minnhom, li jiġi ppreżentat f'isem ir-rappreżentant ta' Lloyd's f'Malta in rappreżentanza ta' dawk il-membri kemm-il darba l-att ikun fih dikjarazzjoni li jkun qed jiġi ppreżentat in konessjoni ma' polza maħruġa minn membri ta' Lloyd's u jkun fih in-numru u d-data tal-polza li dwarha jkun ġie ppreżentat l-att, in-numru ta' identifikazzjoni tas-sindakati li jkunu qegħdin jissottoskrivu l-polza u, fejn ikunu magħrufa, l-ismijiet tal-membri ta' Lloyd's miġburin f'dawk is-sindakati. Kap. 12.

Ir-rappreżentant ta' Lloyd's għandu fi żmien ħamsa u erbgħin jum minn meta huwa jippreżenta l-att ġudizzjarju, jew minn meta l-att jiġi lilu notifikat, skond il-każ, jippreżenta nota fl-atti ta' l-istess att ġudizzjarju li jkun ġie ppreżentat kif intqal qabel li jkun fiha l-ismijiet tal-membri miġburin fis-sindakati li jkunu qed jissottoskrivu l-polza u kull nota bħal dik għandha titqies bħala parti integrali mis-sentenza jew digriet li l-qorti tagħti wara li jkun ġie ppreżentat dak l-att ġudizzjarju u dik is-sentenza jew dak id-digriet ikunu jorbtu lill-membri li jkunu ġew indikati fin-nota bl-istess mod li kienu jintrabtu bih li kieku isimhom kien ġie indikat fl-imsemmi att ġudizzjarju:

Iżda r-rappreżentant ta' Lloyd's ma jkunx obbligat li jippreżenta nota bħal dik wara li jiġi ppreżentat xi att ġudizzjarju meta l-partikularitajiet tal-membri ta' Lloyd's miġburin f'dawk is-sindakati jkunu diġà nklużi fl-att jew meta nota bħal dik tkun diġà ġiet ippreżentata fl-atti tal-proċedimenti.

(d) L-Awtorità Kompetenti tista' b'Ordni testendi i paragrafi (a) u (ċ) ta' dan is-subartikolu u d-dispożizzjonijiet ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att għal Korp ta' l-Assigurazzjoni Rikonoxxut, li ma jkunx Lloyd's, li jista' minn żmien għal ieħor jiġi rikonoxxut minnha, u għall-membri ta' Korp bħal dak, bla ħsara għal dawk il-modifikazzjonijiet u żidiet li jista' jidħrilha meħtieġa.

(e) Kull Ordni li jsir taħt dan l-artikolu jista' jiġi revokat jew emendat b'Ordni sussegwenti ta' l-Awtorità Kompetenti u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 58 ta' dan l-Att għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal revoka jew emenda ta' Ordni bħal dak.

(3) F'dan l-Att, u f'kull regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Ingliż u t-test Malti, għandu jipprevali t-test Ingliż.

TAQSIMA II – SORVELJANZA TAL-KUMMERĊ TA' L-ASSIGURAZZJONI

Setgħat u dmirijiet tal-Ministru.

3. (1) Għandu jkun id-dmir tal-Ministru li jeżerċita s-setgħat mogħtija lilu b'dan l-Att sabiex jiżgura t-tħaris minn persuni awtorizzati li jmexxu kummerċ ta' assigurazzjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu u ta' dawk il-kondizzjonijiet li minn żmien għal żmien ikunu speċifikati fl-awtorizzazzjoni rispettiva.

(2) Il-Ministru għandu b'Ordni fil-Gazzetta jaħtar korp biex ikun l-Awtorità Kompetenti għall-finijiet ta' dan l-Att sabiex jaqdi l-funzjonijiet ta' l-Awtorità Kompetenti taħt dan l-Att u sabiex jaqdi dawk il-funzjonijiet l-oħra li l-Ministru jidħirlu xierqa dwar it-tħaddim ta' dan l-Att. Dak il-korp għandu jkun maħtur għal dak iż-żmien li jistabbilixxi l-Ministru u l-Ministru jkollu s-setgħa li f'kull żmien itawwal, iġedded jew itemm dik il-ħatra b'Ordni fil-Gazzetta.

(3) Il-Ministru jista' b'Ordni fil-Gazzetta jeżenta lil xi persuna, jew xi klassi jew klassijiet jew parti ta' klassijiet ta' kummerċ ta' l-assigurazzjoni, mid-dispożizzjonijiet kollha jew xi whud mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u ta' xi regoli jew regolament magħmula bis-saħħa tiegħu, u jista' wkoll minn żmien għal żmien jirrevoka jew jibdel kull eżenzjoni hekk mogħtija.

Setgħat u dmirijiet ta' l-Awtorità Kompetenti.

4. (1) Għandu jkun id-dmir ta' l-Awtorità Kompetenti li taqdi l-funzjonijiet mogħtija lilha b'dan l-Att jew taħtu u li tiżgura li persuni

awtorizzati biex imexxu kummerċ ta' l-assigurazzjoni f'Malta jew minn Malta jħarsu d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regoli jew regolamenti magħmula taħtu, kull Direttiva dwar l-Assigurazzjoni magħmula mill-Awtorità Kompetenti bis-saħħa ta' dan l-Att u ta' kull regoli jew regolamenti magħmula taħtha u mal-kondizzjonijiet speċifikati fl-awtorizzazzjoni rispettiva tagħhom.

(2) Meta tkun qed tikkunsidra jekk tagħtix jew tiċħadx awtorizzazzjoni taħt dan l-Att, l-Awtorità Kompetenti għandha, b'mod partikolari, tikkunsidra —

(a) il-ħarsien tal-pubbliku;

(b) il-ħarsien tar-reputazzjoni ta' Malta; u

(ċ) l-aħjar interessi ekonomiċi ta' Malta.

(3) L-Awtorità Kompetenti tista' tagħmel Direttivi dwar l-Assigurazzjoni kif ikun meħtieġ sabiex jingħata effett lil kull waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu. L-Awtorità Kompetenti tista' temenda jew tirrevoka dawk id-Direttivi dwar l-Assigurazzjoni.

(4) Direttivi dwar l-Assigurazzjoni u kull emenda għalihom jew revoka tagħhom għandhom ikunu komunikati lill-persuni li għandhom x'jaqsmu u l-pubbliku jkun jista' jarahom fl-uffiċċji ta' l-Awtorità Kompetenti f'kull ħin matul il-ħinijiet normali tax-xogħol ta' l-Awtorità.

(5) Direttivi dwar l-Assigurazzjoni li jimponu obbligu jew ħtieġa fuq il-pubbliku għandhom isiru b' regolamenti skond l-artikolu 64 ta' dan l-Att.

TAQSIMA III – AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TMEXXIJA TA' KUMMERĊ TA' L-ASSIGURAZZJONI

Klassifika ta' kummerċ ta' l-assigurazzjoni.

5. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (5) u (6) ta' dan l-artikolu, għall-finijiet ta' dan l-Att, il-kummerċ ta' l-assigurazzjoni jkun maqsum f'kummerċ fit-tul u kummerċ ġenerali; u –

"kummerċ fit-tul" tfisser il-kummerċ ta' l-assigurazzjoni taħt xi waħda mill-klassijiet speċifikati fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, u

"kummerċ ġenerali" tfisser il-kummerċ ta' l-assigurazzjoni taħt xi waħda mill-klassijiet speċifikati fit-Taqsima I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-Att, l-għemil u t-twettiq ta' kuntratt ta' assigurazzjoni li l-għan ewlieni tiegħu jaqa' taħt klassi waħda tal-kummerċ ta' l-assigurazzjoni, iżda li jkun fih dispożizzjonijiet li huma relatati ma', jew sussidjarji għal, klassi jew klassijiet oħra, għandhom jitqiesu li jikkostitwixxu t-tmexxija tal-kummerċ tal-klassi l-ewwel imsemmija, u ebda oħra, jekk id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) jew (4) ta' dan l-artikolu japplikaw għall-kuntratt.

(3) Dan is-subartikolu japplika għal kuntratt li l-għan ewlieni tiegħu jaqa' taħt xi klassi ta' kummerċ fit-tul iżda li jkollu dispożizzjonijiet sussidjarji li jaqgħu taħt il-klassi 1 jew 2 tal-kummerċ ġenerali jekk il-kumpannija tkun awtorizzata taħt l-artikolu 7 ta' dan l-Att li tmexxi kummerċ fit-tul tal-klassi I.

(4) Dan is-subartikolu japplika għal kuntratt li l-għan ewlieni tiegħu jaqa' taħt xi waħda mill-klassijiet ta' kummerċ ġenerali iżda li jkollu dispożizzjonijiet sussidjarji li jaqgħu taħt xi oħra minn dawk il-klassijiet, li ma jkunux il-klassijiet 14 jew 15.

(5) Il-Ministru jista', b'Ordni fil-Gazzetta, minn żmien għal żmien jistabbilixxi l-klassi jew il-klassijiet ta' kummerċ fit-tul u l-klassi jew klassijiet jew parti minn klassijiet ta' kummerċ ġenerali li jistgħu jsiru u jitwettqu taħt dan l-Att; u l-klassi jew klassijiet jew parti minn klassijiet stabbiliti li jistgħu jsiru u jitwettqu f'Malta, jew minn Malta, jew f'Malta u minn Malta, jew minn pajjiż barra minn Malta. Kull Ordni magħmul taħt dan l-artikolu jista' jitħassar jew jiġi emendat b'Ordni sussegwenti tal-Ministru.

(6) L-Awtorità Kompetenti tista', b'Direttiva dwar l-Assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' dan l-artikolu, tistabbilixxi li kuntratti ta' assigurazzjoni dwar kummerċ fit-tul li jkunu speċifikati, bħala ta' xorta li tista' tiġi speċifikata jew li jkunu espressi bħala li qegħdin fis-seħħ għal perjodu li jista' jiġi speċifikat.

Restrizzjoni fuq it-tmexxija ta' kummerċ ta' l-assigurazzjoni.

6. (1) Ebda persuna ma għandha tmexxi, jew turi li qed tmexxi, f'Malta jew minn Malta kummerċ ta' l-assigurazzjoni kemm-il darba ma tkunx awtorizzata mill-Awtorità Kompetenti.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ebda kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta ma għandha tmexxi, lanqas turi li qed tmexxi, kummerċ ta' l-

assigurazzjoni f'pajjiż jew minn pajjiż barra minn Malta, kemm-il darba ma tkunx awtorizzata mill-Awtorità Kompetenti.

(3) Is-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu ma japplikawx għal *Protection and Indemnity Club* aċċettabli għall-Awtorità Kompetenti bħala assoċjazzjoni *mutual non-profit* jekk il-*Club* iħares u jissodisfa l-ħtiġiet stabbiliti minn Direttiva dwar l-Assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' dan l-artikolu.

(4) Meta kummerċ ta' l-assigurazzjoni jkun jikkonsisti, għal kollox jew f'parti, minn kuntratti ta' kummerċ fit-tul skond kif imfisser fil-klassi III li hemm fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, u l-persuna li tipprovdi dawk il-kuntratti jkollha liċenza valida għal servizzi ta' investiment taħt l-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investiment, id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu, fil-każ ta' dik il-persuna u safejn jirreferu għal dak il-kummerċ ma japplikawx:

Iżda fejn l-istrument (kif definit fl-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investiment) li għalih jirriferi l-kummerċ ikun maħruġ minn kumpannija illi l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta jew ikun maħruġ f'Malta jew minn Malta minn persuna li jkollha post tan-negozju f'Malta, id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma għandhomx japplikaw dwar il-persuna li toħroġ l-istrument.

(5) Il-Ministru, li jaġixxi fuq il-parir ta' l-Awtorità Kompetenti, jista' jagħmel regolamenti taħt dan l-artikolu —

(a) li jiddikjaraw ċerti servizzi u attivitajiet anċillari għal jew konnessi ma' kummerċ ta' assigurazzjoni bħala li ma jikkostitwux kummerċ ta' assigurazjoni għal xi wieħed jew aktar mill-għanijiet ta' dan l-Att;

(b) jippreskrivi l-persuni li jistgħu jmexxu dawk is-servizzi u attivitajiet u l-persuni li lilhom jew għalihom jistgħu jingħataw dawk is-servizzi;

(ċ) jipprovdi dwar kull ħaġa inċidentali għal jew li għandha x'taqsam ma' li ntqal qabel, u għall-aħjar twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu.

(6) Fil-każ ta' dubju jekk attività tkunx tikkostitwixxi kummerċ ta' l-assigurazzjoni, jew jekk il-kummerċ ta' l-assigurazzjoni tkun jew ma tkunx qed titmexxa f'Malta jew minn Malta, il-każ ikun deċiż konklużivament mill-Awtorità Kompetenti.

Awtorizzazzjoni mill-Awtorità Kompetenti għat-tmexxija ta' kummerċ ta' l-assigurazzjoni.

7. (1) L-Awtorità Kompetenti tista' tawtorizza kumpannija biex tmexxi taħt dan l-Att —

(a) fil-każ ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun qiegħed f'Malta, f'Malta jew minn Malta jew f'pajjiż jew minn pajjiż barra minn Malta;

(b) fil-każ ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'pajjiż barra minn Malta, f'Malta jew minn Malta,

dawk il-klassijiet ta' kummerċ ta' l-assigurazzjoni speċifikati fit-Tieni jew fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att, jew dawk il-partijiet ta' dawk il-klassijiet, li jistgħu jkunu speċifikati fl-awtorizzazzjoni.

(2) Awtorizzazzjoni taħt dan l-artikolu tista' tkun ristretta għal impriża ta' rijassigurazzjoni; u kumpannija ma tistax tmexxi kummerċ ta' rijassigurazzjoni bis-saħħa ta' awtorizzazzjoni taħt dan l-artikolu kemm-il darba l-awtorizzazzjoni ma tistendix espressament għal dak il-kummerċ.

(3) L-Awtorità Kompetenti għandu jkollha s-setgħa li teħtieġ minn kull kumpannija li tipprovdi dak it-tagħrif li jidhrilha meħtieġ sabiex tistabbilixxi applikazzjoni għal awtorizzazzjoni.

(4) Awtorizzazzjoni taħt dan l-artikolu tkun maħruġa biss jekk l-Awtorità Kompetenti tkun sodisfatta, fuq il-bażi tat-tagħrif meħtieġ li jingħata taħt dan l-Att u ta' kull tagħrif riċevut minnha, li l-awtorizzazzjoni għandha tingħata.

(5) Awtorizzazzjoni maħruġa taħt dan l-artikolu tista' tidentifika klassijiet jew parti ta' klassijiet ta' kummerċ ġenerali billi tirreferi għall-gruppi speċifikati fit-Taqsima II tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Awtorità Kompetenti tista' tissuġġetta awtorizzazzjoni maħruġa jew miżmuma taħt dan l-artikolu għal dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa li timponi minn żmien għal żmien.

(7) Bla ħsara għas-subartikolu (8) ta' dan l-artikolu, l-Awtorità Kompetenti għandha tiddeċiedi applikazzjoni għal awtorizzazzjoni taħt dan l-artikolu fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi t-tagħrif meħtieġ li jingħata taħt dan l-Att; u jekk tirrifjuta li toħroġ l-awtorizzazzjoni għandha tgħarraf lill-applikant bil-miktub ir-raġunijiet għar-rifjut.

(8) Meta l-awtorizzazzjoni li tkun qed tintalab tkun waħda ristretta għal rijassigurazzjoni jew assigurazzjoni affiljata, iż-żmien preskritt bis-subartikolu (7) ta' dan l-artikolu għandu jkun ta' tliet xhur.

(9) Mal-ħruġ ta' awtorizzazzjoni lil kumpannija taħt dan l-artikolu, kull awtorizzazzjoni li tkun ingħatat qabel lil dik il-kumpannija tiskadi.

Ħtiġiet dwar awtorizzazzjoni.

8. L-Awtorità Kompetenti ma għandhix toħroġ awtorizzazzjoni taħt l-artikolu 7 ta'dan l-Att kemm-il darba ma tkunx sodisfatta li —

(a) applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ssir bil-miktub minn kumpannija f'dik il-forma u b'dak il-mod li l-Awtorità Kompetenti tista' tistabbilixxi minn żmien għal żmien;

(b) l-għanijiet tal-kumpannija jkunu limitati għall-kummerċ ta' l-assigurazzjoni u xogħol li jinqala' direttament minnu, bl-esklużjoni ta' kull negozju ieħor kummerċjali;

(ċ) il-kumpannija tkun tat għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità Kompetenti dak it-tagħrif li l-Awtorità Kompetenti tkun talbet minn għandha dwar persuni li, ma' l-awtorizzazzjoni tal-kumpannija, jkollhom xi interess ta' proprjeta', finanzjarju jew xort'oħra f'dik il-kumpannija jew in konnessjoni magħha;

(d) l-azzjonisti kwalifikattivi kollha u kontrolluri kollha u l-persuni kollha li jkunu effettivament se jmexxu l-kummerċ ta' l-assigurazzjoni jkunu persuni xierqa u idoneji biex jiżguraw it-tmexxija tiegħu b'mod tajjeb u prudenti;

(e) il-kumpannija tkun issottomettiet għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità Kompetenti skema ta' operazzjonijiet li għandha tinkludi l-partikolaritajiet jew provi li jistgħu jkunu stabbiliti b'Direttiva dwar l-Assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' dan l-artikolu;

(f) il-fondi tal-kumpannija stess, sew jekk f'liri Maltin jew f'xi munita oħra aċċettabbli għall-Awtorità Kompetenti huma f'kull ħin mhux inqas minn dak l-ammont xieraq għax-xorta ta' kummerċ li se jitmexxa, jew li qiegħed jitmexxa, mill-kumpannija, skond kif jista' jiġi determinat b'Direttiva dwar l-Assigurazzjoni magħmula għall-finijiet ta' dan l-Att; u dawk il-fondi tal-kumpannija stess huma f'kull ħin ħielsa minn kull irbit.

Kombinazzjoni ta' kummerċ fit-tul u kummerċ ġenerali.

9. (1) Bla ħsara għas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, l-Awtorità Kompetenti ma għandhix, taħt l-artikolu 7 ta' dan l-Att, tawtorizza kumpannija biex tmexxi kemm kummerċ fit-tul kif ukoll kummerċ ġenerali kemm-il darba —

(a) il-kummerċ fit-tul ma jkunx ristrett għal rijassigurazzjoni; jew

(b) il-kumpannija ma tkunx, fiż-żmien li tinħareġ l-awtorizzazzjoni, diġà qed tmexxi leġittimament fil-pajjiż fejn ikun qiegħed l-uffiċċju prinċipali tagħha kemm kummerċ fit-tul kif ukoll kummerċ ġenerali (li fl-ebda każ ma jkun ristrett għal rijassigurazzjoni jew assigurazzjoni affiljata); jew

(ċ) il-kummerċ ġenerali li jitmexxa mill-kumpannija ma jkunx ristrett għall-klassijiet 1 u 2 tat-Taqsima I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att (aċċidenti u mard) jew għal xi klassi jew parti ta' klassi ta' kummerċ f'dak il-grupp.

(2) Kumpannija awtorizzata kif intqal qabel għandha, dwar kummerċ fit-tul u kummerċ ġenerali, tmexxihom separatament b'mod li jista' jiġi stabbilit b'Direttiva dwar l-Assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' dan l-artikolu.

Applikanti bl-uffiċċju prinċipali f'Malta.

10. (1) L-Awtorità Kompetenti ma għandhix toħroġ awtorizzazzjoni taħt l-artikolu 7 ta' dan l-Att lil kumpannija li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'Malta, lanqas l-Awtorità Kompetenti ma għandha tippermetti lil dik il-kumpannija li żżomm l-awtorizzazzjoni maħruġa bis-saħħa tiegħu, kemm-il darba ma tkunx sodisfatta li —

(a) il-kumpannija tkun wettqet jew ħarset il-ħtigiet ta' l-artikoli 8 u 14 u, meta xieraq, ta' l-artikolu 9 tiegħu; u

(b) meta l-awtorizzazzjoni mitluba jew miżmuma tkun waħda li mhux ristretta għal rijassigurazzjoni jew għal assigurazzjoni affiljata, il-kumpannija tissottometti provi li l-inqas fond ta' garanzija meħtieġ li jinżamm taħt l-artikolu 16 ta' dan l-Att ikun ġie depożitat ma' u miżmum f'kustodja akkont tagħha minn persuna kif jista' jiġi preskritt taħt l-artikolu 18 ta' dan l-Att

(2) Kumpannija awtorizzata kif intqal qabel tista', bl-approvazzjoni ta' l-Awtorità Kompetenti mogħtija bil-miktub —

(a) tiftaħ fergħa f'Malta;

(b) taħtar:

(i) *manager* ta' l-assigurazzjoni; jew

(ii) aġent ta' l-assigurazzjoni; jew

(iii) kemm *manager* ta' l-assigurazzjoni u aġent ta' l-assigurazzjoni.

(3) Hlief bil-kunsens bil-miktub ta' l-Awtorità Kompetenti, ebda kumpannija awtorizzata kif intqal qabel ma tista' tiftaħ fergħa, aġenzija jew tistabbilixxi jew takkwista xi sussidjarja f'xi pajjiż barra minn Malta.

Applikanti bl-uffiċċju prinċipali barra minn Malta.

11. (1) L-Awtorità Kompetenti ma għandhix toħroġ awtorizzazzjoni taħt l-artikolu 7 ta' dan l-Att lil kumpannija li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha barra minn Malta, lanqas l-Awtorità Kompetenti ma għandha tippermetti lil dik il-kumpannija li żżomm l-awtorizzazzjoni maħruġa bis-saħħa tiegħu, kemm-il darba ma tkunx sodisfatta li —

(a) il-kumpannija tkun wettqet jew ħarset il-ħtiġiet ta' l-artikoli 8 u 14 u, meta xieraq, ta' l-artikolu 9 tiegħu;

(b) il-kumpannija jkollha permess fil-pajjiż fejn ikun qiegħed l-uffiċċju prinċipali tagħha li tmexxi l-kummerċ ta' l-assigurazzjoni li jifforma l-għan ta' l-applikazzjoni;

(ċ) il-kumpannija żżomm f'Malta f'kull żmien attiv ta' dawk ix-xorta u ammont li jista' jiġi preskritt jew stabbilit skond ir-regolamenti magħmula għall-finijiet ta' dan l-Att; u, meta l-awtorizzazzjoni mitluba jew miżmuma tkun waħda mhux ristretta għal rijassigurazzjoni, l-attiv kollu jew proporzjon speċifikat tiegħu kif jista' jiġi preskritt jew stabbilit għandu jiġi depożitat ma' u miżmum f'kustodja akkont tagħha minn persuna kif jista' jiġi preskritt taħt l-artikolu 18 ta' dan l-Att;

(d) il-kumpannija jkollha f'Malta f'kull żmien:

(i) rappreżentant li jaqdi l-ħtiġiet ta' l-artikolu 12 ta' dan l-Att; u

(ii) fergħa kif imfissra fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu; jew

(iii) aġent ta' l-assigurazzjoni awtorizzat; jew

(iv) kemm fergħa kif ukoll aġent ta' l-assigurazzjoni awtorizzat.

(2) Dwar fergħa ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'pajjiż barra minn Malta kif imfisser fl-artikolu 2 ta' dan l-Att, il-ħtiġiet hemmhekk imsemmija huma dawk murija fid-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan is-subartikolu —

(a) il-persuna għandha tkun individwu residenti f'Malta jew *manager* ta' l-assigurazzjoni awtorizzat li jkun nominat mill-kumpannija għall-fini ta' dan l-artikolu;

(b) meta l-persuna tkun individwu:

(i) il-persuna ma għandhiex tkun l-uditur approvat, jew soċju jew impjegat ta' l-uditur approvat, tal-kumpannija;

(ii) il-persuni li jkollhom il-kwalifiki u li jwettqu jew iħarsu l-ħtiġiet stabbiliti b'Direttiva dwar l-Assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' dan l-artikolu; u

(iii) il-persuna tkun xierqa u idoneja biex tiżgura t-tmexxija tajjeb u prudenti tagħha.

Rappreżentanti ġenerali.

12. Il-ħtiġiet imsemmija fis-sub-paragrafu (i) tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 ta' dan l-Att huma dawk murija fid-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu —

(a) ir-rappreżentant għandu jkun persuna residenti f'Malta li tkun nominata bħala r-rappreżentant tal-kumpannija għall-fini ta' dan l-artikolu;

(b) ir-rappreżentant ikun awtorizzat li jaġixxi b'mod ġenerali, u li jaċċetta notifika ta' kull dokument, f'isem il-kumpannija;

(ċ) ir-rappreżentant ma għandux ikun l-uditur approvat jew soċju jew impjegat ta' l-uditur approvat, tal-kumpannija;

(d) jekk ir-rappreżentant ma jkunx individwu, għandu jkun hemm kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta u għandha hi stess ikollha rappreżentant individwali residenti f'Malta li jkun awtorizzat li jaġixxi b'mod ġenerali, u li jaċċetta notifika ta' kull dokument, f'isem il-kumpannija, fil-kwalità tiegħu ta' rappreżentant tal-kumpannija.

Aġenti u *managers* ta' l-assigurazzjoni.

13. (1) Ebda persuna ma tista' taġixxi bħala aġent ta' l-assigurazzjoni ta' kumpannija awtorizzata jew bħala *manager* ta' l-assigurazzjoni kemm-il darba ma tkunx awtorizzata mill-Awtorità Kompetenti.

(2) L-Awtorità Kompetenti tista' tawtorizza persuna biex taġixxi bħala aġent ta' l-assigurazzjoni ta' kumpannija awtorizzata jew bħala *manager* ta' l-assigurazzjoni.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (4) u (5) ta' dan l-artikolu, l-Awtorità Kompetenti ma għandhix toħroġ awtorizzazzjoni taħt dan l-artikolu lil persuna, lanqas ma' l-Awtorità Kompetenti ma għandha tippermetti li dik il-persuna żżomm awtorizzazzjoni maħruġa taħtu, kemm-il darba l-Awtorità Kompetenti ma tkunx sodisfatta li dik il-persuna twettaq jew tħares il-ħtiġiet murija fit-Taqsima I tar-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att li huma xierqa għall-applikazzjoni.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom japplikaw dwar awtorizzazzjoni li għandha tinħareġ, jew maħruġa, jew miżmuma taħt dan l-artikolu, u dwar id-detentur tagħha, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet murija fit-Taqsima II tar-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(5) Id-detentur ta' awtorizzazzjoni maħruġa jew miżmuma taħt dan l-artikolu jkun suġġett għall-ħtiġiet murija fit-Taqsima III tar-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(6) L-Awtorità Kompetenti tista', b'Direttiva dwar l-Assigurazzjoni magħmula għall-finijiet ta' dan l-artikolu, tistabbilixxi ħwejjeġ li għandhom jiġu stabbiliti taħt xi dispożizzjoni li hemm fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

TAQSIMA IV – KONDIZZJONIJIET GĦAT-TMEXXIJA TA' KUMMERĊ TA' L-ASSIGURAZZJONI

Marġini ta' solvibbiltà.

14. (1) Kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta awtorizzata taħt dan l-Att għandha f'kull żmien iżżomm marġini ta' solvibbiltà f'dak l-ammont li jista' jkun preskritt jew stabbilit b'regolamenti magħmula għall-finijiet ta' dan l-artikolu.

(2) Bla ħsara għas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'pajjiż barra minn Malta awtorizzata taħt dan l-Att għandha f'kull żmien iżżomm-

(a) marġini ta' solvibbiltà, u

(b) marġini ta' solvibbiltà ta' Malta,

f'dawk l-ammonti li jistgħu jkunu preskritti jew stabbiliti skond ir-regolamenti magħmula għall-finijiet ta' dan l-artikolu.

(3) Il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu ma għandux japplika għal kumpannija jekk il-kummerċ tagħha f'Malta jkun ristrett għal rijassigurazzjoni.

(4) Bla ħsara għall-artikolu 15 ta' dan l-Att, kumpannija awtorizzata kif intqal qabel li tonqos li tħares is-subartikolu (1) jew (2) ta' dan l-artikolu —

(a) għandha tissottometti lill-Awtorità Kompetenti pjan ta' ristorazzjoni għal qagħda finanzjarja b'saħħitha; u

(b) għandha tipproponi modifiki għall-pjan (jew għall-pjan kif qabel modifikat) jekk l-Awtorità Kompetenti tikkunsidra li dan ma jkunx biżżejjed; u

(ċ) għandha tibda tħaddem pjan li jkun aċċettabbli għall-Awtorità Kompetenti.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-Att —

(a) il-marġini ta' solvibbiltà ta' kumpannija awtorizzata huwa l-eċċess tal-valur ta' l-attiv tagħha, fuq l-ammont tal-passiv tagħha, liema valur u ammont jiġu stabbiliti skond kull regola ta' valutazzjoni applikabbli;

(b) il-marġini ta' solvibbiltà ta' Malta ta' kumpannija awtorizzata huwa l-valur ta' l-attiv tal-kumpannija li jirrappreżenta l-marġini ta' solvibbiltà meħtieġ li jinżamm minnha taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.

(6) Fil-każ ta' kumpannija awtorizzata li tmexxi kemm kummerċ fit-tul kif ukoll kummerċ ġenerali, is-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu għandhom ikollhom effett daqslikieku —

(a) il-ħtiġiet biex jinżamm marġini ta' solvibbiltà; u

(b) meta l-kumpannija tkun qed tmexxi ż-żewġ xorta ta' kummerċ f'Malta jew minn Malta, il-ħtieġa li jinżamm f'Malta marġini ta' solvibbiltà,

kienu ħtiġiet biex jinżammu marġini separati dwar iż-żewġ xorta ta'

kummerċ (u għalhekk daqslikieku r-riferenza fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu għal attiv u passiv kienet riferenza għal attiv u passiv li jirreferu għax-xorta ta' kummerċ li jkun).

(7) Fl-applikazzjoni tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, l-ammont tal-passiv tal-kumpannija għandu jitqies li jiżdied bl-ammont ta' kull riżerva miżmuma taħt is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 17 ta' dan l-Att.

Nuqqas li jinżamm l-inqas marġini ta' solvibbiltà.

15. (1) Jekk-

(a) il-marġini ta' solvibbiltà ta' kumpannija awtorizzata li għaliha japplika s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 14 ta' dan l-Att, jew

(b) il-marġini ta' solvibbiltà jew il-marġini ta' solvibbiltà ta' Malta ta' kumpannija awtorizzata li għaliha japplika s-subartikolu (2) ta' dak l-artikolu,

jinżel taħt dak l-ammont li jista' jiġi preskritt jew stabbilit b'regolamenti magħmula għall-finijiet ta' dak l-artikolu, il-kumpannija għandha tinnotifika lill-Awtorità Kompetenti u tagħmel tajjeb, għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità, kull nuqqas bħal dak bla dewmien, u f'ebda każ aktar tard minn ħmistax-il jum mill-jum ta' dik in-notifika.

(2) Sakemm il-marġini ta' solvibbiltà jew il-marġini ta' solvibbiltà ta' Malta ta' kumpannija ikun inqas minn dak li għandu jinżamm kif intqal qabel —

(a) il-kumpannija ma għandha tassumi ebda riskju ġdid ikun ta' liema xorta jkun;

(b) l-Awtorità Kompetenti tista':

(i) fil-każ ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun qiegħed f'Malta, tirristrinġi jew tipprojbixxi d-disponiment ta' l-attiv tal-kumpannija;

(ii) fil-każ ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'pajjiż barra minn Malta, tirristrinġi jew tipprojbixxi d-disponiment ta' l-attiv tal-kumpannija f'Malta,

u f'kull każ, tieħu dawk il-miżuri li jidhrilha xierqa biex tissalvagwarda l-interessi tad-detenturi tal-polza u tal-krediturі.

(3) Meta kumpannija, skond is-subartikolu (6) ta' l-artikolu 14 ta' dan l-Att, tkun meħtieġa li żżomm marġini ta' solvibbiltà separati dwar kummerċ fit-tul u kummerċ ġenerali, is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jkollu effett daqslikieku kull riferenza għall-marġini ta' solvibbiltà jew għall-marġini ta' solvibbiltà ta' Malta tal-kumpannija kienu riferenza għall-marġini dwar xi waħda mix-xorta ta' kummerċ.

Fond ta' garanzija li għandu jinżamm minn kumpanniji awtorizzati.

16. (1) Bla ħsara għas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, kumpannija awtorizzata taħt dan l-Att għandha f'kull żmien iżżomm f'Malta fond ta' garanzija f'ammont ta' attiv li jkun daqs l-ikbar ammont bejn il-fond ta' garanzija minimu u l-valur ta' terz ta' —

(a) fil-każ ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta, il-marġini ta' solvibbiltà meħtieġ li jinżamm mill-kumpannija taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 14;

(b) fil-każ ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'pajjiż barra minn Malta, il-marġini ta' solvibbiltà ta' Malta meħtieġ li jinżamm mill-kumpannija taħt is-subartikolu (2) ta' dak l-artikolu.

(2) L-ammont tal-fond ta' garanzija meħtieġ li jinżamm taħt dan l-artikolu ma għandux ikun inqas minn ammont ("il-fond ta' garanzija minimu") li jista' jiġi preskritt jew stabbilit skond regolamenti magħmula għall-finijiet ta' dan l-artikolu.

(3) F'każ ta' kumpannija li tmexxi kemm kummerċ fit-tul kif ukoll kummerċ ġenerali, is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jkollu effett daqslikieku l-ħtiġiet li jinżamm fond ta' garanzija kienu ħtiġiet li jinżammu fond ta' garanzija separati dwar iż-żewġ xorta ta' kummerċ (u għalhekk daqslikieku r-riferenzi f'dak is-subartikolu għal attiv, marġini ta' solvibbiltà u marġini ta' solvibbiltà ta' Malta kienu riferenzi għal attiv, marġini ta' solvibbiltà u marġini ta' solvibbiltà ta' Malta dwar ix-xorta ta' kummerċ li jkun).

(4) L-attiv meħtieġ li jinżamm f'Malta b'dan l-Att jew taħtu ma għandux jiġi trasferit, irtirat jew b'xi mod jitgħabba b'xi piż mingħajr il-permess ta' l-Awtorità Kompetenti mogħti bil-miktub jew sakemm il-kumpannija tkun waqfet milli tmexxi l-kummerċ li hi kienet awtorizzata li tmexxi u tipprova għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità Kompetenti li ma fadlilhiex passiv ieħor. Dawk l-assi ma għandhom ikunu sekwestrabbli minn ebda qorti.

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għal —

(a) kumpannija li l-kummerċ tagħha jkun f'Malta jew minn Malta u l-kummerċ ikun ristrett għal rijassigurazzjoni;

(b) kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta:

(i) jekk il-kummerċ tagħha jkun ristrett għal assigurazzjoni affiljata;

(ii) jekk il-kummerċ tagħha jkun biss f'pajjiż jew minn pajjiż barra minn Malta u l-kummerċ ikun ristrett għal rijassigurazzjoni.

Proviżjonijiet tekniċi. Kummerċ ġenerali: riżerva ta' ekwalizzazzjoni.

17. (1) Kumpannija awtorizzata taħt dan l-Att għandha kull sena tistabbilixxi u żżomm proviżjonijiet tekniċi adegwati, inklużi proviżjonijiet matematiċi, dwar il-kummerċ li tkun awtorizzata biex tmexxi f'ammont li jkun preskritt jew stabbilit skond regolamenti magħmula għall-finijiet ta' l-artikolu 20 ta' dan l-artikolu.

(2) Kumpannija awtorizzata kif intqal qabel għandha f'kull żmien iżżomm attiv mingħajr piż li jkun daqs il-valur tal-proviżjonijiet tekniċi tagħha u wara li tipprovdi b'mod xieraq għall-obbligazzjonijiet l-oħra kollha tagħha.

(3) L-attiv li jkopri l-proviżjonijiet tekniċi għandu jieħu kont tal-kummerċ u tal-klassijiet jew parti minn klassijiet ta' kummerċ li jitmexxa minn kumpannija b'mod li jħares is-sigurtà, id-dħul u t-tħaddim ta' l-investimenti tagħha, li l-kumpannija għandha tiżgura li jkunu diversifikati u mqassmin b'mod xieraq skond ir-regolamenti magħmula għall-finijiet ta' l-artikolu 63 ta' dan l-Att.

(4) Il-proviżjonijiet tekniċi għandhom f'kull żmien ikunu koperti b'attiv ekwivalenti u korrispondenti iżda, bl-approvazzjoni ta' l-Awtorità Kompetenti mogħtija bil-miktub, kumpannija tista' żżomm attiv li ma jkunx korrispondenti biex ikopri somma li ma tkunx aktar minn ammont li jista' jiġi preskritt jew stabbilit skond ir-regolamenti magħmula għall-finijiet ta' l-artikolu 63 ta' dan l-Att.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "attiv korrispondenti" tfisser ir-rappreżentazzjoni ta' obbligazzjonijiet ta' *underwriting* espressi f'munita partikolari b'attiv espress jew li jista' jinbiegħ fl-istess munita.

(6) Is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, safejn japplika għal "attiv korrispondenti", ma għandux japplika għal kumpannija jekk il-kummerċ tagħha f'Malta jew minn Malta jkun ristrett għal rijassigurazzjoni jew assigurazzjoni affiljata.

(7) Bla ħsara għas-subartikolu (1) u suġġett għas-subartikolu (8) ta' dan l-artikolu, kull kumpannija awtorizzata li tmexxi kummerċ ġenerali ta' deskrizzjoni preskritta għandha żżomm, skond ir-regolamenti magħmula għall-finijiet ta' dan l-artikolu, riżerva, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa riżerva ta' ekwalizzazzjoni, dwar il-kummerċ ġenerali tagħha ta' dik id-deskrizzjoni.

(8) Is-subartikolu (7) ta' dan l-artikolu ma għandux japplika għal kumpannija awtorizzata kif intqal qabel preskritta għall-finijiet ta' dan is-subartikolu.

(9) Regolamenti magħmula għall-finijiet ta' dan l-artikolu jistgħu, dwar riżerva ta' ekwalizzazzjoni, jipprovdu —

(a) dwar iċ-ċirkostanzi li fihom, u ż-żminijiet meta, l-ammonti għandhom jitqiegħdu fi, jew jittieħdu minn, riżerva ta' ekwalizzazzjoni;

(b) dwar li jiġu stabbiliti l-ammonti li hekk jitqiegħdu jew jittieħdu; u

(ċ) dwar dawk il-ħwejjeġ l-oħra li huma inċidentali biex tinżamm riżerva ta' ekwalizzazzjoni kif il-Ministru jista', wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità Kompetenti, jidhirlu spedjenti.

Kustodja ta' l-attiv li hu meħtieġ li jinżamm f'Malta.

18. (1) L-Awtorità Kompetenti tista', dwar attiv li kumpannija, barra minn kumpannija li l-kummerċ tagħha jkun ristrett għal rijassigurazzjoni, jeħtiġilha b'dan l-Att jew taħtu li żżomm f'Malta, timponi ħtieġa addizzjonali li l-attiv kollu jew proporzjon speċifikat tiegħu ikun depożitat u miżmum f'kustodja akkont tal-kumpannija minn persuna kif jista' jiġi preskritt b'regolamenti magħmula għall-finijiet ta' dan l-artikolu kemm-il darba dik il-ħtieġa ma tkunx xort'oħra imposta b'xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att; u l-Awtorità Kompetenti għandha f'kull żmien ikollha d-dritt li titlob minn dik il-persuna dik l-informazzjoni li tista' tinħtieġ biex tiżgura li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu qed jiġu mħarsa.

(2) Kull ħtieġa b'dan l-Att jew taħtu li assi ta' kull xorta jew ammont għandhom jinżammu f'Malta tkun twettqet jekk dawk l-assi jinżammu f'dak il-pajjiż barra minn Malta u f'dik il-forma u b'dak il-mod għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità Kompetenti bla ħsara għal dawk ir-regolamenti li jistgħu jiġu preskritti għal dak il-fini taħt dan l-Att.

(3) Kull dispożizzjoni b'dan l-Att jew taħtu li teħtieġ li kumpannija żżomm f'Malta assi ta' kull xorta jew ammont tista' tiġi

mwettqa mill-kumpannija jekk il-kumpannija tagħmel pleġġ f'forma u b'mod għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità Kompetenti bla ħsara għal dawk ir-regolamenti li jistgħu jiġu preskritti għal dak il-fini taħt dan l-Att.

TAQSIMA V – KONTIJIET, INVESTIGAZZJONIJIET MINN ATTWARJI U DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI

Sena finanzjarja ta' kumpanniji awtorizzati.

19. (1) Kull kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jinsab f'Malta awtorizzata taħt dan l-Att għandha, mhux iktar tard minn tliet xhur mid-data ta' l-awtorizzazzjoni tal-kumpannija, tavża bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti bis-sena finanzjarja tagħha; u, fin-nuqqas ta' dak l-avviż, is-sena finanzjarja tal-kumpannija għandha tintemm fil-wieħed u tletin ta' Diċembru ta' kull sena.

(2) Ebda kumpannija kif intqal qabel ma għandha tibdel is-sena finanzjarja tagħha kemm-il darba u sakemm l-Awtorità Kompetenti ma tkunx tat l-approvazzjoni tagħha bil-miktub fuq applikazzjoni li ssirilha għal hekk.

(3) Kull kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'pajjiż barra minn Malta li tapplika għal awtorizzazzjoni taħt l-artikolu 7 ta' dan l-Att biex tmexxi kummerċ ta' l-assigurazzjoni f'Malta jew minn Malta, għandha tavża bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti bis-sena finanzjarja tagħha, u meta l-kumpannija awtorizzata kif intqal qabel tibdel is-sena finanzjarja tagħha din għandha minnufih tavża lill-Awtorità Kompetenti b'dak it-tibdil.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-Att sena finanzjarja —

(a) dwar kumpannija awtorizzata li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta, tfisser perijodu ta' kontijiet kif miftiehem skond l-artikoli minn 164 sa 166 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji;

(b) dwar kumpannija awtorizzata li l-uffiċċju principali tagħha jkun f'pajjiż barra minn Malta, tfisser perijodu ta' kontijiet kif miftiehem skond id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet tal-pajjiż fejn l-uffiċċju prinċipali tal-kumpannija jkun sitwat li jirregolaw il-periodu tal-kontijiet ta' dawk il-kumpanniji.

Għemil u pubblikazzjoni ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati.

20. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli li ġejjin, kull kumpannija awtorizzata taħt dan l-Att għandha, mhux iktar tard minn sitt xhur mill-għeluq tas-sena finanzjarja tagħha, jew f'xi żmien ieħor li jista' jiġi awtorizzat mill-Awtorità Kompetenti —

(a) tibgħat lill-Awtorità Kompetenti;

(b) tippubblika f'forma mqassra f'żewġ gazzetti lokali li joħorġu kuljum li minnhom waħda tiġi pubblikata bil-Malti u l-oħra bl-Ingliż;

(ċ) tesponi f'pożizzjoni prominenti f'kull wieħed mill-uffiċċji, aġenziji u fergħat tagħha f'Malta u barra minn Malta u tħalli hekk esposta matul it-tnax-il xahar ta' wara,

kopja tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati tagħha magħmula –

(a) fil-każ ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta, skond regolamenti għall-finijiet ta' dan l-artikolu; u

(b) fil-każ ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'pajjiż barra minn Malta, skond id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet tal-pajjiż fejn l-uffiċċju prinċipali tal-kumpannija jkun sitwat li jirregolaw id-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' dawk il-kumpanniji.

(2) Il-forma u l-kontenut tad-dikjarazzjonijiet meħtieġa li jiġu pubblikati taħt il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom ikunu dawk li għandhom jiġu preskritti b'regolamenti.

(3) Fil-każ ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta, il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu japplika dwar l-uffiċċji, l-aġenziji u l-fergħat tal-kumpannija barra minn Malta bl-istess mod u sa l-istess limitu kif japplika għall-uffiċċji, aġenziji u fergħat tagħha f'Malta.

(4) Il-paragrafi (b) u (ċ) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għal kumpannija li l-kummerċ tagħha jkun ristrett għal rijassigurazzjoni jew assigurazzjoni affiljata.

(5) Sal-limitu li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' xi regolament magħmul bis-saħħa tiegħu jkunu inkonsistenti ma' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' xi regolament magħmul bis-saħħa tiegħu għandhom jipprevalu u d-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmi Att għandhom, sal-limitu li huma inkonsistenti, ma japplikawx għal kumpanniji awtorizzati kif intqal qabel.

Ħatra, dmirijiet u terminazzjoni ta' ħatra ta' udituri.

21. (1) Kull kumpannija awtorizzata taħt dan l-Att għandha kull sena taħtar uditur approvat bħala uditur tal-kumpannija li d-dmir tiegħu jkun biex jirrapporta dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-kumpannija eżaminata minnu u dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji mħejjija mill-kumpannija.

(2) Jekk kumpannija awtorizzata tonqos li taħtar uditur skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jew, f'xi żmien tonqos li timla vakanza fil-kariga ta' uditur, l-Awtorità Kompetenti jkollha s-setgħa li taħtar uditur għal dik il-kumpannija u għandha tistabbilixxi l-kumpens li għandu jitħallas minn dik il-kumpannija lil dak l-uditur.

(3) Ir-rapport ta' l-uditur għandu jkollu dikjarazzjoni dwar jekk id-diversi ħtiġiet ta' dan l-Att u ta' kull regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, u ta' kull Direttiva dwar l-Assigurazzjoni dwar il-kumpannija jkunu tħarsu u ġew osservati u dwar kull proviżjonijiet li jkunu saru għal dan l-għan.

(4) Kull uditur ta' kumpannija awtorizzata jkollu l-jedd li jitlob dik l-informazzjoni jew spjegazzjoni li jidhirlu meħtieġa għall-qadi ta' dmirijietu mingħand kull uffiċjal jew impjegat ta', jew kull persuna li jkollha ħatra minn, dik il-kumpannija.

(5) Uditur għandu minnufih javża bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti jekk —

(a) jirriżenja;

(b) ma jkunx bi ħsiebu jieħu dik il-kariga mill-ġdid; jew

(ċ) jiddeċiedi li jikkwalifika r-rapport ta' verifika,

u, fil-każ ta' riżenja, l-uditur għandu jispeċifika r-raġunijiet għaliex għamel hekk.

(6) Kumpannija awtorizzata għandha tavża bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti minnufih malli tirċievi avviż ta' riżoluzzjoni maħsub biex iressaq quddiem il-laqgħa ġenerali annwali tal-kumpannija biex tinħatar bħala uditur persuna li ma tkunx l-uditur li se jirtira jew li xort'oħra jipprovdi espressament li l-uditur li se jirtira ma għandux jerġa' jinħatar.

(7) Meta, għal xi raġuni tkun li tkun, tintemm ħatra ta' uditur, il-kumpannija awtorizzata għandha, mhux iktar tard minn erbatax-il jum mit-tmiem ta' dik il-ħatra, tavża bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti fejn tagħti r-raġunijiet għal dak it-tmiem.

(8) L-Awtorità Kompetenti tista' teħtieġ lil kumpannija awtorizzata biex tibdel lill-uditur maħtur tagħha meta, fil-fehma ta' l-Awtorità Kompetenti, dak l-uditur jitqies li ma jkunx adatt għal din il-kariga, f'kull żmien matul iż-żmien tal-ħatra tiegħu.

(9) Qabel ma teħtieġ lil kumpannija biex tibdel l-uditur maħtur tagħha fiċ-ċirkostanzi msemmija fis-subartikolu (8) ta' dan l-artikolu, l-Awtorità Kompetenti għandha tavża bil-miktub il-ħsieb tagħha lill-kumpannija u lill-uditur konċernat fejn tagħti r-raġunijiet għax teħtieġ dak it-tibdil u tagħti lill-uditur l-opportunità li jissottometti bil-miktub fi żmien erbatax-il jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż għaliex il-ħatra mal-kumpannija ma għandhiex tintemm.

(10) Għall-finijiet ta' dan l-Att, uditur approvat għandu jkun persuna li tkun kwalifikata biex tkun uditur skond l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji u li jkollha l-awtorizzazzjoni ta' l-Awtorità Kompetenti maħruġa skond regolamenti magħmula għall-finijiet ta' dan l-artikolu.

(11) Minkejja kull dispożizzjoni li tinsab fis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu, l-Awtorità Kompetenti tista', fil-każ ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jinsab f'pajjiż barra minn Malta awtorizzata kif intqal qabel, tapprova dawk l-arranġamenti alternattivi li jidhirla xierqa u li ma jnaqqsux sostanzjalment l-iskopijiet prinċipali ta' dan l-artikolu, u meta jkunu saru dawk l-arranġamenti, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw sal-limitu li dawn ikunu sostitwiti b'dawk l-arranġamenti.

(12) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (10) ta' dan l-artikolu, safejn id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu huma inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom jipprevalu u d-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmi Att ma għandhomx, sa fejn ikunu inkonsistenti, japplikaw għal kumpanniji awtorizzati kif intqal qabel.

Ħatra ta' attwarju minn kumpannija li tmexxi kummerċ fit-tul.

22. (1) Kull kumpannija awtorizzata taħt dan l-Att li tmexxi kummerċ fit-tul għandha —

(a) fi żmien tletin jum minn meta tibda tmexxi dak il-kummerċ, taħtar attwarju approvat bħala attwarju tal-kumpannija;

(b) kull meta l-ħatra tintemm, fi żmien tletin jum minn dak it-tmiem, tagħmel ħatra oħra.

(2) Kumpannija li tagħmel ħatra taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha, fi żmien erbatax-il jum, tavża bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti b'dan il-fatt, id-data ta' dik il-ħatra u l-isem u l-kwalifiki tal-persuna maħtura; u jekk tintemm ħatra taħt dak is-subartikolu, il-kumpannija għandha, fi żmien erbatax-il jum, tavża bil-miktub lill-Awtorità b'dak il-fatt, l-isem tal-persuna li tkun u r-raġunijiet għal dak it-tmiem.

(3) Jekk, malli jgħaddi xi żmien speċifikat fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-kumpannija tonqos li tagħmel il-ħatra meħtieġa, il-kumpannija ma għandhix twettaq u tmexxi xi kuntratti ġodda ta' assigurazzjoni fit-tul sakemm issir dik il-ħatra.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, l-Awtorità Kompetenti tista', fi żmien erbatax-il jum minn meta tirċievi avviż ta' tmiem ta' ħatra ta' attwarju approvat, titlob bil-miktub l-attwarju approvat li jkun biex jagħti r-raġunijiet għal dak it-tmiem; u l-attwarju għandu, fi żmien erbatax-il jum, jagħti r-raġunijiet bil-miktub.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-Att, attwarju approvat huwa persuna li —

(a) tkun *fellow* ta' istitut ta' attwarji, jew *fellow* ta' fakoltà ta' attwarji, jew li jkollha kwalifiki ta' attwarju ta' livell simili minn istitut ta' reputazzjoni rikonoxxut għal dan l-għan mill-Awtorità Kompetenti; u

(b) ikollha l-awtorizzazzjoni ta' l-Awtorità Kompetenti biex taġixxi bħala attwarju ta' kumpannija awtorizzata biex tmexxi kummerċ fit-tul.

Kumpannija li tmexxi kummerċ fit-tul ikollha investigazzjonijiet perjodiċi mill-attwarju.

23. (1) Kull kumpannija awtorizzata taħt dan l-Att biex tmexxi kummerċ fit-tul —

(a) għandha, ma' l-għeluq tas-sena finanzjarja tagħha, tieħu ħsieb li ssir investigazzjoni fil-qagħda finanzjarja tagħha dwar dak il-kummerċ mill-persuna li f'dak iż-żmien tkun l-attwarju tagħha skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 22 ta' dan l-Att; u

(b) meta dik l-investigazzjoni tkun saret, jew meta f'xi żmien ieħor tkun saret investigazzjoni tal-qagħda finanzjarja tal-kumpannija dwar il-kummerċ fit-tul tagħha bil-ħsieb li jitqassmu profitti, jew li r-riżultati tagħha jkunu pubblikati, għandha tieħu ħsieb li jsir astratt tar-rapport ta' investigazzjoni ta' l-attwarju u li dak l-astratt ikunu jistgħu jarawh id-detenturi ta' polza fl-uffiċċji tal-kumpannija.

(2) Investigazzjoni li għaliha jirreferi l-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha tinkludi —

(a) valutazzjoni ta' obbligazzjonijiet tal-kumpannija li joħorġu mill-kummerċ tagħha fit-tul; u

(b) li jiġi stabbilit kull eċċess ta' l-attiv fuq dawk l-obbligazzjonijiet li jkun jirrappreżenta l-fond jew il-fondi miżmuma mill-kumpannija dwar dak il-kummerċ u, meta xi jeddijiet ta' detenturi ta' polza f'xi kummerċ fit-tul biex jipparteċipaw fi profitti jirreferu għal partijiet partikolari ta' dak il-fond, jiġi stabbilit l-eċċess ta' l-attiv fuq l-obbligazzjonijiet dwar kull waħda minn dawk il-partijiet.

(3) Għall-finijiet ta' kull investigazzjoni li għaliha japplika dan l-artikolu, il-valur ta' kull attiv u l-ammont ta' kull obbligazzjonijiet ikunu stabbiliti skond kull regolamenti ta' valutazzjoni applikabbli

(4) Il-forma u l-kontenut ta' kull astratt taħt dan l-artikolu għandhom ikunu hekk kif jiġi stabbilit b'Direttiva dwar l-Assigurazzjoni magħmula għall-finijiet ta' dan l-artikolu.

(5) Meta ssir investigazzjoni, ir-rapport ta' l-investigazzjoni ta' l-attwarju għandu jintbagħat mill-kumpannija li tkun lill-Awtorità Kompetenti —

(a) dwar investigazzjoni magħmula fl-għeluq tas-sena finanzjarja tal-kumpannija, flimkien mad-dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati tal-kumpannija li huma meħtieġa li jintbagħtu taħt l-artikolu 20 ta' dan l-Att;

(b) dwar investigazzjoni magħmula f'xi żmien ieħor, mhux iktar tard minn tletin jum mit-tmiem ta' l-investigazzjoni.

(6) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, l-Awtorità Kompetenti tista' bil-miktub, f'kull żmien, tordna li kumpannija awtorizzata kif intqal qabel tieħu ħsieb li tibgħatilha valutazzjoni ta' l-obbligazzjonijiet tal-kumpannija li jkunu pendenti fid-data speċifikata fl-ordni dwar il-kummerċ tagħha fit-tul, flimkien ma' dikjarazzjoni preparata mill-attwarju tal-kumpannija li tkun, f'dik il-forma u b'dak il-kontenut li l-Awtorità Kompetenti tista' tistabbilixxi b'Direttiva dwar l-Assigurazzjoni.

(7) Il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1), is-subartikoli (2) u (4), u l-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għal kumpannija li l-kummerċ tagħha jkun ristrett għal rijassigurazzjoni jew assigurazzjoni affiljata.

(8) Minkejja kull ħaġa li tinsab f'xi wieħed mis-subartikoli ta' qabel dan, fil-każ ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun qiegħed f'pajjiż barra minn Malta awtorizzata biex tmexxi kummerċ

fit-tul, l-Awtorità Kompetenti tista' tapprova dawk l-arranġamenti alternattivi li jidħrilha xierqa u li ma jnaqqsux sostanzjalment l-iskopijiet prinċipali ta'dan l-artikolu, u meta jkunu saru dawk l-arranġamenti, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw sal-limitu li dawn ikunu sostitwiti b'dawk l-arranġamenti.

Obbligazzjonijiet ta' udituri u attwarji lejn l-Awtorità Kompetenti.

24. Jekk, fil-kariga tiegħu bħala uditur jew ta' attwarju rispettivament ta' kumpannija awtorizzata, jew bħala riżultat ta' talba diretta mill-Awtorità Kompetenti taħt dan l-Att, uditur jew attwarju, skond il-każ, isir jaf b'xi materja li jkollha x'taqsam ma' u li jista' jkollha effett avvers serju fuq l-assigurat, id-detentur ta' polza jew xi persuna oħra interessata tal-kumpannija, jew tal-fergħa f'Malta ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun qiegħed f'pajjiż barra minn Malta, huwa għandu minnufih jgħarraf lill-Awtorità Kompetenti permezz tad-direzzjoni tal-kumpannija jew, jekk iċ-ċirkostanzi hekk jiġġustifikaw, direttament lill-Awtorità Kompetenti.

TAQSIMA VI – SETGĦAT TA' INTERVENZJONI

Revoka awtomatika ta' awtorizzazzjoni.

25. Awtorizzazzjoni maħruġa jew miżmuma taħt dan l-Att għandha tkun awtomatikament revokata jekk il-kumpannija awtorizzata —

(a) ma tibdix tmexxi l-kummerċ skond l-awtorizzazzjoni fi żmien tnax-il xahar mill-ħruġ tagħha, jew f'dak iż-żmien l-ieħor li jista' jiġi speċifikat fl-awtorizzazzjoni; jew

(b) tkun ġiet dikjarata falluta jew tmur f'likwidazzjoni jew tagħmel kompożizzjoni mal-krediturі tagħha jew xort'oħra tkun xolta; jew

(ċ) tkun waqfet milli topera b'riżultat ta' *merger* ma' kumpannija oħra li tmexxi kummerċ ta' l-assigurazzjoni jew għal kull raġuni oħra tkun liema tkun; jew

(d) tkun kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'pajjiż barra minn Malta, u l-awtorità regolatorja barranija fil-pajjiż ta' reġistrazzjoni, inkorporazzjoni jew kostituzzjoni tirtira l-awtorizzazzjoni tal-kumpannija.

Setgħa ta' l-Awtorità Kompetenti li tissospendi jew tirrevoka awtorizzazzjoni.

26. Bla ħsara għal kull ħaġa li tinsab f'xi dispożizzjonijiet oħra ta' dan l-Att, l-Awtorità Kompetenti tista' f'kull żmien tissospendi jew tirrevoka awtorizzazzjoni maħruġa jew miżmuma taħt dan l-Att jekk —

(a) xi dokument jew tagħrif li jingħata ma' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, jew xi tagħrif li jingħata dwarha, ikun falz,

mhux korrett jew qarrieqi f'xi partikolari materjali, jew jekk il-kumpannija awtorizzata tkun ħbiet, jew taħbi minn, jew tonqos li tgħarraf lil, l-Awtorità Kompetenti xi dokument jew tagħrif jew tibdil fih li kienet fid-dmir li tikxef jew tgħarraf taħt dan l-Att jew xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu jew xi Direttiva dwar l-Assigurazzjoni; jew

(b) il-kumpannija awtorizzata tieqaf milli tmexxi l-kummerċ li għalih tkun ħarġet l-awtorizzazzjoni; jew

(ċ) il-kumpannija awtorizzata tissospendi l-ħlasijiet jew tkun se tissospendi l-ħlasijiet; jew

(d) tikkunsidra li l-kumpannija awtorizzata ma tkunx tissodisfa jew tħares il-ħtiġiet ta', jew tkun kisret, xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, jew ta' Direttiva dwar l-Assigurazzjoni, jew tkun naqset li tissodisfa jew tħares xi kondizzjoni li hi, jew l-awtorizzazzjoni miżmuma minnha, tkun suġġetta għaliha bis-saħħa ta' dan l-Att jew taħtu; jew

(e) tikkonsidra li xi uffiċjal li effettivament jikkontrolla l-kummerċ li l-kumpannija tkun awtorizzata tmexxi ma jibqax persuna xierqa u idoneja biex tiżgura t-tmexxija tajba u prudenti tagħha; jew

(f) tirċievi talba bil-miktub biex hekk tagħmel mingħand il-kumpannija awtorizzata; jew

(ġ) il-kumpannija awtorizzata ma jkunx baqgħalha l-fondi tal-kumpannija stess biżżejjed kemm meħtieġ; jew

(ħ) il-kumpannija awtorizzata x'aktarx se tiġi f'qagħda li ma tkunx tista' tissodisfa l-obbligazzjonijiet tagħha jew ma tkunx iktar ta' min jorbot fuqha biex twettaq jew tissodisfa l-obbligazzjonijiet tagħha dwar persuni assigurati, detenturi ta' polza, kredituri jew persuni interessati oħra.

Avviż ta' sospensjoni jew revoka ta' awtorizzazzjoni.

27. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, meta l-Awtorità Kompetenti jkun bi ħsiebha tissospendi jew tirrevoka awtorizzazzjoni din għandha tagħti avviż bil-miktub lill-kumpannija konċernata fejn tagħti r-raġunijiet għaliex bi ħsiebha tagħmel hekk.

(2) Kull avviż mogħti taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jgħid li l-kumpannija konċernata tista', f'dak iż-żmien xieraq wara n-notifika tiegħu li jista' jingħata fl-avviż (liema żmien ma jkunx

inqas minn tmienja u erbgħin siegħa u mhux iktar minn ħmistax-il jum) tagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti fejn tagħti r-raġunijiet għaliex l-awtorizzazzjoni m'għandhiex tiġi sospiża jew revokata u l-Awtorità Kompetenti tista' tikkunsidra kull rappreżentazzjonijiet hekk magħmula qabel tasal għal deċiżjoni finali.

(3) L-Awtorità Kompetenti għandha tavża bil-miktub id-deċiżjoni finali tagħha lill-kumpannija konċernata.

(4) Awtorizzazzjoni maħruġa lil kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'pajjiz barra minn Malta tista' tiġi revokata biss wara konsultazzjoni ma' l-awtorità regolatorja barranija tal-pajjiz ta' reġistrazzjoni, inkorporazzjoni jew kostituzzjoni, kemm-il darba l-Awtorità Kompetenti ma tiddeċidix li l-kwistjoni tkun urġenti jew li jkun hemm ċirkostanzi fejn il-konsultazzjoni bil-quddiem ma tkunx xierqa.

(5) F'każ ta' sospensjoni jew revoka ta' awtorizzazzjoni ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta, l-Awtorità Kompetenti għandha tavża lill-awtorità regolatorja barranija ta' kull stat fejn il-kumpannija jew is-sussidjarji tagħha jkunu qed imexxu l-kummerċ ta' l-assigurazzjoni.

Setgħa ta' l-Awtorità Kompetenti li thares l-interess pubbliku.

28. (1) F'kull wieħed mill-każijiet fejn l-Awtorità Kompetenti tista' thassar jew tirrevoka awtorizzazzjoni taħt l-artikolu 26 ta' dan l-Att, l-Awtorità Kompetenti tista', jew minflok jew b'żieda ma' kull sospensjoni jew revoka bħal dik, u bla ħsara għas-setgħat tagħha li tissospendi jew tirrevoka awtorizzazzjoni, tipproċedi b'mod wieħed jew iktar minn dawn li ġejjin —

(a) teħtieġ lill-kumpannija biex minnufih tieħu dawk il-passi li l-Awtorità Kompetenti tqis meħtieġa biex tirrettifika jew tirrimedja l-kwistjoni;

(b) taħtar persuna biex tagħti parir lill-kumpannija dwar it-tmexxija xierqa tal-kummerċ tagħha;

(ċ) taħtar persuna biex tieħu f'idejha l-attiv tal-kumpannija, jew parti minnu, sabiex jiġu mħarsa l-interessi ta' persuni assigurati, detenturi ta' polza, krediturі u azzjonisti tal-kumpannija;

(d) taħtar persuna biex tieħu f'idejha kontroll tal-kummerċ tal-kumpannija jew li tkompli tmexxi dak il-kummerċ jew li tagħmel dik il-funzjoni oħra jew dawk il-funzjonijiet dwar dak il-kummerċ, jew parti minnu, kif tordna l-Awtorità Kompetenti;

(e) teħtieġ lill-kumpannija li xxolji u tillikwida l-kummerċ tagħha jew, fil-każ ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'pajjiż barra minn Malta, li tillikwida l-kummerċ tagħha f'Malta;

(f) taħtar persuna kompetenti biex tagħmilha bħala stralċjarju għall-fini tal-likwidazzjoni ta' l-affarijiet tal-kumpannija;

(ġ) tistabbilixxi kumpens li għandha titħallas mill-kumpannija lil persuna maħtura taħt dan l-artikolu;

(ħ) tagħmel dak kollu jew teħtieġ li jsir dak kollu li jidħrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi,

u wara li tkun ipproċediet b'mod wieħed jew iktar kif intqal qabel, l-Awtorità Kompetenti tista' tkompli tipproċedi b'mod wieħed jew iktar minn dawk il-modi, jew b'żieda jew b'sostituzzjoni.

(2) Meta persuna tinħatar mill-Awtorità Kompetenti —

(a) skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ikun id-dmir tal-kumpannija li taġixxi skond il-parir mogħti minn dik il-persuna kemm-il darba u sakemm l-Awtorità Kompetenti, fuq rappreżentazzjoni li ssirilha, ma tordnax xort'oħra;

(b) skond il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-kumpannija għandha tikkonsenja lil dik il-persuna l-attiv kollu li hi tkun inkarigata minnu, u s-setgħat, il-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha tal-kumpannija dwar dak l-attiv sew jekk eżerċitabbli mill-kumpannija f'laqgħa ġenerali, jew mid-diretturi, jew minn xi persuna oħra, inkluża r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-kumpannija, għandhom jiġu eżerċitati minn u vestiti fil-persuna maħtura taħt l-imsemmi paragrafu bl-esklużjoni ta' kull persuna oħra;

(ċ) skond il-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-kumpannija għandha tissottometti l-kummerċ tagħha għall-kontroll minn dik il-persuna u għandha tipprovdiha b'dawk il-faċilitajiet li hija tista' teħtieġ biex tkompli tmexxi dak il-kummerċ jew biex taqdi l-funzjonijiet mogħtija lilha taħt dak il-paragrafu; u s-setgħat, il-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha tal-kumpannija, sew jekk eżerċitabbli mill-kumpannija f'laqgħa ġenerali, jew mid-diretturi, jew minn xi persuna oħra, inkluża r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-kumpannija fil-kwistjonijiet kollha, għandhom ikunu eżerċitati minnha u vestiti fiha bl-esklużjoni ta' kull persuna oħra;

(d) skond il-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, dik il-persuna tkun l-istralċjarju tal-kumpannija għall-finijiet kollha tal-liġi bl-esklużjoni ta' kull persuna oħra.

(3) Fil-każ ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'pajjiż barra minn Malta, il-fergħat u l-uffiċċji f'Malta ta' dik il-kumpannija għandhom, jekk l-Awtorità Kompetenti hekk tordna u sal-limitu li hekk tordna, jitqiesu li jikkostitwixxu kumpannija separata.

TAQSIMA VII – SUPERVIŻJONI TA' KUMPANNIJI AWTORIZZATI

Setgħa ta' l-Awtorità Kompetenti li teħtieġ tagħrif.

29. (1) Bla ħsara għal kull ħaġa li tinsab f'xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att li teħtieġ kumpannija awtorizzata li tagħti lill-Awtorità Kompetenti xi tagħrif jew dokumentazzjoni, l-Awtorità Kompetenti tista', b'avviż bil-miktub, teħtieġ lil kull kumpannija bħal dik biex —

(a) tagħtiha, f'dak iż-żmien u post u f'dik il-forma li tista' tispeċifika, dak it-tagħrif u dokumentazzjoni li tista' teħtieġ dwar il-kummerċ li dik il-kumpannija tkun awtorizzata li tmexxi;

(b) tagħtiha kull tagħrif jew dokumentazzjoni kif imsemmija verifikata b'dak il-mod li jista' jkun speċifikat;

(ċ) biex tidher quddiemha, jew quddiem persuna maħtura minnha, f'dak il-post u ħin li tista' tispeċifika biex twieġeb mistoqsijiet u tagħti tagħrif u dokumentazzjoni dwar kull kummerċ kif intqal qabel.

(2) L-Awtorità Kompetenti tista' tagħmel kopji ta' kull dokumenti mogħtija jew provduti taħt dan l-artikolu jew ta' estratti minnhom.

(3) Meta l-kumpannija awtorizzata meħtieġa li tagħti tagħrif jew dokumentazzjoni taħt dan l-artikolu ma jkollhix it-tagħrif jew id-dokumentazzjoni rilevanti, din għandha tgħid lill-Awtorità Kompetenti fejn, skond l-aħjar tagħrif li jkollha, dak it-tagħrif jew dik id-dokumentazzjoni tkun, u l-Awtorità Kompetenti tista' teħtieġ lil kull persuna, sew jekk indikata kif intqal qabel sew jekk le, li fil-fehma tagħha jkollha fil-pussess tagħha dak it-tagħrif jew dik id-dokumentazzjoni, biex tagħtihilha.

(4) Dikjarazzjoni magħmula u dokument provdut skond xi ħtieġa taħt dan l-artikolu jistgħu jintużaw bħala prova kontra l-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni jew li tipprovdi d-dokumentazzjoni kif ukoll kontra kull persuna li għalihom jirreferu.

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għal tagħrif jew dokumentazzjoni li huma privileġġati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 642 tal-Kodiċi Kriminali.

Kap. 9.

(6) Is-setgħa li tinħtieġ li jingiebu dokumenti bis-saħħa tad dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kull rahan jew privileġġ li xi ħadd jista' jkollu għar-rigward ta' dawk id-dokumenti.

(7) Meta l-Awtorità Kompetenti tkun ħatret persuna taħt il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, dik il-persuna jkollha, sabiex taqdi l-funzjonijiet tagħha skond il-ħatra tagħha, dawk is-setgħat kollha mogħtija lill-Awtorità Kompetenti b'dan l-artikolu u jekk dik il-persuna teħtieġ xi ħaġa dik il-ħtieġa titqies li tkun saret u li jkollha l-istess saħħa u effett bħala ħtieġa ta' l-Awtorità Kompetenti.

Setgħa ta' l-Awtorità Kompetenti li teżamina l-affarijiet ta' kumpanniji awtorizzati.

30. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, safejn għandu x'jaqsam ma' l-investigazzjoni ta' kumpanniji, l-Awtorità Kompetenti tista', kull meta jidhrilha meħtieġ jew xieraq, taħtar spettur jew spetturi biex jistħarrġu u jirrapportaw dwar l-affarijiet ta' kumpannija awtorizzata.

(2) Spettur maħtur taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu —

(a) ikollu u jkun jista' jeżerċita s-setgħat mogħtija lill-Awtorità Kompetenti bl-artikolu 24 ta' dan l-Att, u kull ħaġa li jeħtieġ titqies li tkun u jkollha l-istess saħħa u effett bħal ħtieġa ta' l-Awtorità Kompetenti;

(b) jista', u jekk hekk ordnat mill-Awtorità Kompetenti għandu, jagħmel rapporti *interim* u fuq il-konklużjoni ta' l-istħarriġ tiegħu jagħmel rapport finali lill-imsemmija Awtorità.

(3) L-Awtorità Kompetenti tista' tibgħat lill-kumpannija konċernata kopja ta' kull rapport magħmul minn spettur dwar l-affarijiet tagħha.

(4) Meta l-affarijiet ta' kumpannija awtorizzata jkunu qed jiġu mistħarrġa, ikun id-dmir ta' l-uffiċjali u l-aġenti kollha tal-kumpannija li jipproduċu lil spettur il-kotba u d-dokumenti kollha tal-kumpannija jew li jirreferu għaliha u xort'oħra jagħtu lil spettur l-għajnuna kollha dwar l-istħarriġ li huma b'mod raġonevoli jkunu jistgħu jagħtu; u jekk uffiċjal jew aġent tal-kumpannija jirrifjuta li jipproduċi xi kotba jew dokumenti li jkun id-dmir tiegħu taħt dan l-artikolu li jipproduċi, jew jirrifjuta li jwieġeb għal xi mistoqsija li ssirlu minn spettur dwar l-affarijiet tal-kumpannija, spettur għandu jirreferi l-kwistjoni lill-Awtorità Kompetenti u malli jiġri dan l-Awtorità Kompetenti għandha tistħarreġ dwar il-każ u tieħu l-passi li jidhrilha xierqa.

(5) Spettur għandu wkoll jingħata aċċess għal kull kontijiet, prospetti jew tagħrif ieħor dwar kumpannija awtorizzata li l-affarijiet tagħha jkunu qed jiġu mistħarrġa li jkunu fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' l-Awtorità Kompetenti.

(6) L-Awtorità Kompetenti jkollha s-setgħa tordna li l-ispejjeż kollha ta' investigazzjoni, u li għandhom x'jaqsmu magħha, li ssir bis-saħħa ta' dan l-artikolu, jew parti minnhom kif jidhrilha xierqa, għandhom jitħallsu mill-kumpannija konċernata; u kull ammont hekk dovut għandu jinġabar mill-Awtorità Kompetenti bl-istess mod bħalma tinġabar penali amministrattiva imposta taħt dan l-Att.

(7) F'dan l-artikolu, kull riferenza għal uffiċjali jew aġenti għandha tinkludi riferenza sew għal uffiċjali u aġenti preżenti kif ukoll passati u l-espressjoni "aġenti", dwar kumpannija awtorizzata, għandha tinkludi aġent fl-assigurazzjoni awtorizzat, *manager* fl-assigurazzjoni awtorizzat, persuna, li ma tkunx aġent ta' l-assigurazzjoni jew *manager* ta' l-assigurazzjoni, awtorizzata biex taġixxi għan-nom tal-kumpannija bl-istess mod u sa l-istess limitu bħal aġent fl-assigurazzjoni, sotto-aġent fl-assigurazzjoni reġistrat taħt l-Att ta' l-1998 dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji oħra, il-bankiera, l-uduturi u, fil-każ ta' kumpannija awtorizzata biex tmexxi kummerċ fit-tul, l-attwarju tal-kumpannija u persuna kif jista' jiġi preskritt b'regolamenti magħmula għall-finijiet ta' l-artikolu 18 ta' dan l-Att.

Setgħa għal dħul biex jinkisbu tagħrif u dokumenti.

31. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, safejn għandu x'jaqsam mad-dħul u t-tfittxija f'post, kull uffiċjal, impjegat jew aġent ta' l-Awtorità Kompetenti, wara li juri evidenza ta' l-awtorità tiegħu, jista' jidħol f'post okkupat minn persuna li lilha jkun notifikat avviż taħt l-artikolu 29 ta' dan l-Att jew li l-affarijiet tagħha jkunu qed jiġu mistħarrġa taħt l-artikolu 30 ta' dan l-Att, sabiex minn hemm jikseb it-tagħrif jew id-dokumenti meħtieġa b'dak l-avviż, jew xort'oħra għall-finijiet ta' l-istħarriġ, u sabiex jeżerċita s-setgħat mogħtija bl-imsemmija artikoli.

(2) Meta xi uffiċjal, impjegat jew aġent ta' l-Awtorità Kompetenti jkollu raġuni biżżejjed li jaħseb li jekk dak l-avviż kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu kellu jkun notifikat ma jkunx se jitħares jew li xi dokumenti li għalihom jista' jirreferi jitneħħew, ikunu mbagħbsa jew distrutti, l-imsemmija persuna tista', wara li turi l-evidenza ta' l-awtorità tagħha, tidħol f'kull post imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu sabiex minn hemm tikseb kull tagħrif jew dokumenti speċifikati fl-awtorità, liema tagħrif jew dokumenti setgħu kienu meħtieġa bis-saħħa ta' dak l-avviż li hemm imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(3) Għall-finijiet ta' kull azzjoni li tittieħed taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, l-Awtorità Kompetenti tista' titlob l-għajnuna tal-Kummissarju tal-Pulizija, li jista' għal dan l-għan jeżerċita dawk is-setgħat li huma vestiti fih sabiex iħares milli jsiru reati u sabiex jinfurza l-liġi u l-ordni:

Iżda meta dħul kif imsemmi f'dan l-artikolu jinvolvi post li jkun okkupat għall-fini ta' abitazzjoni, dak id-dħul għandu jsir fil-preżenza ta' uffiċjal tal-pulizija mhux taħt il-grad ta' Spettur u barra minn hekk ma jsirx bejn id-disgħa ta' fil-għaxija u l-ħamsa ta' fil-għodu.

Dikjarazzjonijiet kummerċjali.

32. (1) Bla ħsara għas-subartikoli li ġejjin ta' dan l-artikolu, kumpannija awtorizzata li f'xi sena kalendarja tmexxi kummerċ ta' l-assigurazzjoni għandha, dwar il-kummerċ ta' assigurazzjoni li hekk jitmexxa minnha, tibgħat lill-Awtorità Kompetenti dikjarazzjoni dwar il-kummerċ ta' l-assigurazzjoni tagħha magħmula f'dik il-forma u b'dak il-mod kif l-Awtorità Kompetenti tista' tiddeċiedi b'Direttiva dwar l-Assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' dan l-artikolu; u d-data li fiha dik id-dikjarazzjoni trid tintbagħat għandu ukoll tiġi hekk stabbilita b'dik id-Direttiva.

(2) Id-dikjarazzjoni meħtieġa li tingħata taħt dan l-artikolu għandha tkun verifikata bil-mod meħtieġ bid-Direttiva dwar l-Assigurazzjoni.

(3) L-Awtorità Kompetenti tista' f'kull żmien tordna kumpannija awtorizzata biex tibgħatilha dik id-dikjarazzjoni kull tant żmien jew għal dak il-perijodu li jista' jiġi speċifikat fid-direttiva.

TAQSIMA VIII – TRASFERIMENT TA' KUMMERĊ TA' L-ASSIGURAZZJONI

Trasferiment ta' kummerċ ġenerali.

33. (1) Meta jkun hemm proposta biex issir skema li taħtha kumpannija awtorizzata taħt dan l-Att ("iċ-ċedent"), tkun se tittrasferixxi

lil kumpannija oħra, sew jekk awtorizzata taħt l-Att u sew jekk le ("iċ-ċessjonarju") id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet kollha tagħha taħt dawk il-poloz ta' kummerċ ġenerali, jew poloz ta' kummerċ ġenerali ta' dawk id-deskrizzjonijiet, li jistgħu jkunu speċifikati fl-iskema, u —

(a) meta ċ-ċedent ikun kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta, it-twettiq tagħha ta' l-obbligazzjonijiet proposti li jiġu trasferiti jikkostitwixxu t-tmexxija ta' kummerċ ta' l-assigurazzjoni f'Malta jew minnha jew f'pajjiż jew minn pajjiż barra minn Malta; jew

(b) meta ċ-ċedent ikun kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'pajjiż barra minn Malta, it-twettiq tagħha ta' l-obbligazzjonijiet proposti li jiġu trasferiti jikkostitwixxu kummerċ ta' assigurazzjoni f'Malta jew minnha,

iċ-ċedent għandu japplika għand l-Awtorità Kompetenti għall-approvazzjoni tagħha taħt din l-iskema.

(2) L-Awtorità Kompetenti ma tiddeċidix applikazzjoni magħmula taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu kemm-il darba ma tkunx sodisfatta li —

(a) ikun ġie pubblikat avviż approvat minnha għal dan l-għan:

(i) f'għall-inqas żewġ gazzetti lokali li joħorġu kuljum li minnhom waħda tiġi pubblikata bil-Malti u l-oħra bl-Ingliż; u t-test ta' l-avviż ikun bil-Malti fil-gazzetta bil-Malti u bl-Ingliż fil-gazzetta bl-Ingliż;

(ii) meta ċ-ċedent ikun kumpannija li tmexxi kummerċ minn Malta jew f'pajjiż jew minn pajjiż barra minn Malta u, dwar xi polza inkluża fit-trasferiment propost li turi kuntratt ta' assigurazzjoni, ir-riskju jkun riskju sitwat barra minn Malta, f'żewġ gazzetti li joħorġu kuljum fil-pajjiż fejn ir-riskju jkun sitwat;

(b) ħlief safejn l-Awtorità Kompetenti tkun ordnat xort'oħra, kopja ta' l-avviż tkun intbagħtet miċ-ċedent lil kull detentur ta' polza milqut bl-iskema u lil kull persuna oħra li tiddikjara li jkollha

interess f'polza inkluża fit-trasferiment propost u li tkun tat avviż tad-dikjarazzjoni tagħha liċ-ċedent;

(ċ) kopji tad-dikjarazzjoni li turi l-partikolaritajiet tat-trasferiment u ta' l-approvazzjoni għal dan l-għan mill-Awtorità Kompetenti jkunu tqiegħdu għal spezzjoni:

(i) f'kull waħda mill-fergħat, aġenziji u uffiċċji taċ-ċedent f'Malta;

(ii) meta ċ-ċedent ikun kumpannija li tmexxi kummerċ minn Malta jew f'pajjiż jew minn pajjiż barra minn Malta u, dwar xi polza inkluża fit-trasferiment propost li turi kuntratt ta' assigurazzjoni, ir-riskju jkun sitwat barra minn Malta, f'post wieħed jew iżjed fil-pajjiż fejn ir-riskju jkun sitwat,

għal żmien ta' mhux inqas minn tletin jum li jibda mid-data stabbilita mill-Awtorità Kompetenti.

(3) L-avviż imsemmi fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu għandu jinkludi dikjarazzjoni li rappreżentazzjonijiet bil-miktub dwar it-trasferiment jistgħu jintbagħtu lill-Awtorità Kompetenti fi żmien speċifikat mill-Awtorità Kompetenti; u l-Awtorità Kompetenti ma għandhiex tiddeċiedi l-applikazzjoni sakemm ma tkunx ikkunsidrat kull rappreżentazzjonijiet li jkunu sarulha qabel id-data speċifikata

(4) Bla ħsara għas-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu, l-Awtorità Kompetenti ma għandhix tapprova trasferiment fuq applikazzjoni magħmula taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu kemm-il darba ma tkunx sodisfatta li —

(a) iċ-ċessjonarju hu awtorizzat, jew immedjatament wara l-approvazzjoni, jkun awtorizzat taħt l-artikolu 7 ta' dan l-Att biex imexxi kummerċ ġenerali ta' l-assigurazzjoni tal-klassi jew klassijiet jew parti mill-klassijiet li jkunu se jiġu trasferiti taħt l-iskema;

(b) iċ-ċessjonarju jkollu, wara li jitlieħed kont tat-trasferiment propost, il-marġini jew il-marġinijiet ta' solvibbilta meħtieġa lil jinżammu taħt dan l-Att; u

(ċ) ir-riżorsi finanzjarji taċ-ċessjonarju huma, b'konsegwenza tat-trasferiment, biżżejjed biex iwettaq l-obbligazzjonijiet l-oħra meħtieġa bl-Att jew taħtu

(5) Meta tiddeċiedi applikazzjoni magħmula taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, l-Awtorità Kompetenti għandha-

(a) tippubblika avviż tad-deċiżjoni tagħha fil-Gazzetta u b'dak il-mod l-ieħor li jidħrilha xieraq; u

(b) tibgħat kopja ta' dak l-avviż liċ-ċedent, liċ-ċessjonarju u lil kull persuna li tkun għamlet rappreżentazzjonijiet skond l-avviż imsemmi fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu,

u jekk tirrifjuta l-applikazzjoni għandha tgħarraf bil-miktub liċ-ċedent u liċ-ċessjonarju bir-raġunijiet tar-rifjut tagħha.

(6) Meta ċ-ċedent ikun kumpannija li tmexxi kummerċ minn Malta jew f'pajjiż jew minn pajjiż barra minn Malta u, dwar xi polza inkluża fit-trasferiment propost li turi kuntratt ta' assigurazzjoni, ir-riskju jkun riskju sitwat barra minn Malta, l-Awtorità Kompetenti m'għandhiex tapprova t-trasferiment kemm-il darba ma tkunx sodisfatta —

(a) li l-awtorità regolatorja barranija fil-pajjiż fejn ir-riskju jkun sitwat tkun ġiet notifikata bit-trasferiment propost;

(b) jew li l-awtorità regolatorja barranija tkun tat il-kunsens għat-trasferiment jew li l-awtorità regolatorja barranija ma tkunx irrifjutat il-kunsens tagħha għat-trasferiment fi żmien tliet xhur li jibda mid-data tan-notifika.

Effett ta' approvazzjoni taħt l-artikolu 33.

34. (1) Bla ħsara għas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, skema li tagħti effett lil trasferiment approvat mill-Awtorità Kompetenti taħt l-artikolu 33 ta' dan l-Att għandha l-effett legali-

(a) li tittrasferixxi liċ-ċessjonarju d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet kollha taċ-ċedent taħt il-poloz inkluzi fl-iskema tat-trasferiment, u

(b) jekk l-iskema hekk tipprovdi, li tiżgura l-kontinwazzjoni minn jew kontra ċ-ċessjonarju ta' kull proċedimenti legali minn jew kontra ċ-ċedent li jirreferu għal dawk id-drittijiet jew obbligazzjonijiet,

minkejja n-nuqqas ta' kull ftehim jew kunsens li jkunu xort' oħra meħtieġa sabiex ikollha effett legali għal dawk l-għanijiet.

(2) Ħlief safejn l-Awtorità Kompetenti tista' tordna xort' oħra, detentur ta' polza li l-polza tiegħu tkun inkluża fi skema bħal dik

ma jkunx marbut bl-iskema kemm-il darba ma jkunx ingħata avviż bil-miktub li jsir dan miċ-ċessjonarju.

Trasferiment ta' kummerċ fit-tul.

35. (1) Meta jkun propost li titmexxa skema li biha l-kummerċ fit-tul kollu jew parti minnu li jitmexxa minn kumpannija awtorizzata taħt dan l-Att ("il-kumpanija ċedenti"), ikun se jiġi trasferit lil kumpannija oħra sew jekk hekk awtorizzata taħt l-Att jew le, u

(a) meta l-kumpannija ċessjonarja tkun kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta, il-kummerċ propost li jiġi trasferit ikun kummerċ li jitmexxa f'Malta jew minn Malta jew f'pajjiż jew minn pajjiż barra minn Malta;

(b) meta l-kumpannija ċessjonarja tkun kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'pajjiż barra minn Malta, il-kummerċ propost li jiġi trasferit ikun kummerċ li jitmexxa f'Malta jew minn Malta,

il-kumpannija ċessjonarja jew il-kumpannija ċedenti għandha, b'applikazzjoni li ssir lit-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji, titlob li l-iskema tkun approvata. L-approvazzjoni tat-Tribunal għandha tkun skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(2) It-Tribunal ma għandux jiddeċiedi applikazzjoni ppreżentata quddiemu taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu kemm-il darba —

(a) l-applikazzjoni ma jkollhix magħha rapport fuq il-kondizzjonijiet ta' l-iskema minn attwarju indipendenti; u

(b) it-Tribunal ikun sodisfatt li l-ħtiġiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu jkunu tħarsu.

(3) Il-ħtiġiet imsemmija fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu huma —

(a) avviż li jgħid li l-applikazzjoni tkun saret u li jagħti l-indirizzi tal-fergħat, aġenziji u uffiċċji li fihom, u ż-żmien meta, kopji tad-dokumenti msemmija fil-paragrafu (d) ta' dan is-subartikolu jkunu jistgħu jinkisbu kif meħtieġ minn dak il-paragrafu jkun ġie pubblikat:

(i) f'għall-inqas żewġ gazzetti lokali li joħorġu kuljum li minnhom waħda tiġi pubblikata bil-Malti u l-oħra bl-Ingliż,

u t-test ta' l-avviż ikun bil-Malti fil-gazzetta bil-Malti u bl-Ingliż fil-gazzetta bl-Ingliż;

(ii) meta l-kumpannija ċedenti tkun kumpannija li tmexxi kummerċ minn Malta jew f'pajjiż jew minn pajjiż barra minn Malta u, dwar xi polza inkluża fit-trasferiment propost li turi kuntratt ta' assigurazzjoni, il-pajjiż tar-rabta jkun pajjiż barra minn Malta, f'żewġ gazzetti li joħorġu kuljum f'dak il-pajjiż;

(b) ħlief safejn it-Tribunal ma jordnax xort'oħra, dikjarazzjoni:

(i) li turi l-kondizzjonijiet ta' l-iskema, u

(ii) li jkun fiha sommarju tar-rapport imsemmi fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu biżżejjed biex juri l-fehma ta' l-attwarju dwar x'aktarx ikunu l-effetti ta' l-iskema fuq detenturi ta' polza ta' kummerċ fit-tul tal-kumpanniji konċernati,

tkun intbagħtet lil kull wieħed mid-detenturi ta' polza u lil kull persuna oħra li tiddikjara li għandha interess fil-polza inkluża fit-trasferriment propost u tkun tat avviż bil-miktub tad-dikjarazzjoni tagħha lill-kumpannija ċedenti;

(ċ) kopja ta' l-applikazzjoni tar-rapport imsemmi fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu u kull dikjarazzjoni mibgħuta taħt il-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu jkunu ġew notifikati lill-Awtorità Kompetenti u li jkun għadda żmien ta' mhux inqas minn tletin jum mid-data tan-notifika; u

(d) kopji ta' l-applikazzjoni u tar-rapport imsemmi fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jkunu tħallew disponibbli biex ikunu spezzjonati:

(i) f'kull waħda mill-fergħat, aġenziji u uffiċċji f'Malta tal-kumpannija konċernata;

(ii) meta l-kumpannija ċedenti tkun —

(aa) kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta li tmexxi l-kummerċ minn Malta jew minn pajjiż barra minn Malta, jew

(bb) kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'pajjiż barra minn Malta li tmexxi l-kummerċ minn Malta,

u, dwar xi polza inkluża fit-trasferiment propost li juri kuntratt ta' assigurazzjoni, pajjiż barra minn Malta jkun il-pajjiż tar-rabta, f'dak il-post f'dak il-pajjiż li jkun ordna t-Tribunal; għal żmien ta' mhux inqas minn tletin jum li jibda minn data li tkun stabbilita mit-Tribunal; u li kopji tar-rapport ikunu tqegħdu disponibbli għax-xiri minn dawk l-uffiċċji u postijiet matul dak iż-żmien mal-ħlas ta' dak id-dritt li jkun stabbilit mit-Tribunal.

(4) Meta tiġi ppreżentata applikazzjoni taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu —

(a) l-Awtorità Kompetenti; u

(b) kull detentur ta' polza li jallega li jintlaqat ħażin jekk issir l-iskema,

ikollhom jedd li jagħmlu rappreżentazzjonijiet bil-miktub.

(5) Bla ħsara għas-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu, it-Tribunal ma għandux japprova applikazzjoni ppreżentata taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li —

(a) il-kumpannija ċessjonarja hi awtorizzata, jew immedjatament wara l-approvazzjoni, tkun awtorizzata taħt l-artikolu 7 ta' dan l-Att biex tmexxi kummerċ fit-tul tal-klassi jew klassijiet li jkunu se jiġu trasferiti taħt l-iskema;

(b) il-kumpannija ċessjonarja tipprova illi:

(i) wara li jkun meqjus it-trasferiment, ikollha l-margini ta' solvibbiltà meħtieġa li jinżammu taħt dan l-Att; u

(ii) ir-riżorsi finanzjarji tagħha, konsegwentement għat-trasferiment, huma biżżejjed biex jitwettqu l-obbligazzjonijiet l-oħra tagħha meħtieġa b'dan l-Att jew taħtu.

(6) Meta l-kumpannija ċedenti tkun kumpannija li tmexxi kummerċ minn Malta jew f'pajjiż jew minn pajjiż barra minn Malta u, dwar xi polza inkluża fit-trasferiment propost li turi kuntratt ta' assigurazzjoni, il-pajjiż tar-rabta jkun pajjiż barra minn Malta, it-Tribunal ma għandux japprova t-trasferiment kemm-il darba l-Awtorità

Kompetenti ma tiċċertifikax —

(a) li l-awtorità regolatorja barranija f'dak il-pajjiż tkun ġiet notifikata; u

(b) jew li l-awtorità tkun tat il-kunsens tagħha għall-iskema jew li l-awtorità ma tkunx irrifjutat il-kunsens tagħha għall-iskema fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika.

(7) Meta skema tkun approvata mit-Tribunal taħt dan l-artikolu l-kumpannija ċessjonarja għandha, fi żmien għaxart ijiem mid-data ta' l-approvazzjoni jew f'dak iż-żmien itwal li jingħata mill-Awtorità Kompetenti, tiddepożita żewġ kopji uffiċjali ta' l-approvazzjoni ma' l-Awtorità Kompetenti.

Dispożizzjonijiet supplementari għall-artikolu 35.

36. Meta t-Tribunal japprova skema taħt l-artikolu 35 ta' dan l-Att, il-kummerċ fit-tul imsemmi fl-applikazzjoni jkun jista' jiġi trasferit liċ-ċessjonarju mingħajr ebda ħtieġa oħra ta' xi dokument li jkun juri l-kunsens tad-detentur ta' polza u ta' kull persuna oħra li tgħid li jkollha interess f'polza inkluża fit-trasferiment propost u minkejja kull oppożizzjoni mid-detentur ta' polza u ta' kull persuna oħra li tgħid li jkollha interess f'polza inkluża fit-trasferiment propost. It-Tribunal jista' jipprovdi għal dawk il-ħwejjeġ inċidentali, konsegwenzjali u supplementari li jkunu meħtieġa sabiex jiżguraw li l-iskema titmexxa b'mod sħiħ u effettiv; u meta jkun il-każ, sabiex jitkomplew minn jew kontra l-kumpannija ċessjonarja kull proċedimenti legali li jkunu pendenti minn jew kontra l-kumpannija ċedenti, li jkollhom x'jaqsmu ma' l-iskema.

Eżenzjoni taħt din it-Taqsima.

37. Din it-Taqsima ta' dan l-Att ma tapplikax għal kummerċ ta' rijassigurazzjoni jew assigurazzjoni affiljata.

TAQSIMA IX – AKKWIST U DISPONIMENT TA' AZZJONIJIET, IRTIRAR, XOLJIMENT U STRALĊ

Parteċipazzjoni f'kumpannija awtorizzata

38. (1) Minkejja kull ħaġa li tinsab f'xi liġi oħra, ikun meħtieġ il-kunsens bil-miktub ta' l-Awtorità Kompetenti qabel ma xi persuna tkun tista' leġittimament —

(a) takkwista *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet f'kumpannija awtorizzata;

(b) tkabbar *holding* eżistenti li ma jkunx *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet biex b'hekk issir *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet f'kumpannija awtorizzata;

(ċ) tkabbar *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet biex b'hekk isir ugwali għal jew jeċċedi l-għoxrin fil-mija jew tlieta u tletin fil-mija jew ħamsin fil-mija jew li ġġiegħel lill-kumpannija awtorizzata ssir is-sussidjarja ta' dik il-persuna;

(d) tnaqqas *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet biex b'hekk iġġiegħlha taqa' taħt ħamsin fil-mija jew tlieta u tletin fil-mija jew għoxrin fil-mija jew li ġġiegħel li l-kumpannija awtorizzata ma tibqax tkun is-sussidjarja ta' dik il-persuna;

(e) tnaqqas *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet biex b'hekk ma jibqax ikun *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet;

(f) tirrinunzja *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet.

(2) Il-Ministru jista' b' Ordni fil-Gazzetta ivarja jew ineħħi xi wieħed mill-perċentaġġi msemmija fil-paragrafi (ċ) u (d) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(3) Is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu japplika kemm jekk l-azzjonijiet relevanti jkunu jew ma jkunux imniżżla f'xi Borża.

(4) Ikun id-dmir ta' kumpannija awtorizzata u tad-diretturi tagħha li javżaw minnufih lill-Awtorità Kompetenti malli jsiru jafu li xi persuna tkun bi ħsiebha tieħu xi wieħed mill-passi msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(5) Minkejja kull ħaġa li tinsab f'xi liġi oħra, ikun meħtieġ il-kunsens bil-miktub ta' l-Awtorità Kompetenti qabel ma xi kumpannija awtorizzata tkun tista' leġittimament —

(a) tingħaqad ma' xi kumpannija oħra, kemm jekk tkun awtorizzata taħt dan l-Att jew le;

(b) tagħmel xi rikostruzzjoni jew qasma;

(ċ) iżżid jew tnaqqas il-kapital azzjonarju tagħha nominali jew maħruġ jew tagħmel xi bidla materjali fil-jeddijiet tal-votazzjoni.

(6) Ikun id-dmir tad-diretturi kollha u ta' azzjonisti kwalifikattivi ta' kumpannija awtorizzata li javżaw minnufih lill-Awtorità Kompetenti malli jsiru jafu li xi kumpannija tkun bi ħsiebha tieħu xi wieħed mill-passi msemmija fis-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu.

(7) Kull persuna li tkun bi ħsiebha tieħu xi wieħed mill-passi msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u kull kumpannija awtorizzata li tkun bi ħsiebha tieħu xi wieħed mill-passi msemmija fis-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu għandhom javżaw bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti u l-Awtorità Kompetenti tista' toħroġ, għall-fini ta' dan l-artikolu, Direttiva dwar l-Assigurazzjoni li tistabbilixxi l-forma kif għandu jingħata dak l-avviż u t-tagħrif meħtieġ li jingħata lill-Awtorità Kompetenti ma' dak l-avviż.

(8) Fi żmien xahrejn minn meta l-Awtorità Kompetenti tirċevi dak l-avviż jew minn meta tirċievi dak it-tagħrif li hija tista' leġittimament teħtieġ, skond liema minnhom ikun l-aħħar, l-Awtorità Kompetenti għandha toħroġ avviż —

(a) li bih hija tagħti l-kunsens mingħajr ebda kondizzjoni biex jittieħed dak il-pass; jew

(b) li bih hija tagħti l-kunsens biex jittieħed dak il-pass suġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Awtorità Kompetenti jidhirlha xierqa,

u jekk tirrifjuta li tagħti l-kunsens għandha tavża bil-miktub lill-persuna jew lill-kumpannija awtorizzata konċernata r-raġuni għar-rifjut tagħha.

(9) Jekk xi persuna jew xi kumpannija awtorizzata tieħu jew tkun bi ħsiebha tieħu xi passi msemmija fis-subartikoli (1) u (5) ta' dan l-artikolu mingħajr ma tikseb il-kunsens ta' l-Awtorità Kompetenti, bla ħsara għal kull piena oħra li tista' tiġi imposta taħt dan l-Att, l-Awtorità Kompetenti tkun tista' tagħmel ordni —

(a) li żżomm lill-persuna jew lill-kumpannija milli tieħu dak il-pass;

(b) li tiddikjara li dak il-pass ikun null u mingħajr effett;

(ċ) li teħtieġ lill-persuna jew lill-kumpannija li tieħu dawk il-passi meħtieġa biex il-qagħda tinġieb lura għall-qagħda li kienet minnufih qabel ittieħed dak il-pass;

(d) li żżomm lill-persuna jew lill-kumpannija milli teżerċita xi drittijiet li dak il-pass, kieku skond il-liġi, kien ikun jagħtiha, inkluż id-dritt li tirċievi xi ħlas;

(e) li żżomm lill-persuna jew lill-kumpannija milli tieħu xi pass simili jew xi pass ieħor tal-kategoriji li jidħru fis-subartikoli (1) u (5) ta' dan l-artikolu.

(10) Fil-każ ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'pajjiż barra minn Malta awtorizzata taħt dan l-Att biex tmexxi f'Malta jew minn Malta l-kummerċ ta' l-assigurazzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw biss sal-limitu li jeħtieġu lill-kumpannija li tagħti lill-Awtorità Kompetenti, mhux iktar tard minn tletin jum wara dik il-bidla jew ġrajja, skond il-każ, it-tagħrif hemmhekk imsemmi.

Kumpanniji li ma jibqgħux imexxu kummerċ.

39. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, jekk kumpannija awtorizzata jkun bi ħsiebha tieqaf għal kollox, jew f'parti, li tmexxi l-kummerċ li hi awtorizzata tmexxi, dik il-kumpannija għandha, mhux iktar tard minn sitt xhur qabel id-data li fiha tkun bi ħsiebha tmexxi dak il-kummerċ, tagħti avviż bil-miktub dwar dan lill-Awtorità Kompetenti u l-kumpannija għandha tħares kull dispożizzjoni ta' dan l-Att li hi tkun meħtieġa tħares f'dawk iċ-ċirkostanzi.

(2) Meta kumpannija awtorizzata tagħti avviż lill-Awtorità Kompetenti taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, l-Awtorità Kompetenti —

(a) għandha teħtieġ lill-kumpannija li:

(i) tagħti pubblikità tal-fatt fost id-detenturi ta' polza tagħha u fl-istampa fil-forma u bil-mod li jista' jiġi stabbilit b'Direttiva dwar l-Assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' dan l-artikolu;

(ii) tonora l-obbligazzjonijiet kollha tagħha mad-detenturi ta' polza u mal-krediturì tagħha b'mod aċċettabbli għall-Awtorità Kompetenti;

(iii) taħtar persuna li għandha, skond il-każ, tagħmel *servicing* jew *run-off* ta' dak il-kummerċ ; u

(b) tista' teħtieġ lill-kumpannija li:

(i) tiżgura li l-proviżjonijiet tekniċi tagħha jkunu koperti b'attiv ekwivalenti u korrispondenti;

(ii) tiżgura li dak l-attiv ikun tal-kategoriji stabbiliti b'xi Direttiva dwar l-Assigurazzjoni applikabbli.

(3) Is-sub-paragrafu (i) tal-paragrafu (a) u l-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għal kumpannija jekk il-kummerċ tagħha jkun ristrett għal assigurazzjoni affiljata; u l-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu ma japplikax għal kumpannija li l-kummerċ tagħha jkun ristrett għal rijassigurazzjoni.

(4) L-Awtorità Kompetenti għandha, mhux aktar tard minn tletin jum qabel id-data proposta li fiha kumpannija kif intqal qabel tkun bi ħsiebha tieqaf milli tmexxi l-kummerċ li hi awtorizzata li tmexxi, toħroġ permess lill-kumpannija konċernata —

(a) li jawtorizzaha li tieqaf milli tmexxi dak il-kummerċ u li tagħmel *servicing* jew *run-off* ta' dak il-kummerċ, minn data speċifikata;

(b) li jispeċifika l-kondizzjonijiet li taħthom dak is-*servicing* jew *run-off* għandu jitmexxa; u

(ċ) li tawtorizza persuna biex tmexxi dak is-*servicing* jew *run-off*.

Kumpanniji li jagħmlu *servicing* jew *run-off* ta' kummerċ ta' l-assigurazzjoni.

40. Kull kumpannija li dwarha joħroġ permess taħt l-artikolu 39 ta' dan l-Att li jawtorizzaha li tieqaf milli tmexxi l-kummerċ li hi awtorizzata tmexxi ma għandhix, mid-data speċifikata fil-permess ("id-data speċifikata"), twettaq jew tmexxi xi kuntratti ġodda ta' assigurazzjoni fil-kummerċ imsemmi fil-permess iżda għandha —

(a) fil-każ ta' kummerċ fit-tul, tagħmel *servicing* jew tinkariga lill-persuna msemmija fil-permess biex tagħmel *servicing* għan-nom tagħha;

(b) fil-każ ta' kummerċ ġenerali, tagħmel *run-off* jew tinkariga lill-persuna msemmija fil-permess biex tagħmel *run-off* għan-nom tagħha,

ta' kuntratti ta' assigurazzjoni li jkunu twettqu u tmexxew minnha qabel id-data speċifikata.

Xoljiment u stralċ ta' kumpanniji awtorizzati.

41. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 42 ta' dan l-Att u suġġetta għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, kull

kumpannija awtorizzata li tmexxi l-kummerċ ta' l-assigurazzjoni għandha —

(a) fil-każ ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta, ixxolji u konsegwenzjalment tistralċja taħt u skond l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji; u

(b) fil-każ ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'pajjiż barra minn Malta, ixxolji u tistralċja skond id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet tal-pajjiż fejn ikun sitwat l-uffiċċju prinċipali ta' dik il-kumpannija li jirregolaw ix-xoljiment u l-istralċ ta' dawk il-kumpanniji.

(2) Meta fil-fehma ta' l-Awtorità Kompetenti jkun jidher li kumpannja awtorizzata tkun tidher, għal xi raġuni tkun li tkun, li se xxolji u tistralċja, jew tkun tat avviż biex ixxolji u tistralċja, jew tkun qed tiġi xolta u stralċjata, l-Awtorità Kompetenti għandha —

(a) fil-każ ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta, tipprojbixxi d-disponiment ħieles ta' l-attiv tal-kumpannija kemm jekk dak l-attiv ikun sitwat f'Malta jew f'pajjiż barra minn Malta; u

(b) fil-każ ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'pajjiż barra minn Malta, tipprojbixxi t-trasferiment ħieles ta' l-attiv tal-kumpannija sitwat f'Malta jew f'xi pajjiż ieħor jekk dak l-attiv ikun relatat mal-kummerċ tal-kumpannija f'Malta,

jekk dik il-projbizzjoni ma tkunx ġiet imposta fuq il-kumpannija bis-saħħa jew taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra l-attiv ta' kumpannija li taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jew bis-saħħa jew taħt xi dispozizzjoni oħra ta' dan l-Att huwa projbit li jsir disponiment ħieles dwaru jista' jintuża biss biex ikunu sodisfatti l-obbligazzjonijiet tal-kumpannija li joħorġu mill-kummerċ ta' l-assigurazzjoni tagħha f'Malta:

Iżda d-debiti u djun oħra li joħorġu minn kuntratti ta' assigurazzjoni attribwibbli għall-kummerċ ta' l-assigurazzjoni f'Malta jitħallsu qabel kull dejn ieħor kontra dak l-attiv.

(4) Meta l-valur ta' l-attiv imsemmi fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu jkun iżjed mill-ammont ta' l-obbligazzjonijiet imsemmija

f'dak is-subartikolu, ir-restrizzjoni mposta b'dak is-subartikolu ma tapplikax għal dik il-parti ta' l-attiv li tirrappreżenta l-eċċess.

(5) Safejn id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu huma inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom jipprevalu, u d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra ma għandhomx, safejn ikun inkonsistenti, japplikaw għal dawk il-kumpanniji.

Xoljiment u stralċ ta' kumpanniji awtorizzati f'kummerċ fit-tul.

42. (1) Ebda kumpannija li hi awtorizzata taħt dan l-Att li tmexxi kummerċ fit-tul u li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'Malta ma għandha tiġi xolta u konsegwenzjalment stralċjata voluntarjament.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-artikolu 41 ta' dan l-Att, fil-każ li kumpannija kif intqal qabel tkun xolta u stralċjata —

(a) l-attiv li jirrappreżenta l-proviżjonijiet tekniċi miżmuma mill-kumpannija dwar il-kummerċ fit-tul tagħha għandu jintuża biss biex ikunu sodisfatti l-obbligazzjonijiet tal-kumpannija li joħorġu minn dak il-kummerċ;

(b) l-attiv l-ieħor tal-kumpannija jkun jista' jintuża biss biex ikunu sodisfatti l-obbligazzjonijiet tal-kumpannija li joħorġu mill-kummerċ l-ieħor tagħha.

(3) Meta l-valur ta' l-attiv imsemmi f'xi wieħed mill-paragrafi (a) jew (b) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jkun iżjed mill-ammont ta' l-obbligazzjonijiet imsemmija f'kull wieħed mill-paragrafi, ir-restrizzjoni mposta b'dak is-subartikolu ma tapplikax għal dik il-parti ta' l-attiv li tirrappreżenta l-eċċess.

TAQSIMA X – TMEXXIJA TAL-KUMMERĊ TA' L-ASSIGURAZZJONI

Tibdil fid-dokumentazzjoni.

43. (1) Id-detentur ta' awtorizzazzjoni maħruġa taħt dan l-Att biex imexxi l-kummerċ ta' l-assigurazzjoni u d-detentur ta' permess maħruġ taħtu biex jagħmel *servicing* jew *run-off* ta' dak il-kummerċ għandu jagħti avviż bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti b'kull tibdil materjali fid-dokumentazzjoni provduta jew meħtieġa li tiġi provduta b'dan jew taħt dan l-Att u ta' kull regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, jew b'xi Direttiva dwar l-Assigurazzjoni, malli d-detentur isir jaf b'dak it-tibdil.

(2) Bla ħsara għall-artikolu 38 ta' dan l-Att, kumpannija awtorizzata taħt dan l-Att u li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta għandha, qabel ma tagħmel xi żieda jew bidla fil-memorandum jew fl-istatut ta' l-assoċjazzjoni jew f'xi dokument ieħor li jikkostitwixxi l-kumpannija, tissottometti bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti l-partikolaritajiet taż-żieda jew bidla proposta sabiex tagħti l-kunsens tagħha bil-quddiem; u ebda żieda jew bidla bħal dik ma għandha ssir jew tiġi reġistrata, jew tingħata effett, sew jekk tkun reġistrata jew le, kemm-il darba u sakemm l-Awtorità Kompetenti ma tkunx tat il-kunsens tagħha bil-miktub.

Avviż statutorju minn kumpanniji awtorizzati dwar kummerċ fit-tul.

44. (1) Ebda kumpannija awtorizzata taħt dan l-Att biex tmexxi kummerċ fit-tul ma għandha tidħol f'kuntratt ta' assigurazzjoni li l-effett tiegħu jikkostitwixxi tmexxija ta' kummerċ fit-tul, ħlief kuntratt li jaqa' taħt il-klassi III tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att , kemm-il darba dik il-kumpannija jew —

(a) tkun notifikat lill-parti l-oħra fil-kuntratt bil-mezz li jista' jiġi preskritt avviż statutorju dwar dak il-kuntratt; jew

(b) tagħmel dan meta jsir il-kuntratt.

(2) Regolamenti taħt dan l-artikolu jistgħu jsiru dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam ma' avviż statutorju; u r-regolamenti jistgħu jeżentaw minn kull ħtieġa kuntratti li jistgħu jkunu preskritti fihom.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu avviż statutorju huwa avviż li —

(a) ikun fih dawk l-affarijiet (u xejn aktar) u li jkun f'dik il-forma kif jista' jiġi preskritt u jkun iħares il-ħtiġiet li jistgħu jiġu preskritti sabiex jiġi żgurat li l-avviż ikun jiftiehem tajjeb; u

(b) ikollu mehmuż miegħu formula ta' avviż ta' kanċellament ta' deskrizzjoni li tista' tiġi preskritta għan-notifika bil-mezz kif jista' jiġi preskritt ta' avviż ta' kanċellament lill-kumpannija awtorizzata.

Poloz *linked long term*.

45. Jistgħu jsiru regolamenti, dwar dak li jista' jiġi preskritt fihom, dwar kuntratti ta' assigurazzjoni li l-effett tagħhom jikkostitwixxi t-tmexxija ta' kummerċ fit-tul u li —

(a) isiru minn kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta awtorizzata taħt dan l-Att biex tmexxi kummerċ fit-tul; u

(b) huma kuntratti li taħthom il-benefiċċji li jitħallsu lil detentur ta' polza huma għal kollox jew f'parti b'riferenza għall-valur ta', jew id-dħul minn, proprjetà ta' xi deskrizzjoni (sew jekk speċifikati fil-kuntratt sew jekk le) jew b'riferenza għal tibdil fi, jew f'indiċi ta', il-valur tal-proprjetà ta' kull deskrizzjoni (sew jekk hekk speċifikata sew jekk le).

Kuntratti ta' assigurazzjoni ma jistgħux jiġu invalidati minn assiguratur minkejja ksur ta' dan l-Att jew ta' l-Att ta' l-1998 dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji oħra.

46. Ebda kuntratt ta' assigurazzjoni ma jkun jista' jiġi meqjus null jew ma jista' jiġi annullat minn assiguratur minħabba biss il-fatt li, fiż-żmien li jkun sar il-kuntratt, kien hemm ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' l-Att ta' l-1998 dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji oħra (f'dan l-artikolu msejjaħ "l-Att") jew ta' xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa ta' dan l-Att jew ta' l-Att jew ta' xi Direttiva dwar l-Assigurazzjoni maħruġa taħt dan l-Att jew xi Direttiva dwar l-Intermedjarji fl-Assigurazzjoni maħruġa taħt l-Att.

Il-kuntratti jkunu espressi f'lingwa speċifikata.

47. (1) L-Awtorità Kompetenti tista' b'Direttiva dwar l-Assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' dan l-artikolu tistabbilixxi l-lingwa li biha kuntratt ta' assigurazzjoni dwar riskju sitwat f'Malta jew rabta fejn Malta tkun il-pajjiż tar-rabta ta' klassi jew klassijiet jew parti ta' klassijiet li jkunu speċifikati fiha għandhom ikunu espressi.

(2) Fin-nuqqas ta' xi Direttiva dwar l-Assigurazzjoni bħal dik, il-kuntratt għandu jkun espress fil-lingwa Ingliża.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għal kumpannija li l-kummerċ tagħha f'Malta jew minn Malta jkun ristrett għal rijassigurazzjoni jew assigurazzjoni affiljata.

Reklami dwar l-assigurazzjoni.

48. (1) Ebda kumpannija awtorizzata taħt dan l-Att ma għandha toħroġ jew iġġiegħel li jinħareġ f'Malta, xi reklam jew tmexxi jew iġġiegħel li titmexxa f'Malta xi attività promozzjonali li għandha x'taqsam mal-kummerċ ta' l-assigurazzjoni li tqarraq, jew li x'aktarx direttament jew b'implikazzjoni x'aktarx tqarraq, jew tinganna lil xi detentur ta' polza prospettiv, jew lis-settur ta' l-assigurazzjoni b'mod ġenerali, jew lill-pubbliku b'mod ġenerali dwar l-attiv tagħha jew dwar l-istruttura korporata tagħha jew dwar il-qagħda finanzjarja tagħha jew dwar awtorizzazzjoni jew dwar xi ħaġa oħra materjali:

Iżda fil-każ ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta, id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom japplikaw ukoll dwar–

(a) reklam maħruġ jew mġiegħel li jinħareġ; u

(b) attività promozzjonali kif intqal qabel li titmexxa jew mġiegħlha li titmexxa,

minn Malta jew f'pajjiż jew minn pajjiż barra minn Malta.

(2) L-Awtorità Kompetenti tista' b'Direttiva dwar l-Assigurazzjoni magħmula għall-finijiet ta' dan l-artikolu tistabbilixxi l-forma u l-kontenut ta' reklami dwar l-assigurazzjoni u tagħmel dispożizzjoni differenti dwar reklami ta' l-assigurazzjoni relattivament għal reklami ta' l-assigurazzjoni ta' klassijiet differenti jew partijiet ta' klassijiet jew ta' deskrizzjonijiet; u l-mod li bih dik l-attività promozzjonali kif intqal qabel titmexxa jew tkun mġiegħla titmexxa.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għal kumpannija jekk il-kummerċ tagħha jkun ristrett għal rijassigurazzjoni jew assigurazzjoni affiljata.

(4) Meta kumpannija toħroġ jew iġġiegħel li jinħareġ reklam jew tmexxi jew iġġiegħel li titmexxa xi attività promozzjonali bi ksur ta', jew li ma tkunx tħares, xi waħda mid-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) jew (2) ta' dan l-artikolu, l-Awtorità Kompetenti tista' toħroġ ordni lill-kumpannija —

(a) biex tirtira, għal kollox jew f'parti, ir-reklam jew l-attività promozzjonali; jew

(b) biex temenda xi partikolar tar-reklam jew ta' l-attività promozzjonali; jew

(ċ) biex tagħmel kull ħaġa oħra li jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi.

(5) Jekk kumpannija tirrifjuta jew tonqos li tħares xi ordni maħruġ mill-Awtorità Kompetenti taħt is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu jew li tirrifjuta jew tonqos li tħares dak l-ordni fiż-żmien speċifikat fih, bla ħsara għal kull penali li l-kumpannija tista' teħel taħt dan l-Att, l-Awtorità Kompetenti jkollha s-setgħa li tinforza, għas-spejjeż tal-kumpannija konċernata, l-ordni maħruġ minnha taħt dak is-subartikolu.

TAQSIMA XI – FOND GĦALL-PROTEZZJONI U KUMPENS

Twaqqif ta' Fond għall-Protezzjoni u Kumpens.

49. Għandu jitwaqqaf fond li jkun magħruf u f'dan l-Att jissejjaħ "Fond għall-Protezzjoni u Kumpens" —

(a) għall-ħlas ta' kull talbiet dwar riskji sitwati f'Malta u rabtiet f'Malta fejn Malta tkun il-pajjiż tar-rabta, hekk kif jiġi preskritt, kontra kumpannija awtorizzata li tmexxi l-kummerċ ta' l-assigurazzjoni f'Malta, li jibqgħu ma jitħallsux minħabba insolvibilità ta' dik il-kumpannija, skond dawk il-limitazzjonijiet, restrizzjonijiet u esklużjonijiet li jistgħu jiġu preskritti; u

(b) sabiex jitħallas kumpens lil vittmi ta' inċidenti tat-traffiku fit-toroq, hekk kif jiġi preskritt, skond dawk il-limitazzjonijiet u restrizzjonijiet li jistgħu jiġu preskritti.

Kontribuzzjonijiet għall-Fond.

50. (1) Il-Fond ikun magħmul mill-kontribuzzjonijiet kollha li jsiru fih taħt dan l-Att jew xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, u mill-attiv u d-dħul l-ieħor kollu rispettivament tiegħu.

(2) Il-kumpanniji kollha li huma awtorizzati taħt dan l-Att li jmexxu kummerċ ta' l-assigurazzjoni f'Malta għandhom jikkontribwixxu fil-Fond f'dawk l-ammonti u b'dawk il-limitazzjonijiet hekk kif jistgħu jiġu preskritti u jistgħu jiġu preskritti ammonti u limitazzjonijiet differenti dwar kull xorta ta' kummerċ ta' l-assigurazzjoni differenti jew kull klassi jew parti minn klassi differenti relattiva għalihom, jew dwar kull xorta ta' kumpanniji awtorizzati, jew minħabba f'ċirkustanzi oħra differenti.

Amministrazzjoni tal-Fond.

51. Il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens għandu jkun amminstrat u xort'oħra trattat skond regolamenti magħmulin għall-finijiet ta' dan l-Att:

Iżda dawk ir-regolamenti għandhom jiżguraw li ħlasijiet li jsiru fil-Fond minn kumpanniji awtorizzati li jmexxu kummerċ fit-tul għandhom jiġu trattati separatament u għandhom ikunu wżati esklussivament għal kumpens dwar kummerċ fit-tul, u ħlasijiet li jsiru fil-Fond minn kumpanniji awtorizzati li jmexxu kummerċ ġenerali għandhom ukoll jiġu trattati separatament u jiġu wżati esklussivament għal kumpens dwar kummerċ ġenerali;

Iżda wkoll li ebda ħlas ma għandu jsir mill-Fond lil xi persuna li tkun azzjonist fil-kumpannija insolventi u li jkollha għoxrin fil-mija jew iżjed ta' l-ishma maħruġa ta' dik il-kumpannija.

Preskrizzjoni dwar talbiet għall-ħlas ta' kumpens mill-Fond.

52. Ebda talba għall-ħlas ta' kumpens mill-Fond ma tiġi milqugħa kemm-il darba dik it-talba ma ssirx —

(a) dwar talba taħt il-paragrafu (a) ta' l-artikolu 49 ta' dan l-Att, fi żmien sentejn mid-data li fiha l-isem tal-kumpannija jiġi mħassar minn fuq ir-reġistru jew dik il-kumpannija tiġi definittivament stralċjata;

(b) dwar talba taħt il-paragrafu (b) ta' dak l-artikolu, fi żmien sentejn mid-data meta jiġri l-inċident relattiv għat-talba.

Eżenzjoni mit-taxxa fuq l-*income*.

53. Il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens ikun eżentat minn kull responsabbiltà għall-ħlas ta' taxxa fuq l-*income* taħt xi liġi li dak iż-żmien tkun fis-seħħ.

Eżenzjoni taħt din it-Taqsima.

54. Din it-Taqsima ta' dan l-Att ma tapplikax għal —

(a) kummerċ ta' rijassigurazzjoni jew assigurazzjoni affiljata;

(b) dwar l-għanijiet tal-Fond taħt il-paragrafu (a) ta' l-artikolu 49 ta' dan l-Att:

(i) kummerċ ta' l-assigurazzjoni li jitmexxa minn membru ta' Lloyd's jew ta' korp ta' l-Assigurazzjoni Rikonoxxut jekk il-korp regolatorju ta' Lloyd's jew ta' dak il-Korp ta' l-Assigurazzjoni Rikonoxxut, skond il-każ, jintrabat b'mod irrevokabbli u bil-miktub li jiġi aċċettat mill-Awtorità Kompetenti li jagħmel tajjeb għal kull talba li ssirlu kontra xi wieħed mill-membri tiegħu, b'mod li ma jkun xejn inqas favorevoli minn dak li jista' jiġi preskritt taħt il-paragrafu (a) ta' l-artikolu 49 ta' dan l-Att fil-każ ta' l-insolvibbiltà ta' xi wieħed mill-membri tiegħu;

(ii) kummerċ ta' l-assigurazzjoni ristrett għal xi klassi waħda jew parti minn klassi waħda li titmexxa minn kumpannija u li dwarha, fil-każ ta' l-insolvibbiltà tal-kumpannija, il-ħlas mill-Fond biex jagħmel tajjeb għal talbiet kontra l-kumpannija jkun jaqa' taħt dawk l-esklużjonijiet li jistgħu jiġu hekk preskritti.

TAQSIMA XII – DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Ko-operazzjoni fi dmirijiet ta' sorveljanza u skambju ta' informazzjoni.

55. (1) Fuq il-bażi ta' ftehim internazzjonali, jew fuq ftehim ta' reċiproċità, l-Awtorità Kompetenti tista' taqsam l-informazzjoni u tikkoopera fid-dmirijiet ta' sorveljanza tagħha ma' l-awtoritajiet regolatorji barranin oħra —

(a) fil-każ ta' kumpannija jew fergħa ta' kumpannija, skond il-każ, awtorizzata li tmexxi f'Malta jew minn Malta kummerċ ta' l-assigurazzjoni li s-sid tagħha għal kollox jew f'parti jkun persuna barranija; jew

(b) fil-każ ta' kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta awtorizzata biex tmexxi f'pajjiż jew minn pajjiż barra minn Malta kummerċ ta' l-assigurazzjoni li s-sid tagħha għal kollox jew f'parti jkun residenti Malti.

(2) Għandu jkun hemm laqgħat li jsiru bejn il-kumpannija awtorizzata, l-udituri approvati tagħha, u, fil-każ ta' kumpannija awtorizzata li tmexxi kummerċ fit-tul, l-attwarju approvat tagħha u l-Awtorità Kompetenti fuq bażi multilaterali jew bilaterali skond kif ikunu jiġġustifikaw iċ-ċirkostanzi. Dawn il-laqgħat jistgħu jiġu msejħa minn kwalunkwe waħda mill-partijiet konċernati iżda għandhom dejjem ikunu preseduti mill-Awtorità Kompetenti.

Komunikazzjoni mill-udituri, eċċ ma' l-Awtorità Kompetenti.

56. (1) Ebda dmir (inkluż id-dmir tas-sigriet professjonali) li għalih —

(a) uditur jew attwarju ta' kumpannija; jew

(b) persuna maħtura biex tagħmel rapport taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 30 ta' dan l-Att,

jistgħu jkunu suġġetti, ma għandu jitqies li jkun inkiser minħabba f' li huma jkunu b'*bona fede* ikkomunikaw lill-Awtorità Kompetenti, kemm jekk b'risposta għal talba magħmula minnha jew le, xi informazzjoni jew opinjoni dwar materja li għaliha japplika dan l-artikolu u li tkun rilevanti għal xi funzjoni ta' l-Awtorità Kompetenti taħt dan l-Att.

(2) Relattivament għal uditur jew attwarju ta' kumpannija awtorizzata, dan l-artikolu japplika għal kull materja li taqa' taħt l-artikolu 24 ta' dan l-Att.

(3) Relattivament għal persuna maħtura biex tagħmel rapport skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 30 ta' dan l-Att, dan l-artikolu japplika għal kull materja li hija ssir taf biha fil-kapaċità tagħha bħala l-persuna li tkun qed tagħmel ir-rapport u li jkollha x'taqsam mal-kummerċ jew l-affarijiet tal-kumpannija li dwarha dik il-persuna tagħmel ir-rapport tagħha.

(4) Jekk l-Awtorità Kompetenti jkun jidħrilha li xi *accountants* jew klassi ta' *accountants* li jkunu persuni li għalihom japplika s-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma jkunux suġġetti għar-regoli sodisfaċenti magħmula jew gwida maħruġa minn korp professjonali li jispeċifikaw iċ-ċirkostanzi li fihom għandhom jiġu komunikati materji lill-Awtorità Kompetenti kif imsemmi f'dak is-subartikolu, l-Awtorità Kompetenti tista', wara konsultazzjoni ma' dawk il-korpi li fil-fehma ta' l-Awtorità Kompetenti jkunu jirrappreżentaw l-interessi ta' l-*accountants* u tal-kumpanniji awtorizzati, tagħmel regoli għall-finijiet ta' dan l-artikolu, li japplikaw għal dawk l-*accountants* u li jispeċifikaw dawk iċ-ċirkostanzi; u jkun id-dmir ta' *accountant* li għalih ikunu japplikaw ir-regoli li jikkomunika kull materja lill-Awtorità Kompetenti fiċ-ċirkostanzi speċifikati b'dawk ir-regolamenti.

It-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji.

Att XV ta' l-1994.

57. (1) "Tribunal għal Servizzi Finanzjarji" f'dan l-Att tfisser Tribunal imwaqqaf skond l-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1994 dwar il-Kummerċ Bankarju, u "Tribunal" għandha tiftiehem f'dan is-sens:

Iżda għall-finijiet ta' proċeduri li joħorġu taħt dan l-Att il-membri maħtura taħt is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1994 dwar il-Kummerċ Bankarju għandhom jiġu sostitwiti b'persuni maħtura mill-Ministru taħt dan l-Att li fil-fehma tiegħu jkollhom it-tagħrif u l-esperjenza meħtieġa fil-kummerċ ta' l-assigurazzjoni; u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (5) sa (7) ta' l-artikolu 10 ta' l-imsemmi Att għandhom japplikaw għall-persuni msemmija f'dan il-proviso bl-istess mod u sa l-istess limitu kif japplikaw għall-membri msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 10 ta' l-imsemmi Att.

(2) It-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji għandu, b'żieda mal-funzjonijiet u setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 58 ta' dan l-Att, ikollu il-funzjoni u s-setgħa li jiddeċiedi applikazzjonijiet għal trasferiment ta' kummerċ fit-tul ippreżentati quddiemu taħt dan l-Att.

(3) Mad-deċiżjoni ta' applikazzjoni għal trasferiment ta' kummerċ fit-tul, it-Tribunal ikollu s-setgħa li jordna l-ħlas ta' l-ispejjeż minn kull parti fl-applikazzjoni.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1994 dwar il-Kummerċ Bankarju u xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, għandhom, ħlief safejn xi waħda minnhom tkun inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' l-artikolu 35 jew 58 ta' dan l-Att, japplikaw għal applikazzjonijiet għal trasferiment ta' kummerċ fit-tul u għal appelli magħmula lit-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji taħt dan l-Att:

Iżda r-regolamenti magħmula taħt is-subartikolu (15) ta' l-imsemmi artikolu 10 jistgħu jiddistingwu bejn proċeduri magħmula għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u proċeduri magħmula għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1994 dwar il-Kummerċ Bankarju.

(5) Il-Ministru jista', għall-finijiet ta' dan l-artikolu, suġġett għall-artikolu 35 ta' dan l-Att, jagħmel regolamenti biex jirregolaw il-proċeduri biex tiġi deċiża applikazzjoni għal trasferiment fit-tul ippreżentata taħt dak l-artikolu, kemm-il darba li fin-nuqqas ta' dawk ir-regolamenti t-Tribunal għandu jirregola l-proċeduri tiegħu stess.

58. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, kull persuna li tħossha aggravata b'deċiżjoni ta' l-Awtorità Kompetenti — Appelli.

(a) li tirrifjuta li toħroġ awtorizzazzjoni taħt l-artikoli 7, 13 jew 21 ta' dan l-Att;

(b) li timponi xi kondizzjoni f'awtorizzazzjoni maħruġa jew miżmuma taħt l-artikoli 7, 13 jew 21 ta' dan l-Att;

(ċ) li tirrevoka xi awtorizzazzjoni taħt l-artikolu 26 ta' dan l-Att, jew taħt xi regolament magħmul bis-saħħa ta' dan l-Att;

(d) li tirrifjuta applikazzjoni għal trasferiment ta' kummerċ ġenerali taħt l-artikolu 33 ta' dan l-Att;

(e) li toħroġ xi avviż jew tagħmel xi ordni taħt l-artikolu 38 ta' dan l-Att;

(f) li timponi penali amministrattiva dwar infrazzjonijiet kif jista' jiġi preskritt taħt l-artikolu 67 ta' dan l-Att,

tista' tappella kontra d-deċiżjoni lit-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji li jkollu kompetenza esklużiva biex jisma' appelli dwar il-ħwejjeġ imsemmija f'dan is-subartikolu.

(2) Appell taħt dan l-artikolu jista' jsir biss għar-raġunijiet li ġejjin-

(a) li l-Awtorità Kompetenti tkun applikat ħażin xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att; jew

(b) li d-deċiżjoni ta' l-Awtorità Kompetenti tikkostitwixxi abbuż ta' diskrezzjoni jew li tkun manifestament inġusta, iżda d-

diskrezzjoni ta' l-Awtorità Kompetenti ma tistax, ladarba tkun ġiet eżerċitata b'mod xieraq, tiġi mistħarrġa mit-Tribunal.

(3) Appell magħmul taħt dan l-artikolu ma għandux jissospendi l-eżekuzzjoni ta' xi deċiżjoni li minnha jkun sar l-appell ħlief fil-każ ta' appell minn deċiżjoni msemmija fil-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

Konfidenzjalità.

59. (1) Ebda ħaġa f'dan l-Att ma tawtorizza lill-Awtorità Kompetenti biex tinvestiga jew iġġiegħel li ssir investigazzjoni ta' kumpannija awtorizzata fl-affarijiet ta' xi detentur ta' polza individwali tal-kumpannija awtorizzata ħlief-

(a) sabiex jiġi assigurat li jkun hemm tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att; jew

(b) fejn ir-riskju ta' detenturi ta' polza ikun kbir skond ir-regolamenti dwar Riskji Kbar preskritti taħt l-artikolu 64 ta' dan l-Att u tkun tal-fehma li dak ir-riskju jista' jkun ta' theddid għal dik il-kumpannija jew għas-settur ta' l-assigurazzjoni b'mod ġenerali.

(2) Ebda persuna, inklużi uffiċjali jew aġenti ta' l-imgħoddi jew tal-preżent ta' kumpannija awtorizzata, ma għandha tikxef xi informazzjoni dwar l-affarijiet ta' kumpannija jew ta' detentur ta' polza tal-kumpannija li hija tkun kisbet fil-qadi tad-dmirijiet tagħha jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha skond dan l-Att ħlief —

(a) meta tkun awtorizzata biex tagħmel hekk skond xi wħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(b) għall-qadi tad-dmirijiet tagħha jew għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha;

(ċ) meta meħtieġa legalment biex tagħmel hekk minn xi qorti jew skond xi dispożizzjoni ta' xi liġi.

(3) F'dan l-artikolu, kull riferenza għal uffiċjali jew għal aġenti għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bis-subartikolu (7) ta' l-artikolu 30 ta' dan l-Att.

(4) Meta uffiċjal jew impjegat ta' kumpannija awtorizzata jkollu għalfejn jaħseb li transazzjoni jew transazzjoni proposta tista' tinvolvi *money laundering*, dan ikun obbligat jimxi skond ir-regolamenti maħruġa taħt l-Att ta' l-1994 kontra *Money Laundering* u skond linji

ta' gwida magħmula mill-Awtorità Kompetenti. It-tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma jikkostitwix ksur ta' konfidenzjalità.

Komunikazzjoni ta' informazzjoni konfidenzjali. Att Nru. XXIV ta' l-1994.

60. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1994 dwar Segretezza Professjonali, l-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali ma għandux jolqot jew itellef l-iskambju ta' informazzjoni dwar poloz, detenturi ta' polza jew detenturi prospettivi ta' polza —

(a) bejn kumpanniji awtorizzati biex imexxu l-kummerċ ta' l-assigurazzjoni ("assiguraturi");

(b) bejn kumpanniji jew persuni reġistrati jew iskritti taħt l-Att ta' l-1998 dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji oħra ("intermedjarji");

(ċ) bejn assiguraturi u intermedjarji;

(d) bejn assiguraturi, jew intermedjarji, jew assiguraturi u intermedjarji, u l-Kummissarju tal-Pulizija;

~~kemm-il darba dak l-iskambju jkun kumpatibbli~~ ma' jew raġonevolment meħtieġ sabiex ikun evitat, identifikat jew imrażżan il-frodi ta' l-assigurazzjoni.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "assiguraturi" tinkludi l-aġenti ta' l-assigurazzjoni awtorizzata u l-*managers* ta' l-assigurazzjoni ta' l-assiguraturi.

Notifika ta' avviżi, eċċ.

61. Avviż jew dokument ieħor li għandu jingħata jew ikun notifikat taħt dan l-Att jew xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu għandu jitqies li ngħata jew ġie notifikat b'mod xieraq lil persuna jekk —

(a) ikun konsenjat lilha; jew

(b) ikun tħalla fl-indirizz mogħti minnha lill-Awtorità Kompetenti, jew fl-indirizz l-aħħar magħruf tagħha; jew

(ċ) ikun intbagħtilha bil-posta jew bit-telefax f'wieħed mill-imsemmija indirizzi; jew

(d) fil-każ ta' soċjetà kummerċjali reġistrata f'Malta, jkun konsenjat, intbagħat bil-posta jew bit-*telefax*, jew tħalla fl-uffiċċju

reġistrat, jew fl-uffiċċju reġistrat l-aħħar magħruf, ta' dik is-soċjetà kummerċjali; jew

(e) fil-każ ta' xi korp ieħor ta' persuni, sew jekk korporat jew mhux korporat, ikun ingħata jew ġie notifikat b'xi mod hawn fuq imsemmi lil uffiċjal, jew lil skrivan ta' dak il-korp jew lil persuna msemmija minn dak il-korp taħt is-sub-paragrafu (i) tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 ta' dan l-Att jew il-paragrafu 4.1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att, skond kif ikun il-każ; u l-espressjoni "uffiċjal", dwar korp ta' persuni, tinkludi aġent ta' l-assigurazzjoni awtorizzat, *manager* ta' l-assigurazzjoni awtorizzat, jew persuna, barra minn aġent ta' l-assigurazzjoni jew *manager* ta' l-assigurazzjoni, li tkun awtorizzata li taġixxi għal dak il-korp ta' persuni bl-istess mod u sa l-istess limitu bħal aġent ta' l-assigurazzjoni.

Tkomplija ta' kumpanniji li jmexxu kummerċ ta' assigurazzjoni affiljata.

62. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, jistgħu jsiru regolamenti taħt dan l-Att li jipprovdu għal—

(a) korp ġuridiku, reġistrat, inkorporat jew kostitwit f'pajjiż barra minn Malta, li jkun jixbah fl-għamla tiegħu lil kumpannija privata kif magħrufa taħt il-liġijiet ta' Malta u li, kieku kien kumpannija bħal dik, kien jikkwalifika li jiġi awtorizzat taħt dan l-Att bħala kumpannija li tmexxi kummerċ ristrett għal assigurazzjoni affiljata, jista' jitkompla bħala kumpannija li tmexxi kummerċ ristrett għal assigurazzjoni affiljata, taħt l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji u taħt dan l-Att; u

(b) kumpannija li tmexxi kummerċ ristrett għal assigurazzjoni affiljata awtorizzata taħt dan l-Att tista' titkompla bħala korp ġuridiku reġistrat, inkorporat jew kostitwit taħt il-liġijiet ta' pajjiż barra minn Malta, f'kull każ billi timxi skond ir-regolamenti;

u l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji għandu, dwar dawk il-korpi ġuridiċi jew kumpanniji li jmexxu kummerċ ta' assigurazzjoni affiljata, ikollu jseħħ skond hekk.

(2) Regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu jistgħu jipprovdu li l-imsemmija tkomplija sseħħ biss jekk —

(a) l-imsemmija korp jew kumpannija ikollhom is-setgħa li hekk ikomplu;

(b) it-tkomplija tkun, f'kull każ, approvata b'dak il-mod li jista' jiġi preskritt,

u r-regolamenti jistgħu wkoll jipprovdu li t-tkomplija ta' kumpannija li tmexxi kummerċ ristrett għal assigurazzjoni affiljata bħala korp ġuridiku taħt ġurisdizzjoni barranija ma jkollix seħħ jekk —

(i) dik it-tkomplija (jew proċess simili, magħduda konverżjoni) tkun permessa bil-liġi ta' dik il-ġurisdizzjoni barranija u skond dawk id-dispożizzjonijiet tagħha li jistgħu joħolqu dik it-tkomplija (jew proċess simili); u

(ii) dik it-tkomplija (jew proċess simili) tħaddem it-tkomplija ta' l-eżistenza korporata tal-kumpannija bħala, jew il-konverżjoni tagħha fi, korp ġuridiku li jkompli jżomm jew li jiret l-attiv, id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet kollha tal-kumpannija.

Regolamenti dwar valutazzjoni.

63. (1) Jistgħu jsiru regolamenti dwar kif jiġu stabbiliti l-valur ta' attiv u l-ammont ta' obbligazzjonijiet f'kull każ fejn il-valur jew l-ammont huwa meħtieġ b'xi dispożizzjoni ta' dan l-Att li dawn jiġu stabbiliti skond regolamenti dwar valutazzjoni.

(2) Bla ħsara għall-ġeneralità tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, regolamenti taħt dan l-artikolu jistgħu jipprovdu li, għal xi għan speċifikat, attiv jew obbligazzjonijiet ta' xi klassi speċifikata jew deskrizzjoni ma għandhomx ikunu kalkolati jew għandhom ikunu kalkolati biss sa limitu speċifikat.

(3) Regolamenti taħt dan l-artikolu jistgħu jipprovdu b'mod differenti dwar każijiet jew ċirkostanzi differenti.

Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti.

64. (1) Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità Kompetenti, jagħmel regoli jew regolamenti biex jagħtu seħħ lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u biex jemendaw jew jirrevokaw kull skeda li tinsab ma' l-Att u jista' jemenda jew jirrevoka dawk ir-regoli jew regolamenti; u bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, il-Ministru jista', b'dawk ir-regoli jew regolamenti, b'mod partikolari, jipprovdi dwar kull waħda jew iżjed mill-ħwejjeġ li ġejjin —

(a) kull ħaġa li għandha x'taqsam jew konnessa mal-kummerċ ta' l-assigurazzjoni jew kuntratti ta' l-assigurazzjoni;

(b) il-ħtiġiet, dmirijiet jew kondizzjonijiet li għandhom jitħarsu minn kull kumpannija awtorizzata taħt dan l-Att għat-tmexxija tajba u prudenti ta' l-attivitajiet tagħha;

(ċ) id-drittijiet u ħlasijiet li għandhom jingabru dwar kull ħaġa provduta b'dan l-Att jew taħtu jew b'xi regoli jew regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu;

(d) il-kategoriji ta' attiv meħtieġa li jinżamm taħt dan l-Att;

(e) kif jiġu stabbiliti u regolati Riskji Kbar;

(f) kull ħaġa li għandha x'taqsam jew konnessa ma' xi dispożizzjoni li hemm fl-Iskedi li jinsabu ma' dan l-Att;

(ġ) kull ħaġa li tista' jew li għandha tkun preskritta taħt xi dispożizzjoni ta' dan l-Att;

(ħ) kull ħaġa inċidentali għal jew konnessa ma' xi ħaġa hawn fuq imsemmija;

(i) il-penalitajiet jew pieni oħra li persuni li jiksru jew li jonqsu li jħarsu xi dispożizzjoni ta' xi regolament magħmul kif intqal qabel jistgħu jeħlu, liema penalitajiet ma jkunux iżjed minn ħamest elef lira Maltija, dwar kull reat u dwar reat kontinwat penali oħra ta' mhux iżjed minn mitt lira Maltija għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

(2) Ħlief meta xi regolament magħmul taħt l-Att ma jipprovdix għal penalità inqas, kull persuna li tikser jew li tonqos li tħares jew xort'oħra tosserva xi regolament bħal dak tista' teħel penali ta' mhux inqas minn mitt lira Maltija u mhux iżjed minn ħamest elef lira Maltija, dwar kull reat u fil-każ ta' reat kontinwat penali oħra ta' mhux iżjed minn mitt lira Maltija għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

(3) Regoli u regolamenti magħmula taħt dan l-Att u kull emenda jew revoka ta' dawk ir-regoli u regolamenti, jistgħu jkunu pubblikati bil-lingwa Ingliża biss.

Applikazzjoni ta' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju, Kap. 233 u eżenzjoni taħt l-Att ta' l-1993 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, Att XVII ta' l-1993.

65. (1) L-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju ma għandux japplika għall-kummerċ ta' l-assigurazzjoni li jitmexxa minn kumpannija awtorizzata ma' assigurat li hi persuna li ma tkunx residenti f'Malta għall-finijiet ta' l-imsemmi Att.

(2) Ebda taxxa ma għandha titħallas taħt l-Att ta' l-1993 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, jew taħt xi liġi oħra li

tissostitwixxi dik il-liġi, fuq xi kuntratt ta' assigurazzjoni dwar riskju sitwat barra minn Malta.

Esklużjoni ta' responsabbiltà.

66. L-Awtorità Kompetenti u kull membru, uffiċjal jew impjegat ta' l-Awtorità Kompetenti, u kull korp imwaqqaf b'dan l-Att, u kull membru, uffiċjal jew impjegat ta' dak il-Korp, u kull persuna oħra maħtura biex taqdi funzjoni taħt dan l-Att, jew xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, ma jkunux responsabbli għal xi danni dwar xi ħaġa li tkun saret jew li naqset milli ssir fil-qadi jew f'dak li jidher li jkun il-qadi ta' xi funzjonijiet taħt dan l-Att, jew xi regoli jew regolamenti kif intqal qabel, kemm-il darba l-għemil jew in-nuqqas ma jintwerix li jkun sar jew naqas milli jsir b'*mala fede*.

Reati u pieni.

67. (1) Kull persuna li tikser jew tonqos li tħares xi waħda mid-dispożizzjonijiet tkun ħatja ta' reat.

(2) Kull persuna —

(a) li sabiex tikseb il-ħruġ ta' awtorizzazzjoni taħt dan l-Att jew xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu tagħti xi informazzjoni jew tagħmel stqarrija jew dikjarazzjoni li tkun taf li tkun mhux preċiza, falza jew qarrieqa f'xi partikular materjali, jew li bi traskuraġni tagħti informazzjoni jew tagħmel stqarrija jew dikjarazzjoni li tkun mhux preċiża, falza jew qarrieqa f'xi partikular materjali; jew

(b) li xjentement tipparteċipa fi, jew tipprokura jew tgħin jew tħajjar il-ksur ta' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu jew ta' xi Direttiva dwar l-Assigurazzjoni; jew

(ċ) li bir-rieda tfixkel persuna li tkun qed teżerċita d-drittijiet mogħtija b'dan l-Att jew b'xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu; jew

(d) li tikser jew tonqos li tħares xi kondizzjoni, limitazzjoni, ħtieġa, direttiva jew ordni magħmul jew mogħti taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu jew ta' xi Direttiva dwar l-Assigurazzjoni; jew

(e) li tkun direttur, kontrollur, uffiċjal jew impjegat ta' kumpannija:

(i) li tonqos li tieħu l-passi kollha xierqa biex tassigura tħaris mill-kumpannija ta' kull dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu jew ta' awtorizzazzjoni jew permess maħruġ taħtu, jew ta' xi Direttiva dwar l-Assigurazzjoni; jew

(ii) li tonqos li tieħu l-passi kollha xierqa biex tassigura l-korrettezza tad-dikjarazzjoni magħmula jew informazzjoni oħra mogħtija taħt xi waħda mill-imsemmija dispożizzjonijiet; jew

(iii) li tneħħi, tiddistruġġi, taħbi jew bi frodi tibdel xi ktieb, dokument jew karta oħra bil-ħsieb li ma jinkixifx l-għemil ta' reat taħt xi waħda mill-imsemmija dispożizzjonijiet,

tkun ħatja ta' reat.

(3) Għall-finijiet tal-paragrafu (e) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, l-espressjoni "uffiċjal", dwar kumpannija, tinkludi aġent ta' l-assigurazzjoni awtorizzat, *manager* ta' l-assigurazzjoni awtorizzat, jew persuna, barra minn aġent ta' l-assigurazzjoni jew *manager* ta' l-assigurazzjoni, li tkun awtorizzata li taġixxi għall-kumpannija bl-istess mod u sal-limitu bħal aġent ta' l-assigurazzjoni.

(4) Il-Ministru għandu jagħmel regolamenti taħt dan l-artikolu li jippreskrivu penalitajiet għal reati kontra dan l-Att, u dawk ir-regolamenti jistgħu —

(a) jippreskrivu penalitajiet li jistgħu jiġu infurzati fil-qrati ta' Malta;

(b) jippreskrivu penalitajiet differenti għal kontravvenzjonijiet ta' dispożizzjonijiet differenti ta' dan l-Att;

(ċ) jippreskrivu penalitajiet kalkolati skond kemm idum l-għemil tar-reat,

kemm-il darba dawk il-penalijiet ma jkunux xort'oħra imposti taħt l-artikolu 64 ta' dan l-Att.

(5) Il-penalitajiet preskritti b'regolamenti magħmula taħt is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu —

(a) fil-każ ta' priġunerija, ma għandhomx jipprovdu għal sentenza ta' priġunerija li tkun iktar minn sentejn;

(b) fil-każ ta' penali imposta wara prosekuzzjoni fil-qrati ta' Malta, ma għandhomx jipprovdu għal multa ta' inqas minn mitt lira Maltija jew iktar minn ħamsin elf lira Maltija.

(6) Il-Ministru jista' b'regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu jipprovdi għal penalitajiet amministrattivi dwar reati kif jiġi preskritt li jistgħu jiġu imposti u miġbura mill-Awtorità Kompetenti mingħajr rikors għal smigħ fil-qorti; penalitajiet amministrattivi jkunu dovuti lill-Awtorità Kompetenti bħala dejn ċivili:

Iżda l-penali amministrattiva ma tistax tkun aktar minn penali finanzjarja ta' ħamest elef lira Maltija dwar xi infrazzjoni u, meta l-infrazzjoni tkompli, penali oħra ta' mhux iżjed minn ħamsin lira Maltija għall kull jum li matulu l-infrazzjoni tkompli.

Proċedimenti għal reat kontra dan l-Att.

68. (1) Ebda proċedimenti għal reat taħt dan l-Att jew xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, ħlief dwar infrazzjoni li għalih japplika s-subartikolu (6) ta' l-artikolu 67 ta' dan l-Att, ma jistgħu jinbdew mingħajr il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu ma għandhomx jolqtu xi proċedimenti kriminali li jistgħu jittieħdu taħt xi liġi oħra.

Tħassir u riżervi. Kap 290

69. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli li ġejjin ta' dan l-artikolu, l-Att ta' l-1981 dwar l-Impriża ta' l-Assigurazzjoni (f'dan l-artikolu msejjaħ "l-Att") hu b'dan imħassar.

(2) Bla ħsara għas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu kull liċenzja maħruġa jew azzjoni oħra tkun li tkun meħuda jew mibdija taħt l-Att għandha tibqa' fis-seħħ u tibqa' valida daqslikieku dik il-liċenzja ġiet maħruġa jew azzjoni oħra meħuda jew mibdija taħt dan l-Att.

(3) Kull kumpannija li jkollha liċenzja taħt l-Att biex tmexxi l-kummerċ ta' l-assigurazzjoni sew bħala prinċipal kif ukoll bħala aġent għandha, mhux iktar tard mid-data stabbilita, tħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att inkella tieqaf milli tmexxi l-kummerċ li kienet liċenzjata li tmexxi, u għandha sad-data stabbilita jew sakemm tħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, skond liema jiġi l-ewwel, tkompli tkun regolata mid-dispożizzjonijiet ta' l-Att. Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "id-data stabbilita" tfisser jum li jkun sitt xhur wara d-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

(4) Meta kumpannija tieqaf milli tmexxi l-kummerċ ta' l-assigurazzjoni sew bħala prinċipal kif ukoll bħala aġent minħabba li

dik il-kumpannija ma tħarisx, fid-data stabbilita, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, dik il-kumpannija għandha titqies li tkun tat avviż lill-Awtorità Kompetenti taħt l-artikolu 39 ta' dan l-Att fid-data stabbilita biex tieqaf milli tkompli tmexxi l-kummerċ li kienet liċenzjata li tmexxi mid-data stabbilita u li jkun inħarġilha permess mill-Awtorità Kompetenti taħt dak l-artikolu fid-data stabbilita biex tieqaf milli tmexxi dak il-kummerċ mid-data stabbilita u biex tagħmel *servicing* ta' dak il-kummerċ minn dik id-data. L-Awtorità Kompetenti tista' timponi dawk il-kondizzjonijiet dwar is-*servicing* ta' dak il-kummerċ skond kif jidhrilha xieraq.

(5) Kull liċenzja maħruġa jew imġedda jew azzjoni oħra tkun li tkun meħuda jew mibdija taħt l-Att, safejn tapplika għal *Brokers* fl-assigurazzjoni jew bejjiegħa ta' l-assigurazzjoni, għandha tkompli fis-seħħ u tibqa' valida daqslikieku dik il-liċenzja kienet ċertifikat ta' iskrizzjoni maħruġ jew daqslikieku dik l-azzjoni oħra kienet azzjoni meħuda jew mibdija taħt l-Att dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji oħra.

(6) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "liċenzja" tinkludi awtorità, permess, approvazzjoni u ħatra.

(7) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, kull regolamenti, ordnijiet u strumenti oħra li nżammew fis-seħħ bl-Att u kull regolamenti, ordnijiet u strumenti oħra magħmula taħt l-Att, u kull ftehim u arranġament li jkunu saru bis-saħħa ta' l-Att, u kull regolament, ordni jew strument ieħor għandhom, jekk u safejn ikunu jseħħu minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, jitqiesu li saru taħt jew bis-saħħa ta' dan l-Att u għandhom jibqgħu fis-seħħ u jistgħu jiġu emendati, mibdula, imhassra jew xort'oħra trattati skond hekk.

Kap. 249.

(8) Ir-riferenzi kollha f'xi liġi u f'xi strument jew dokument ieħor ma' l-Att, jew xi dispożizzjoni tiegħu, għandhom, safejn applikabbli, jibqgħu jinqraw u jiftiehmu bħala riferenza għal dan l-Att jew għad-dispożizzjoni korrispondenti tiegħu.

(9) L-attiv u l-passiv tal-Fond ta' Assigurazzjoni mwaqqaf bl-Att għandhom mal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att jiġu trasferiti għall-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens imwaqqaf bl-artikolu 49 ta' dan l-Att minghajr il-ħtieġa ta' ebda formalità ħlief dan l-Att.

(10) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għal kumpanniji *offshore* ta' l-assigurazzjoni, reġistrati taħt l-Att dwar iċ-Ċentru għal Servizzi Finanzjarji ta' Malta sa dak iż-żmien li l-Ministru jista' b'Ordni fil-Gazzetta jistabbilixxi.

Kap 330.

Emendi ta' liġijiet speċifikati fil-Hames Skeda.

70. (1) Il-liġijiet speċifikati fl-Ewwel Kolonna tal-Ħames Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandu jkollhom effett skond l-emendi murija relattivament għalihom fit-Tieni Kolonna ta' l-imsemmija Skeda.

(2) Dawn l-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ u jkunu japplikaw kif ġej:

(a) l-emendi għall-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* elenkati fil-paragrafu (b) tal-partita 1, fil-partita 3 u fil-partita 5 għandhom japplikaw għar-rigward tas-sena ta' stima 2000 u ta' kull sena ta' stima sussegwenti; u

(b) l-emendi l-oħra kollha għandhom jibdew iseħħu malbidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu.

L-EWWEL SKEDA

(Artikolu 2)

DISPOŻIZZJONIJIET DWAR LLOYD'S

1. F'din l-Iskeda —

"artikolu" tfisser artikolu ta' dan l-Att;

"Lloyd's" tfisser is-soċjetà u korporazzjoni mwaqqfa mil-Lloyd's Act, 1871, tar-Renju Unit, u regolata bi jew taħt il-Lloyd's Acts, 1871 sa 1982 tar-Renju Unit, jew xi liġi oħra li minn żmien għal żmien temenda jew tissostitwixxi l-istess;

"sindakat" tfisser membru jew grupp ta' membri ta' Lloyd's li jissottoskrivu kummerċ ta' l-assigurazzjoni f'Lloyd's permezz ta' *managing agent*, lil liema sindakat jingħata *syndicate number* minn jew taħt l-awtorità tal-Kunsill ta' Lloyd's.

2. It-tifsira ta' "aġent ta' l-assigurazzjoni" mogħtija iktar 'l isfel għandha tapplika minflok it-tifsira ta' dik il-frażi kif mogħtija lilha bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 —

"aġent ta' l-assigurazzjoni", dwar Lloyd's, tfisser persuna hekk awtorizzata taħt l-artikolu 13 maħtura minn membru ta' Lloyd's biex tkun *coverholder* tiegħu f'Malta dwar kummerċ ta' l-assigurazzjoni bl-awtorità li tidħol f'kuntratti ta' assigurazzjoni f'isem dak il-membru taħt il-kundizzjonijiet ta' *binding authority agreement*.

2.1 Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu —

"*binding authority agreement*" tfisser ftehim bejn membru ta' Lloyd's u *coverholder* li bih il-*coverholder* jista', skond il-kondizzjonijiet tal-ftehim, jaċċetta riskji jew irbit f'isem dak il-membru ta' Lloyd's;

"*coverholder*" tfisser persuna awtorizzata taħt *binding authority agreement* biex taċċetta jew toħroġ dokumenti dwar kuntratti ta' assigurazzjoni li juru l-aċċettazzjoni ta' riskji jew irbit f'isem xi membru ta' Lloyd's li jagħti dik l-awtorità bis-saħħa ta' dak il-ftehim.

3. Il-paragrafi (ċ), (d) u (f) ta' l-artikolu 8 ma għandhomx japplikaw għal Lloyd's; il-ħtiġiet tal-paragrafi (ċ) u (d), sa fejn japplikaw, jistgħu, jekk l-Awtorità Kompetenti hekk tordna, japplikaw għal membru ta' Lloyd's li jkun jixtieq imexxi, jew li jkun qed imexxi, kummerċ ta' l-assigurazzjoni f'Malta jew minn Malta.

4. Il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11, għandu –

(a) relattivament għall-artikolu 8, japplika bla ħsara għall-paragrafu 3 ta' din l-Iskeda; u

(b) relattivament għall-artikolu 14, jiftiehem skond il-paragrafu 5 ta' din l-Iskeda.

4.1 Lloyd's għandha f'kull ħin ikollha rappreżentant f'Malta li jkun residenti f'Malta u li jkun ir-rappreżentant f'Malta ta' Lloyd's u ta' kull wieħed mill-membri ta' Lloyd's.

4.2 Ir-rappreżentant għandu, għall-finijiet ta' dan l-Att, ikun awtorizzat biex jaġixxi b'mod ġenerali bħala rappreżentant ġudizzjarju ta', u jaċċetta n-notifika ta' kull dokument f'isem, Lloyd's u ta' kull wieħed mill-membri tagħha u li jippreżenta atti ġudizzjarji fir-reġistru ta' kull qorti jew awtorità simili f'Malta f'isem Lloyd's jew xi wieħed mill-membri ta' Lloyd's; is-sub-paragrafi (i), (ii) u (iv) tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 u l-paragrafi (a), (b) u (ċ) ta' l-artikolu 12 ma għandhomx xort' oħra japplikaw għal Lloyd's jew għal xi wieħed mill-membri ta' Lloyd's; is-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 ma għandux japplika għal Lloyd's iżda għandu japplika biss għall-*underwriting members* ta' Lloyd's.

4.3 Ir-rappreżentant għandu jinħatar b'ittra indirizzata lill-Awtorità Kompetenti miċ-*Chairman* ta' Lloyd's.

5. Il-membri ta' Lloyd's meħudin kollha flimkien jitqiesu li jissodisfaw jew li jħarsu il-ħtiġiet ta' l-artikolu 14 jekk, meta jibagħtu d-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħhom taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jibagħtu lill-Awtorità Kompetenti –

(a) kopja ċertifikata tal-prospetti globali dwar il-kummerċ ta' l-assigurazzjoni mmexxi mill-membri ta' Lloyd's preparati u mogħtija minnhom lill-awtorità regolatorja barranija, skond il-liġi tal-pajjiż fejn ikunu regolati; u

(b) ċertifikat iffirmat miċ-*Chairman* ta' Lloyd's u mill-awtorità msemmija fis-sub-paragrafu (a) ta' dan il-paragrafu, li l-membri ta' Lloyd's ikunu, dwar is-sena ta' qabel, ħarsu d-dispożizzjonijiet tal-liġi relattiva għal riżorsi finanzjarji applikabbli għalihom fl-imsemmi pajjiż.

6. Għall-fini tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 16, sabiex ikun kostitwit il-fond ta' garanzija meħtieġ, il-marġini ta' solvibbiltà ta' Malta għandu japplika għall-membri ta' Lloyd's meħudin flimkien u għandu jiġi stabbilit skond regolamenti magħmula għall-fini ta' l-artikolu 14 b'riferenza għall-kummerċ kollu li jitmexxa f'Malta jew minn Malta minn dawk il-membri daqslikieku huma kienu meħtieġa taħt is-subartikolu (2) ta' dak l-artikolu li jżommu l-marġini ta' solvibbiltà ta' Malta.

7. Il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 20 ma għandux japplika għal Lloyd's u l-membri ta' Lloyd's; madankollu, kopja tal-kontijiet globali tal-membri ta' Lloyd's trid titħalla għall-wiri pubbliku fl-uffiċċju tar-rappreżentant tagħha u kopji ta' dawk il-kontijiet ikunu jistgħu jinxtraw minn hemm.

8. L-artikoli minn 33 sa 36 għandhom japplikaw dwar trasferimenti lil u minn membri ta' Lloyd's jekk, u biss jekk, il-kondizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 8.1 ta' din l-Iskeda jkunu ġew sodisfatti.

8.1 Il-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 8 ta' din l-Iskeda huma —

(a) li t-trasferiment ma jkunx wieħed fejn kemm iċ-ċedent kif ukoll il-konċessjonarju jkunu membri ta' Lloyd's;

(b) li l-Kunsill ta' Lloyd's b'riżoluzzjoni jkun awtorizza persuna waħda biex taġixxi dwar it-trasferiment għall-membri ta' Lloyd's konċernati bħala ċedent jew konċessjonarju;

(ċ) li kopja tar-riżoluzzjoni tkun ingħatat lill-Awtorità Kompetenti.

8.2 Meta l-artikoli 33 u 34 jew l-artikoli 35 u 36 japplikaw dwar trasferiment lil jew minn membri ta' Lloyd's, dawn għandhom japplikaw daqslikieku kull ħaġa magħmula dwar it-trasferiment mill-persuna awtorizzata skond is-sub-paragrafu (b) tal-paragrafu 8.1 ta' din l-Iskeda kienet magħmula mill-membri li għalihom tkun aġixxiet.

9. Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 38 ma għandhomx japplikaw għal Lloyd's

10. Minkejja li l-poloz ta' assigurazzjoni sottoskritti minn membri ta' Lloyd's ma jkunux sottoskritti b'responsabbiltà solidali u minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra, l-assi li jenħtieġ li jinżammu f'Malta mill-membri ta' Lloyd's taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jiggarantixxu kull passiv tal-membri kollha ta' Lloyd's li jkun attribwibbli għall-kummerċ tagħhom ta' l-assigurazzjoni f'Malta.

IT-TIENI SKEDA

(Artikolu 5)

KUMMERĊ FIT-TUL

1. F'din l-Iskeda, "Direttiva dwar l-Assigurazzjoni" tfisser Direttiva dwar l-Assigurazzjoni magħmula taħt u għall-finijiet ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att.

2. Klassijiet ta' Kummerċ fit-Tul

Numru	Klassi	Deskrizzjoni
I	Ħajja u vitalizju	Għemil u twettiq ta' kuntratti ta' assigurazzjoni tal-ħajja umana jew kuntratti li jitħallas vitalizju fuq ħajja umana, iżda esklużi (f'kull każ) kuntratti taħt il-klassi III ta' din l-Iskeda.
II	Żwieġ u twelid	Għemil u twettiq ta' kuntratti ta' assigurazzjoni li jipprovdu somma maż-żwieġ jew mat-twelid ta' tarbija, liema kuntratti jkunu espressi għal perijodu li jista' jiġi speċifikat bid-Direttiva dwar l-Assigurazzjoni, iżda esklużi (f'kull każ) kuntratti taħt il-klassi III ta' din l-Iskeda.
III	*Linked Long term*	Għemil u twettiq ta' kuntratti ta' assigurazzjoni fuq ħajja umana jew kuntratti li jitħallas vitalizju fuq ħajja umana jew kuntratti li jipprovdu somma maż-żwieġ jew mat-twelid ta' tarbija meta l-benefiċċji jkunu stabbiliti għal kollox jew f'parti b'riferenza għall-valur ta', jew id-dħul minn, proprjetà ta' kull deskrizzjoni (kemm jekk tkun

Numru	Klassi	Deskrizzjoni
		speċifikata fil-kuntratt kemm jekk le) jew b'riferenza għal kambjamenti fi, jew f'indiċi ta', il-valur tal-proprjetà ta' kull deskrizzjoni (kemm jekk hekk speċifikati kemm jekk le).
IV	Saħħa permanenti	Għemil u twettiq ta' kuntratti ta' assigurazzjoni li jipprovdu għal benefiċċji speċifikati kontra riskji ta' persuni li jsiru inkapaċitati minħabba li jġarrbu korriment bħala riżultat ta' aċċident jew ta' aċċident ta' klassi speċifikata jew ta' mard jew diżabilità oħra, liema kuntratti —
		(a) huma espressi li jkunu jseħħu għal żmien li jista' jkun speċifikat bid-Direttiva dwar l-Assigurazzjoni, jew sa l-età normali ta' l-irtirar tal-persuni konċernati jew mingħajr limitu ta' żmien, u
		(b) jew li ma jkunux espressi bħala terminabbli minn assiguratur, jew huma espressi bħala hekk terminabbli biss f'ċirkostanzi speċjali msemmija fil-kuntratt.
V	*Tontines*.	Għemil u twettiq ta' *tontines*.

Numru	Klassi	Deskrizzjoni
VI	Fidi ta' kapital	Għemil u twettiq ta' kuntratti ta' fidi ta' kapital.
VII	Amministrazzjoni ta' fond ta' pensjonijiet	Għemil u twettiq ta' – (a) kuntratti għall-amministrazzjoni ta' investiment ta' fondi ta' pensjonijiet, jew (b) kuntratti tax-xorta msemmija fil-paragrafu (a) ta' hawn fuq li jkunu kombinati ma' kuntratti ta' assigurazzjoni li jkopru jew konservazzjoni ta' kapital jew ħlas ta' imgħax minimu.
VIII	Assigurazzjoni kollettiva	Għemil u twettiq ta' kuntratti ta' xorta li tista' tkun speċifikata bid-Direttiva dwar l-Assigurazzjoni.
IX	Assigurazzjoni soċjali	Għemil u twettiq ta' kuntratti ta' xorta li tista' tkun speċifikata bid-Direttiva dwar l-Assigurazzjoni.

IT-TIELET SKEDA

(Artikoli 5 u 7)

KUMMERĊ ĠENERALI

TAQSIMA I – KLASSIJIET

Numru	Klassi
1	Aċċident (inkluż korriment industrijali u mard tax-xogħol) (a) benefiċċji stabbiliti fi flus; (b) benefiċċji bħala indennizz; (ċ) kombinazzjoni tat-tnejn; (d) korriment ta' passiġġieri.
2	Mard (a) benefiċċji pekunjarji stabbiliti fi flus; (b) benefiċċji bħala indennizz; (ċ) kombinazzjoni tat-tnejn.
3	Vetturi ta' l-art (barra minn *railway rolling stock*) Kull ħsara jew telf ta': (a) vetturi bil-mutur ta' l-art; (b) vetturi ta' l-art li ma jkunux vetturi bil-mutur.
4	*Railway rolling stock* Kull ħsara jew telf ta' *railway rolling stock*.
5	Inġenji ta' l-ajru Kull ħsara jew telf ta' inġenji ta' l-ajru.
6	Vapuri (bastimenti tal-baħar, lagi u xmajjar u kanali) Kull ħsara jew telf ta': (a) bastimenti tax-xmara u kanal;

Numru	Klassi
	(b) bastimenti tal-lagi; (ċ) bastimenti tal-baħar.
7	Oġġetti fi traġitt (inklużi merkanzija, bagalji u l-oġġetti l-oħra kollha) Kull ħsara jew telf ta' oġġett li jkunu fi traġitt, jew bagalji, irrispettivament mix-xorta ta' trasport.
8	Nar u forzi naturali Kull ħsara jew telf ta' proprjetà (barra minn proprjetà inkluża fil-klassijiet 3,4,5,6 u 7) minħabba: (a) nar; (b) esplużjoni; (ċ) maltempata; (d) forzi naturali barra minn maltempata; (e) enerġija nukleari; (f) inżul ta' art.
9	Ħsara oħra lil proprjetà Kull ħsara lil jew telf ta' proprjetà (barra minn proprjetà inkluża fil-klassijiet 3,4,5,6 u 7) minħabba silġ jew ġlata, u kull ġrajja ta' serq, barra minn dak li jaqa' taħt il-klassi 8.
10	Responsabbiltà għal vetturi bil-mutur Kull responsabbiltà li tinqala' mill-użu ta' vetturi bil-mutur li jaħdmu fuq l-art (inkluża responsabbiltà tal-ġarr).
11	Responsabbiltà għal inġenji ta' l-ajru Kull responsabbiltà li tinqala' mill-użu ta' inġenji ta' l-ajru (inkluża responsabbiltà tal-ġarr).
12	Responsabbiltà għal vapuri (bastimenti tal-baħar, lagi u xmajjar u kanali) Ir-responsabbiltà kollha li tinqala' mill-użu ta' vapuri, bastimenti jew dgħajjes fuq il-baħar, lagi, xmajjar jew kanali (inkluża responsabbiltà tal-ġarr).

Numru	Klassi
13	Responsabbiltà ġenerali Ir-responsabbiltà kollha barra minn dik li taqa' taħt il-klassijiet 10, 11 u 12.
14	Kreditu (a) insolvibbiltà (ġenerali); (b) kreditu għall-esportazzjoni; (ċ) kreditu ta' ħlas bin-nifs; (d) *mortgages*; (e) kreditu agrikolu.
15	Garanziji (a) garanziji (diretti); (b) garanziji (indiretti).
16	Telf finanzjarji mixxellanju (a) riskji ta' impieg; (b) nuqqas ta' dħul (ġenerali); (ċ) temp ħażin; (d) telf ta' benefiċċji; (e) spejjeż ġenerali kontinwi; (f) spejjeż tal-kummerċ imprevedibbli; (ġ) telf ta' valur tas-suq; (ħ) telf ta' kera jew dħul; (i) telf fil-kummerċ indirett barra minn dawk speċifikati hawn fuq; (j) telf finanzjarju ieħor (li ma jkunx tal-kummerċ); (k) telf finanzjarju ieħor (mhux speċifikat fil-(j) ta' hawn fuq).
17	Spejjeż legali Spejjeż legali (inklużi spejjeż ta' litigazzjoni).
18	Assistenza (a) assistenza ta' persuni li jsibu ruħhom f'diffikultà waqt l-ivvjaġġar, waqt li jkunu barra mid-dar jew waqt li jkunu barra mir-residenza permanenti; (b) assistenza f'ċirkostanzi oħra.

TAQSIMA II – GRUPPI TA' KLASSIJIET

Numru	Deskrizzjoni	Kompożizzjoni
1	Aċċidenti u Saħħa	Klassijiet 1 u 2
2	Vetturi bil-Mutur	Klassijiet 1(d), 3, 7 u 10
3	Marittimu u Trasport	Klassijiet 1(d), 4,6, 7 u 12
4	Avjazzjoni	Klassijiet 1(d), 5, 7 u 11
5	Nar u Ħsara oħra lil Proprjetà	Klassijiet 8 u 9
6	Responsabbiltà	Klassijiet 10, 11, 12 u 13
7	Kreditu u Garanziji	Klassijiet 14 u 15
8	Ġenerali	Il-klassijiet kollha

IR-RABA' SKEDA

(Artikolu 13)

DISPOŻIZZJONIJIET DWAR AĠENTI U *MANAGERS* TA' L-ASSIGURAZZJONI

1. F'din l-Iskeda, "artikolu" tfisser artikolu ta' dan l-Att.

TAQSIMA I – ĦTIĠIET GĦAL AWTORIZZAZZJONI

2. Id-dispożizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 13 huma dawk murija fil-paragrafi li ġejjin ta'din it-Taqsima ta' din l-Iskeda.

3. Persuna li tkun tixtieq taġixxi bħala aġent ta' l-assigurazzjoni ta' kumpannija awtorizzata jew bħala *manager* ta' l-assigurazzjoni għandha tagħmel applikazzjoni bil-miktub għal hekk f'dik il-forma u b'dak il-mod li l-Awtorità Kompetenti tista' tistabbilixxi minn żmien għal żmien.

3.1 L-applikant huwa kumpannija b'responsabbiltà limitata jew soċjetà in akkomandita, li l-kapital tagħha jkun maqsum f'azzjonijiet, iffurmata u reġistrata f'Malta taħt l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji:

Iżda, dwar applikant li hu soċjetà in akkomandita, id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda għandhom japplikaw bla ħsara għal dawk il-modifikazzjonijiet li l-Awtorità Kompetenti tista' minn żmien għal żmien tiddetermina, liema modifikazzjonijiet ma għandhomx materjalment inaqqsu mill-għanijiet prinċipali tad-dispożizzjonijiet hekk modifikati.

3.2 L-għanijiet tal-kumpannija huma limitati għal operazzjonijiet li jinqalgħu direttament mill-kummerċ ta' l-assigurazzjoni u funzjonijiet konnessi magħhom jew anċillari għalihom, bl-esklużjoni ta' kull kummerċ ieħor barra minn, fil-każ ta' aġent ta' l-assigurazzjoni, kummerċ stabbilit b'Direttiva dwar l-Assigurazzjoni magħmula għall-finijiet ta' l-artikolu 13.

3.3 L-applikant jagħti, għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità Kompetenti, dak it-tagħrif li l-Awtorità Kompetenti tkun talbitu dwar persuni li, ma l-awtorizzazzjoni tal-kumpannija, ikollhom xi interess ta' proprjetà, finanzjarju jew interess f'dik il-kumpannija jew in konnessjoni magħha.

3.4 L-azzjonisti kwalifikanti u l-kontrolluri kollha u kull persuna li jkunu effettivament se jamministraw l-affarijiet jew imexxu l-operazzjonijiet relatati ma' l-applikazzjoni jkunu persuni xierqa biex jiżguraw l-amministrazzjoni tajba u prudenti tagħha.

3.5 Il-fondi tal-kumpannija stess, sew jekk f'liri Maltin jew fi flus oħra aċċettabbli għall-Awtorità Kompetenti u li jkunu liberi f'kull żmien, jammontaw —

(a) meta l-awtorizzazzjoni li tintalab jew miżmuma tkun biex taġixxi bħala aġent fl-assigurazzjoni, għall-valur ta' mhux inqas minn ħamsa u għoxrin elf lira Maltija jew għal dak il-valur ieħor li jkun ogħla li jista' jiġi preskritt;

(b) meta l-awtorizzazzjoni li tintalab jew miżmuma tkun biex taġixxi bħala *manager* fl-assigurazzjoni:—

(i) jekk il-ħatra biex hekk taġixxi tkun minn kumpannija li l-kummerc tagħha jkun ristrett għal assigurazzjoni affiljata, għall-valur ta' mhux inqas minn ħamest elef lira Maltija;

(ii) jekk il-ħatra biex hekk taġixxi tkun minn kumpannija li l-kummerċ tagħha ma jkunx ristrett għal assigurazzjoni affiljata, għall-valur ta' mhux inqas minn ħamsa u għoxrin elf lira Maltija jew għal dak il-valur ieħor li jkun ogħla li jista' jiġi preskritt;

Iżda, f'kull każ, sakemm kumpannija ma jkollhiex ħatra biex hekk taġixxi minn xi kumpannija, l-ammont tal-kapital azzjonarju imħallas tal-kumpannija skond l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, li jkun liberu f'kull żmien, għandu jitqies li jkunu il-fondi tal-kumpannija stess.

3.6 L-applikant ikollu favur tiegħu f'kull żmien polza ta' assigurazzjoni ta' indennizz professjonali aċċettabbli għall-Awtorità Kompetenti, li tindennizzah, jew lil xi persuna impjegata miegħu, jew li xort'oħra taġixxi għan-nom tiegħu, għal dak l-ammont, b'dak il-mod u dwar dawk il-ħwejjeġ li l-Awtorità Kompetenti tista' tistabbilixxi minn żmien għal żmien.

3.7 L-applikant jissottometti lill-Awtorità Kompetenti skema ta' operazzjonijiet xierqa għall-applikazzjoni li għandha tinkludi partikolaritajiet jew provi kif jista' jiġi stabbilit b'Direttiva dwar l-Assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' l-artikolu 13.

3.8 Bla ħsara għall-paragrafu 3.9 ta' din l-Iskeda, l-applikant jipproduċi provi għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità Kompetenti li jkollu ħatra bil-miktub iffirmata minn uffiċjal anzjan tal-kumpannija li l-applikant ikun qed jitlob biex jaġixxi għaliha fejn l-applikant ikun nominat biex jaġixxi f'isem u għan-nom tal-kumpannija, jew unikament għan-nom tal-kumpannija, fil-kariga speċifikata fil-ħatra u dwar ħwejjeġ u taħt kondizzjonijiet speċifikati f'dik il-ħatra.

3.9 Meta applikazzjoni tkun għal awtorizzazzjoni bħala *manager* ta' l-assigurazzjoni, il-ħatra msemmija fil-paragrafu 3.8 ta' din l-Iskeda ma tikkostitwix kondizzjoni bil-quddiem għall-ħruġ ta' dik l-awtorizzazzjoni kemm-il darba l-persuna awtorizzata ma taġixxix għal xi kumpannija jekk u sakemm ma tipproduċix prova għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità Kompetenti li jkollha ħatra bil-miktub mingħand il-kumpannija konċernata biex taġixxi f'isimha.

TAQSIMA II – APPLIKAZZJONI TA' ĊERTI ARTIKOLI

4. L-artikolu 7 għandu japplika bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan il-paragrafu:

(a) is-subartikoli (1), (2), (5) u (8) tiegħu ma japplikawx;

(b) is-subartikolu (7) għandu japplika daqslikieku r-riferenza għas-subartikolu (8) tiegħu ma saritx u l-perijodu fih preskritt kien perijodu ta' tliet xhur.

4.1 L-artikoli minn 8 sa 12 u minn 14 sa 18 ma japplikawx.

4.2 L-artikolu 19 u s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 43 għandhom japplikaw daqslikieku r-riferenza għal "kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta" kienet riferenza għal "kumpannija b'responsabbiltà limitata jew soċjetà in akkomandita, li l-kapital tagħha jkun maqsum f'azzjonijiet, kostitwita f'Malta skond l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji".

4.3 L-artikolu 20 ma japplikax u minfloku għandha tapplika din id-dispożizzjoni li ġejja:

"Kull kumpannija awtorizzata taħt dan l-Att li tagixxi ta' aġent ta' l-assigurazzjoni jew ta' *manager* ta' l-assigurazzjoni għandha, mhux iktar tard minn erba' xhur mid-data tas-sena finanzjarja tagħha, jew f'xi żmien ieħor li jista' jiġi eċċezzjonalment awtorizzat bil-miktub mill-Awtorità Kompetenti, tibgħat lill-Awtorità Kompetenti kopja tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati tagħha magħmula skond l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji.".

4.4 L-artikoli 22 u 23 ma japplikawx.

4.5 L-artikolu 24 għandu japplika safejn jirreferi biss għal uditur.

4.6 Il-paragrafu (d) ta' l-artikolu 25 ma japplikax.

4.7 Is-subartikoli (4) u (5) ta' l-artikolu 27 ma japplikawx.

4.8 L-artikoli minn 33 sa 37 ma japplikawx.

4.9 Is-subartikolu (10) ta' l-artikolu 38 ma japplikax.

4.10 L-artikolu 39 għandu japplika bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan il-paragrafu:

(a) is-subartikolu (1) għandu japplika daqslikieku detentur ta' awtorizzazzjoni li kien bi ħsiebu ma jkomplix jaġixxi bħala aġent ta' l-

assigurazzjoni jew *manager* ta' l-assigurazzjoni ta' kumpannija awtorizzata kien meħtieġ li jagħti, mhux iktar tard minn tliet xhur qabel id-data li fiha jkun maħsub li ma jkomplix jaġixxi fil-kariga li kien awtorizzat li jaġixxi, avviż bil-miktub tal-ħsieb tiegħu lill-Awtorità Kompetenti, u d-detentur kien meħtieġ li jħares xi direttiva maħruġa lilu mill-Awtorità Kompetenti;

(b) is-subartikoli (2), (3) u (4) tiegħu ma japplikawx.

4.11 L-artikolu 41 għandu japplika daqslikieku detentur ta' awtorizzazzjoni kien meħtieġ biss li jxolji u sussegwentement jistralċja taħt u skond l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji.

4.12 L-artikoli 42 u 45, is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 48 u l-artikoli minn 49 sa 54 ma japplikawx.

4.13 Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 58 għandu japplika bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan il-paragrafu:

(a) il-paragrafi (a) u (b) tiegħu għandhom japplikaw safejn jirreferu biss għall-artikolu 13;

(b) il-paragrafu (d) tiegħu ma japplikax.

4.14 L-artikoli 62 u 63 ma japplikawx.

TAQSIMA III – ĦTIĠIET SUPPLEMENTARI

5. Kull aġent ta' l-assigurazzjoni awtorizzat jew *manager* ta' l-assigurazzjoni awtorizzat għandu jżomm il-flejjes kollha li jkunu f'idu f'kapaċità fiduċjarja separati mill-flejjes tiegħu stess u għandu, dwar dawk il-flejjes, iżomm kontijiet separati skond il-ħtiġiet stabbiliti bid-Direttiva dwar l-Assigurazzjoni magħmula għall-finijiet ta' l-artikolu 13.

5.1 Ebda persuna m'għandu jkollha jew tikseb xi rimedju jew dritt dwar flejjes li jkunu bi kreditu tal-kont imsemmi fil-paragrafu 5 ta' din it-Taqsima ta' din l-Iskeda dwar xi talba jew dritt kontra aġent ta' l-assigurazzjoni jew *manager* ta' l-assigurazzjoni sakemm kull talba proprja għal dawk il-flejjes tkun ġiet sodisfatta.

5.2 Aġent ta' l-assigurazzjoni jew *manager* ta' l-assigurazzjoni jista', minflok il-ħtiġiet murija fil-paragrafu 5 ta' din it-Taqsima ta' din l-Iskeda, jagħżel li jagħmel garanzija ta' fedeltà f'forma speċifikata, dwar il-kummerċ ta' l-assigurazzjoni tiegħu, f'dawk iċ-ċirkustanzi, f'dak il-valur, b'dak il-mod u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu stabbiliti bid-Direttiva dwar l-Assigurazzjoni magħmula għall-finijiet ta' l-artikolu 13.

5.3 Il-garanzija msemmija fil-paragrafu 5.1 ta' din it-Taqsima ta' din l-Iskeda għandha tipprovdi li f'każ li aġent ta' l-assigurazzjoni jew *manager* ta' l-assigurazzjoni ma jkunx jista' jew jonqos milli jissodisfa l-obbligazzjonijiet finanzjarji tiegħu dwar xi somom ta' flus riċevut minnu mingħand, jew f'isem, il-klijenti tiegħu, somma ta' flus titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' persuna nominata jew approvata mill-Awtorità Kompetenti, sabiex tintuża għall-benefiċċju ta' xi klijent ta' l-aġent jew tal-*manager* li jkun sofra telf jew dannu minħabba li l-aġent jew il-*manager* ma jkunx jista' jissodisfa jew jonqos li jissodisfa dawk l-obbligazzjonijiet finanzjarji.

5.4 Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' din l-Iskeda ma għandhomx japplikaw għal kumpannija awtorizzata biex taġixxi bħala *manager* ta' l-assigurazzjoni matul dak iż-żmien kollu li l-kumpannija ma jkollha ebda ħatra minn xi kumpannija biex taġixxi ta' hekk.

5.5 Għall-finijiet ta' din it-Taqsima ta' din l-Iskeda, "klijent" —

(a) dwar aġent ta' l-assigurazzjoni, tfisser persuna li tikkuntattja, jew li tiġi kuntattjata mill-aġent ta' l-assigurazzjoni bil-għan li jirranġa kuntratt ta' assigurazzjoni ma' kumpannija awtorizzata, li tmexxi l-kummerċ ta' l-assigurazzjoni bis-saħħa ta' l-aġent jew, li tfittex l-għajnuna ta', jew li tingħata l-għajnuna mill-aġent fl-amministrazzjoni u twettiq ta' dak il-kuntratt, b'mod partikolari f'każ ta' *claim*;

(b) dwar *manager* ta' l-assigurazzjoni:

(i) tfisser kumpannija li tikkuntattja, jew li tiġi kuntattjata mill-*manager* ta' l-assigurazzjoni bil-għan ta' l-aċċettazzjoni ta' ħatra mill-kumpannija biex tamministra xi parti mill-kummerċ tagħha, jew biex teżerċita funzjonijiet amministrattivi fiha, jew biex tkun reponsabbli biex iżżomm il-kontijiet jew *records* oħra ta' dik il-kumpannija, jew biex tidħol f'kuntratti ta' assigurazzjoni f'isem dik il-kumpannija skond il-kondizzjonijiet tal-ħatra; jew

(ii) tfisser persuna li tikkuntatja, jew li tiġi kuntattjata mill-*manager* ta' l-assigurazzjoni bil-għan li jirranġa kuntratt ta' assigurazzjoni ma' kumpannija awtorizzata li tmexxi l-kummerċ ta' l-assigurazzjoni bis-saħħa tal-*manager* jew, li tfittex l-għajnuna ta', jew li tingħata l-għajnuna mill-*manager* fl-amministrazzjoni u twettiq ta' dak il-kuntratt, b'mod partikolari f'każ ta' *claim*.

IL-ĦAMES SKEDA

(Artikolu 70)

EMENDI

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*. Kap. 123.	1. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 għandu jiġi emendat kif ġej:— (a) it-tifsira ta' "kont ta' *income* barrani" għandha tiġi emendata kif ġej: (i) fil-paragrafu (d) tagħha, minflok il-kliem "residenti f'Malta:" għandhom jidħlu l-kliem "residenti f'Malta; u"; (ii) il-paragrafu ġdid li ġej għandu jidħol minnufih wara l-paragrafu (d) tagħha: "(e) profitti jew qligħ li jirriżultaw lil kumpannija residenti f'Malta awtorizzata taħt l-artikolu 7 ta' l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, li ma tkunx kumpannija reġistrata taħt l-Att dwar iċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, mill-kummerċ ta' l-assigurazzjoni dwar riskji sitwati barra minn Malta: "; u (iii) minflok l-ewwel proviso li hemm għaliha għandu jidħol dan li ġej: "Iżda fil-każ ta' kumpannija msemmija fil-paragrafu (e) ta' din it-tifsira, kull profitti jew qligħ li, skond id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' din it-tifsira, kienu jkunu jistgħu jiġu allokati għall-kont ta' *income* barrani għandhom, għal kull sena finanzjarja, ma jkunux hekk allokati kemm-il darba dawk il-profitti jew qligħ ma jinqalgħux fis-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima 2000 u fi snin sussegwenti:"; u (b) it-tifsira ta' "kumpannija b'kummerċ internazzjonali" għandha tiġi emendata kif ġej: (i) fil-paragrafu (b) tagħha, minflok il-kliem "l-Att dwar iċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, 1994; u" għandhom jidħlu l-kliem "l-Att dwar iċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;";

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna

(ii) fil-paragrafu (ċ) tagħha, minflok il-kliem "internazzjonali oħra;" għandhom jidħlu l-kliem "internazzjonali oħra; u"; u

(iii) minnufih wara l-paragrafu (ċ) tagħha għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) it-tmexxija ta' kumpanniji residenti f'Malta li l-kummerċ tagħhom ikun ristrett għal assigurazzjoni affiljata u meta dak il-kummerċ jitmexxa esklużivament ma' persuni mhux resident f'Malta;".

2. L-artikolu 5 għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fit-tifsira ta' "trasferiment" fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "kull titolu, iżda" għandhom jidħlu l-kliem "kull titolu inkluż fidi, likwidazzjoni jew kanċellament ta' unitajiet jew azzjonijiet fi skema ta' investiment kollettiv kif imfisser fl-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investiment u *maturity* jew *surrender* ta' poloz ta' l-assigurazzjoni *linked long term*, iżda";

(b) fit-tifsira ta' "titoli" fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "rata ta' imgħax fissa, u unitajiet fi skema ta' investiment kollettiv kif imfisser fl-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investiment." għandhom jidħlu l-kliem "rata ta' imgħax fissa, unitajiet fi skema ta' investiment kollettiv kif imfisser fl-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investiment, u unitajiet u strumenti oħra bħalhom dwar kummerċ ta' l-assigurazzjoni *linked long term.*"; u

(ċ) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (6) tiegħu, minflok il-kliem "fil-Borża ta' Malta; u" għandhom jidħlu l-kliem "fil-Borża ta' Malta u trasferiment ta' unitajiet u strumenti oħra bħalhom dwar kummerċ ta' l-assigurazzjoni *linked long term* meta l-benefiċċji huma għal kollox stabbiliti b'riferenza għall-valur ta', jew *income* minn, titoli elenkati fil-Borża ta' Malta; u".

3. L-artikolu 6 għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fin-nota marġinali tiegħu, minflok il-kliem "Barrani fis-servizzi ta' l-investiment." għandhom jidħlu l-kliem "Barrani fis-servizzi ta' l-investiment u fl-assigurazzjoni.";

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "fl-artikolu 15 ta' dan l-Att, u/jew" għandhom jidħlu l-kliem "fl-artikolu 15 ta' dan l-Att u "barrani fl-assigurazzjoni" tfisser kull individwu li jkun impjegat ta', jew jagħti servizzi lil, kumpannija ta' l-assigurazzjoni kif imfissra fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, u/jew";

(ċ) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) u fis-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "kumpannija fis-servizzi ta' investiment" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "jew kumpannija ta' l-assigurazzjoni";

(d) fis-subartikoli (2) u (3) tiegħu, minnufih wara l-kliem "barrani fis-servizzi ta' l-investiment" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "jew barrani fl-assigurazzjoni";

(e) fis-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "jipprovdi servizzi ta' investiment" għandhom jidħlu l-kliem "jew ta' assigurazzjoni"; u

(f) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, kumpannija ta' l-assigurazzjoni tfisser kumpannija awtorizzata taħt l-artikolu 7 ta' l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, *manager* fl-assigurazzjoni awtorizzat taħt l-artikolu 13 ta' l-imsemmi Att u kumpannija li tmexxi kummerċ bħala *broker* fl-assigurazzjoni iskritta taħt l-artikolu 13 ta' l-Att ta' l-1998 dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji oħra.".

4. Fis-sub-paragrafu (ii) tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 12, minflok il-kliem "l-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investiment" għandhom jidħlu l-kliem "l-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investiment, ta' xi unitajiet jew strumenti oħra bħalhom dwar kummerċ ta' l-assigurazzjoni *linked long term* inklużi *surrender* jew *maturity* ta' poloz ta' l-assigurazzjoni *linked long term*".

5. Minnufih wara l-artikolu 15 għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna

"Kumpanniji awtorizzati biex jaġixxu ta' *managers* ta' l-assigurazzjoni.

15A. Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 15 ta' dan l-Att dwar kumpanniji fis-servizzi ta' investiment għandhom, meta applikabbli, japplikaw *mutatis mutandis* għal kumpanniji li huma awtorizzati li jaġixxu ta' *managers* ta' l-assigurazzjoni taħt l-artikolu 13 ta' l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni.".

6. Minflok l-artikolu 27 għandu jidħol dan li ġej:

"Kummerċ ta' l-assigurazzjoni.

27. (1) Meta xi persuna tikseb qligħ jew profitti għal kollox jew f'parti mill-kummerċ ta' l- assigurazzjoni bħala assiguratur, għaldaqshekk, safejn dak il-qligħ jew dawk il-profitti jinkisbu minn dik il-persuna mill-kummerċ ta' l-assigurazzjoni, l-*income* totali ta' dik il-persuna għandu, mis-sena ta' stima 2000 jiġi aċċertat kif ġej:

(a) fil-każ ta' persuna li tmexxi kummerċ ġenerali, barra minn persuna li tmexxi kummerċ fit-tul, l-*income* totali għandu jiġi aċċertat billi jittieħdu għas-sena li tiġi minnufih qabel is-sena ta' stima: —

(i) il-proviżjonijiet tekniċi fil-bidu tas-sena;

(ii) ir-riżerva ta' ekwalizzazzjoni fil-bidu tas-sena;

(iii) il-*premiums* gross miktuba;

(iv) ħlas lura riċevut minn rijassigurazzjoni;

(v) *income* minn investimenti riċevuti u li għandhom jiġu riċevuti u *income* ta' imgħax maqlugħ;

(vi) profitti jew qligħ mill-bejgħ jew disponiment ta' investimenti;

(vii) qligħ kapitali suġġett għat-taxxa taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(viii) differenzi realizzati fuq il-kambju;

(ix) *income* tekniku ieħor inkluż kummissjonijiet, *allowances* u drittijiet riċevuti u li għandhom jiġu riċevuti;

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
	(x) profitti jew qligħ li ma jaqgħux taħt xi wieħed mis-sub-paragrafi ta' qabel, u wara li jingħaddu flimkien dawn ta' hawn fuq jitnaqqsu minnhom it-total ta' dawn li ġejjin:— (xi) il-proviżjonijiet tekniċi fl-aħħar tas-sena; (xii) ir-riżerva ta' ekwalizzazzjoni fl-aħħar tas-sena; (xiii) tnaqqis permess taħt it-Taqsima IV ta' dan l-Att, inklużi:— (1) *claims* imħallsa; (2) *premiums* tar-rijassigurazzjoni mħallsa; (3) telf mill-bejgħ jew disponiment ta' investimenti; (b) fil-każ ta' persuna li tmexxi kummerċ fit-tul, jew esklużivament jew b'żieda ma' kummerċ ġenerali, l-*income* totali li jinkiseb mill-kummerċ ġenerali għandu jiġi aċċertat kif provdut fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu u l-*income* totali li jinkiseb minn kummerċ fit-tul għandu jiġi aċċertat billi jittieħdu għas-sena li tiġi minnufih qabel is-sena ta' stima:— (i) l-*income* minn investimenti riċevuti u li għandhom jiġu riċevuti u *income* ta' imgħax maqlugħ, barra minn dawk ta' xi fond fit-tul; (ii) qligħ kapitali suġġett għat-taxxa taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, li ma jkunx qligħ li jinkiseb minn xi fond fit-tul; (iii) kummissjonijiet, *allowances* u drittijiet riċevuti u li għandhom jiġu riċevuti li ma jkunux akkreditati lil xi fond fit-tul;

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna

(iv) qligħ jew profitti mill-bejgħ jew disponiment ta' investimenti li ma jkunux relatati ma' xi fond fit-tul;

(v) differenzi realizzati fuq il-kambju li ma jkunux relatati ma' xi fond fit-tul;

(vi) is-*surplus* f'xi fond fit-tul li jiġi aċċertat billi jittieħdu:—

(1) il-proviżjonijiet tekniċi fil-bidu tas-sena;

(2) il-*premiums* gross miktuba;

(3) ħlas lura riċevut minn rijassigurazzjoni;

(4) *income* minn investimenti riċevuti u li għandhom jiġu riċevuti u *income* minn imgħax maqlugħ, relatat mal-fond fit-tul;

(5) profitti jew qligħ mill-bejgħ jew disponiment ta' investimenti, qligħ kapitali suġġett għat-taxxa taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u differenzi realizzati fuq il-kambju relatati mal-fond fit-tul;

(6) *income* tekniku ieħor inklużi kummissjonijiet, *allowances* u drittijiet riċevuti u li għandhom jiġu riċevuti,

u wara li jingħaddu flimkien dawn ta' hawn fuq jitnaqqas minnhom it-total ta' dawn li ġejjin:—

(7) it-tnaqqis permess taħt it-Taqsima IV ta' dan l-Att relatat ma' l-*income* tal-fond fit-tul, inklużi:—

(i) *claims*, *maturities* u *surrenders* imħallsa;

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
	(ii) *premiums* ta' rijassigurazzjoni mħallsa; (iii) drittijiet tekniċi oħra inklużi kummissjonijiet u *allowances* imħallsa jew li għandhom jitħallsu; (8) telf mill-bejgħ jew disponiment ta' investmenti ta' fond fit-tul akkont ta' detenturi ta' polza; u (9) il-proviżjonijiet tekniċi fl-aħħar tas-sena; (vii) qligħ jew profitti li ma jaqgħux taħt xi wieħed mill-paragrafi ta' hawn fuq li ma jkunux qligħ jew profitti li jinkisbu minn xi fond fit-tul, u jitnaqqsu mit-total ta' dawn ta' hawn fuq:— (viii) it-tnaqqis permess taħt it-Taqsima IV ta' dan l-Att u li ma jkunux ġew kalkolati meta gie stabbilit is-*surplus* fil-fond fit-tul; u (ix) kull *deficit* li jirrizulta mill-komputazzjoni tas-sub-paragrafu (vi) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu Iżda meta l-persuna ma tkunx residenti f'Malta u l-qligħ jew profitti jinqalgħu f'parti minn Malta u f'parti minn barra minn Malta, l-*income* totali li fuqu għandha titħallas it-taxxa għandha: (a) fil-każ ta' persuna li tkun qed tmexxi kummerċ ġenerali jkun aċċertat kif provdut fis-sub-paragrafi minn (i) sa (xiii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu fuq il-kummerċ li jitmexxa fi jew minn Malta; (b) fil-każ ta' persuna li tkun qed tmexxi kummerċ fit-tul ikun aċċertat billi jittieħed is-*surplus* fil-fond fit-tul maħdum skond is-sub-paragrafu (vi) tal-paragrafu (b)

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
	tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tal-kummerċ li jinqala' fi jew minn Malta; (ċ) sabiex jiġi stabbilit l-*income* totali kif intqal qabel kull *income* minn investimenti barra minn Malta bħala sustenn tal-kummerċ f'Malta, meta dak l-*income* ma jkunx jista' jiġi aċċertat malajr, għandu jinħadem billi jittieħed proporzjon ta' l-*income* minn investimenti globali tal-persuna fis-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima li jkun daqs il-proporzjon li l-imsemmija investimenti kellhom ma' l-investimenti globali ta' dik il-persuna. (2) (a) Meta, dwar kuntratt ta' kummerċ fit-tul, ikun dovut ammont determinabbli minn assiguratur fl-ewwel jew wara l-ewwel ta' Jannar 1999 u d-detentur tal-polza jkun persuna residenti f'Malta, l-assiguratur għandu jħallas taxxa bir-rata ta' ħmistax fil-mija (15%) tal-profitt attribwibbli għal dak il-kuntratt liema profitt għandu jitqies li jkun inqala' matul il-perijodu mill-ewwel ta' Jannar 1999 jew id-data tal-bidu tal-kuntratt, liema tkun l-aħħar data, sad-data li fiha l-ammont ikun dovut. Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu "ammont determinabbli" tfisser ammont li jitħallas minn assiguratur fil-każ ta' *maturity*, *surrender* jew f'xi ċirkostanza oħra, barra minn *claim* f'każ ta' mewt, speċifikata fil-kuntratt, skond il-każ, meta l-ammont totali li għandu jitħallas jista' jiġi stabbilit għal kollox jew f'parti fid-data li fiha jkun dovut sew jekk il-ħlas isir f'somma f'daqqa jew xort'oħra. (b) (i) Il-profitt imsemmi fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu għandu jiġi kalkolat billi jittieħed it-total ta' l-ammont determinabbli li għandu jitħallas mill-assiguratur u jitnaqqas minnu l-ammont totali ta' *premiums* imħallsa fil-perijodu msemmi fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu, u f'dawk il-każijiet fejn il-kuntratt beda qabel l-ewwel ta' Jannar 1999, jitnaqqas ukoll l-ammont li jkun daqs il-valutazzjoni tal-kuntratt mill-attwarju f'dik id-data. Il-profitt hekk kalkolat ma għandux ikun milqut b'xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att u ebda persuna ma għandha teħel aktar taxxa fuq dawk il-profitti.

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
	(ii) L-assiguratur għandu, mhux aktar tard mill-wieħed-u-tletin jum ta' Marzu ta' l-1999, jibgħat bil-miktub lill-Kummissarju lista ta' kuntratti ta' l-assigurazzjoni relatati ma' kummerċ fit-tul, minbarra kuntratti ta' *term insurance,* li jkunu għadhom fis-seħħ fl-ewwel jum ta' Jannar ta' l-1999 li turi, dwar kull wieħed minn dawk il-kuntratti, il-valutazzjoni ta' l-attwarju f'dik id-data. Il-lista ma għandhiex tispeċifika l-identità tad-detentur ta' polza jew tal-benefiċċjarji bis-saħħa tagħha.
	Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, "*term insurance*" tfisser kuntratt ta' l-assigurazzjoni li jkun jipprovdi biss għall-ħlas mill-assiguratur ta' somma ta' flus jew ħlas ieħor meta tiġri mewt matul żmien li jkun speċifikat fil-kuntratt, u li ma jkunx jista' jiġi mtawwal minn xi parti fil-kuntratt.
	(ċ) L-assiguratur għandu jagħti kont lill-Kummissarju skond id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, iżda ma għandux jispeċifika l-identità tad-detenturi tal-polza jew tal-benefiċjarji. Kull ammont ta' taxxa dovut li għandu hekk jitħallas ikun dejn dovut mill-assiguratur lill-Kummisarju li għandu jitħallas mhux iktar tard mill-erbatax-il jum wara l-aħħar tax-xahar li matulu l-ammont ikun dovut kif intqal qabel u jista' hekk jingħabar. Meta l-assiguratur jonqos li jħallas it-taxxa hawn fuq imsemmija, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 73 ta' dan l-Att u tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 40 ta' l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, għandhom japplikaw *mutatis mutandis.*
	(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu, persuna li ma tkunx residenti li tmexxi kummerċ ta' l-assigurazzjoni fit-tul li tikseb qligħ jew profitti li jinqalgħu f'parti minn Malta u f'parti minn barra minn Malta u li tkun temmet milli toħroġ kuntratti ġodda ta' l-assigurazzjoni fit-tul qabel l-ewwel ta' Jannar, 1999 tista' tagħżel li jkollha l-*income* taxxabbli mill-kummerċ ta' l-assigurazzjoni fit-tul kalkolat billi jittieħed, għas-sena li tiġi minnufih qabel is-sena ta' stima, l-*income* minn investimenti li għandu x'jaqsam ma' dak il-kummerċ nieqsa kull nefqa

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna

amministrattiva inkluża kull kummissjoni li jsiru għar-rigward ta' dak il-kummerċ fil-proporzjon li l-*premiums* riċevuti f'Malta kellhom għall-*premiums* totali riċevuti minn dik il-persuna f'Malta u band'oħra:

Iżda dik l-għażla tkun waħda irrevokabbli u għandha tiġi avżata bil-miktub lill-Kummissarju sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu, 1999:

Iżda wkoll, meta dik il-persuna toħroġ kuntratti ġodda ta' l-assigurazzjoni fit-tul fl-1 ta' Jannar, 1999 jew wara dik id-data, l-għażla għandha ttemm milli tibqa' sseħħ għar-rigward tas-sena ta' stima li tiġi wara s-sena li fiha l-ewwel kuntratt ġdid ikun maħruġ u għar-rigward ta' snin ta' stima sussegwenti.

(4) (a) Għall-finijiet tal-kalkolu tas-*surplus* jew tad-*deficit* li joħroġ mill-kalkolu msemmi fis-sub-paragrafu (vi) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ma għandhom jitqiesu ebda *income* u tnaqqis li jkollu x'jaqsam ma' kummerċ ta' l-assigurazzjoni *linked long term* sakemm dawn ikollhom x'jaqsmu mas-sehem *linked* ta' kuntratt ta' l-assigurazzjoni.

(b) Kull taxxa li titħallas taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu għandha tiġi kalkolata, fil-każ ta' kuntratt ta' l-assigurazzjoni *linked long term*, b'referenza għall-profitt attribwibbli għas-sehem *unlinked* ta' kuntratt ta' l-assigurazzjoni u kull referenza għal "ammont determinabbli" u *"premiums"* għandha tiftiehem bħala referenza għall-ammont dovut u għal *premiums* imħallsa fuq is-sehem *unlinked* ta' kuntratt ta' l-assigurazzjoni.

(5) Id-dispożizzjonijiet li jinsabu fit-Taqsima IV ta' dan l-Att għandhom japplikaw għal persuni msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu kemm-il darba li sabiex jiġi stabbilit it-tnaqqis permess taħt dan l-artikolu għandu jkun eskluż kull tnaqqis permess taħt xi Taqsima oħra ta' dan l-Att.

(6) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu u ta' l-artikolu 41 ta' dan l-Att, il-frażi "sehem *linked* ta' kuntratt ta' l-

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna

assigurazzjoni" tfisser is-sehem ta' kuntratt ta' l-assigurazzjoni li jkun *linked long term* li l-benefiċċji tiegħu jkunu stabbiliti b'referenza għall-valur ta', jew id-dħul minn, proprjetà ta' kull deskrizzjoni (kemm jekk tkun speċifikata fil-kuntratt kemm jekk le) jew b'referenza għal kambjamenti fi, jew f'indiċi ta', il-valur ta' proprjetà ta' kull deskrizzjoni (kemm jekk hekk speċifikati kemm jekk le) u "sehem *unlinked* ta' kuntratt ta' l-assigurazzjoni" tfisser is-sehem ta' kuntratt ta' l-assigurazzjoni *linked long term* li l-benefiċċji tiegħu ma jkunux hekk stabbiliti.

(7) Kliem u espressjonijiet użati f'dan l-artikolu u f'taqsimiet oħra ta' dan l-Att li jirreferu għal kummerċ ta' l-assigurazzjoni, għandu jkollhom, safejn ma humiex imfissrin b'dan l-Att, l-istess tifsir mogħti lilhom bl-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, bl-Att ta' l-1998 dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji oħra, u b'kull regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tagħhom.".

7. Minflok is-sub-paragrafu (v) tal-paragrafu (a) ta' l-artikolu 41 għandu jidħol dan li ġej:—

"(v) qligħ kapitali li jinqala' minn —

(1) it-trasferiment ta' azzjonijiet jew unitajiet fi skema ta' investiment kollettiv meta l-iskema ta' investiment tifdi, tillikwida jew tikkanċella dawk l-azzjonijiet jew unitajiet, skond il-każ; jew

(2) *surrender* jew *maturity* ta' unitajiet u strumenti oħra bħalhom relatati ma' kummerċ ta' l-assigurazzjoni *linked long term* meta l-benefiċċji huma għal kollox stabbiliti b'referenza għall-valur ta' unitajiet jew azzjonijiet fi, jew *income* minn, skemi ta' investiment kollettiv,

liema qligħ kapitali għandu jkun kalkolat b'riferenza għall-prezz li bih l-azzjonijiet jew unitajiet kienu ngħataw jew inħarġu mill-iskema ta' investiment kollettiv, jew it-total kollu ta' *premiums* imħallsa għar-rigward tas-sehem *linked* ta' kuntratt ta' l-assigurazzjoni, skond kif ikun il-każ;".

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
Att ta' l-1994 dwar is-Segretezza Professjonali. Att Nru. XXIX ta' l-1994.	L-artikolu 3 għandu jiġi emendat kif ġej: Fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "assiguraturi, aġenti ta' l-assigurazzjoni, *brokers* ta' l-assigurazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "assiguraturi, aġenti ta' l-assigurazzjoni, *managers* ta' l-assigurazzjoni, *brokers* fl-assigurazzjoni u sotto-aġenti fl-assigurazzjoni,".
Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji Att Nru. XXV ta' l-1995	1. Minnufih wara l-artikolu 84 għandu jidħol l-artikolu ġdid li ġej: "Setgħa ta' għemil ta' regolamenti dwar kumpanniji ċellulari. 84A. (1) Il-Ministru, b'konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi u li jaġixxi fuq il-parir ta' Awtorità Kompetenti taħt l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, jista' jagħmel regolamenti li jipprovdu dwar il-formazzjoni, kostituzzjoni, awtorizzazzjoni u regolamentazzjoni ta' kumpanniji ċellulari, li jagħmlu possibbli għal kumpannija awtorizzata taħt l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l- Assigurazzjoni li tmexxi l-kummerċ ta' assigurazzjoni affiljata, jew kull kummerċ ieħor kif jista' jiġi preskritt, li tikkonverti f'kumpannija ċellulari, u għall-ħwejjeġ l-oħra kollha li jistgħu jinqalgħu in konnessjoni ma' l-istess; u għall-aħjar twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, u bla ħsara għall-ġeneralità ta' l-istess, jista', b'dawk ir-regolamenti, in partikolari: (a) jagħmel provvedimenti dwar il-kontenut tal-memorandum u statut tal-kumpannija ta' kumpannija ċellulari, inklużi provvedimenti għal ħolqien minn kumpannija ċellulari ta' ċellula waħda jew aktar, u għas-segregazzjoni u l-protezzjoni ta' l-attiv ċellulari u attiv ieħor tal-kumpannija, u li jistabbilixxu ħtiġiet ta' rapportar u li tiżvela; (b) jeżenta jew jipprovdi għal eżenzjoni ta' dik il-kumpannija minn xi dispozizzjoni ta' dan l-Att jew xi liġi oħra fis-seħħ, suġġett għal dwak il-modifiki, varjazzjonijiet u kondizzjonijiet li jistgħu jkunu speċifikati; (ċ) jagħmel dispożizzjonijiet dwar il-mod u l-forma kif kumpannija ċellulari tista' toħloq u toħroġ

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
	ishma ċellulari u li jagħmel kull provvediment dwar l-attiv ta' kumpannija ċellulari, inkluż il-ħtieġa li l-attiv ta' kumpannija ċellulari għandu jkun ta' klassi jew deskrizzjoni speċifikata, jew kull ħtieġa oħra dwar il-kwalità, in-natura jew ammont ta' dak l-attiv; (d) jagħmel dispożizzjonijiet li jippermettu li ċelluli jew attiv ċellulari attribwibbli għal xi ċellula ta' kumpannija ċellulari jiġu trasferiti lil xi persuna oħra; (e) jagħmel provvedimenti biex ċelluli individwali jiġu konsiderati bħala entitajiet separati u distinti għal dawk l-għanijiet kif jista' jiġi stabilit; (f) jipprovdi għal kull ħaġa konsegwenzjali, inċidentali jew konnessa ma' dan ta' hawn fuq. (2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu — (a) "assigurazzjoni affiljata" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni; (b) "ċellula" tfisser ċellula maħluqa minn kumpannija ċellulari bil-għan li tissegrega u tipproteġi l-attiv ċellulari ta' dik il-kumpannija kif jista' jiġi preskritt; (ċ) "attiv ċellulari" ta' kumpannija ċellulari tfisser l-attiv tal-kumpannija attribwibbli għal xi ċellula tal-kumpannija kif jista' jiġi preskritt; u (d) "kumpannija ċellulari" hi kumpannija formata jew kostitwita bħala tali, jew konvertita f'kumpannija ċellulari u li toħloq fiha ċellula jew aktar bil-għan li tissegrega u tipproteġi l-attiv ċellulari ta' kumpannija b'dak il-mod kif jista' jiġi preskritt.". 2. L-artikolu 168 għandu jiġi emendat kif ġej: Minflok is-subartikolu (3) għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej:

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
	"(3) Il-kumpanniji ta' l-assigurazzjoni għandhom iħarsu regolamenti magħmula taħt l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni dwar il-forma u l-kontenut tal-kontijiet annwali tagħhom jew jekk regolamenti ma jkunux hekk magħmula għandhom jimxu skond kull direttivi maħruġa mill-awtorità kompetenti dwarhom.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 233 tal-25 ta' Ġunju, 1998.

MYRIAM SPITERI DEBONO
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
	"(3) Il-kumpanniji ta' l-assigurazzjoni għandhom iħarsu regolamenti magħmula taħt l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni dwar il-forma u l-kontenut tal-kontijiet annwali tagħhom jew jekk regolamenti ma jkunux hekk magħmula għandhom jimxu skond kull direttivi maħruġa mill-awtorità kompetenti dwarhom.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 233 tal-25 ta' Ġunju, 1998.

MYRIAM SPITERI DEBONO
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati